Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2015[1]

**Kawża C-62/14**

**Peter Gauweiler**
**Bruno Bandulet**
**Wilhelm Hankel**
**Wilhelm Nölling**
**Albrecht Schachtschneider**
**Joachim Starbatty**
**Roman Huber et**
**Johann Heinrich von Stein et**
**u**
**Fraktion DIE LINKE im Deutschen Bundestag**
**vs**
**Deutscher Bundestag**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverfassungsgericht (il-Ġermanja)]

"Politika ekonomika u monetarja — Validità tad-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Settembru 2012 — Karatteristiċi tekniċi relatati mal-operazzjonijiet tax-xiri ta' titoli tad-dejn pubbliku fis-suq sekondarju ['Outright Monetary Transactions' (OMT)] — Stħarriġ tal-kostituzzjonalità nazzjonali ta' atti tal-Unjoni — Atti ultra vires — Identità kostituzzjonali — Kooperazzjoni leali — Ammissibbiltà — Natura ta' att kuntestabbli fil-kuntest ta' proċedura preliminari — Politika ta' komunikazzjoni pubblika tal-Bank Ċentrali Ewropew — Kompetenzi tal-Bank Ċentrali Ewropew — Stabbiltà tal-prezzijiet — Stabbiliment mill-ġdid tal-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja — Artikoli 119 u 127(1) u (2) TFUE — Ċirkustanzi eċċezzjonali — Miżuri mhux konvenzjonali ta' politika monetarja — Prinċipju ta' proporzjonalità — Artikolu 5(4) TUE — Artikolu 123 TFUE — Projbizzjoni ta' finanzjament monetarju tal-Istati Membri taż-żona euro"

Werrej


I – Il-kuntest ġuridiku .......... 4

A – Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni .......... 4

B – Il-kuntest ġuridiku nazzjonali .......... 7


1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

II – Il-fatti u l-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali ..... 8

III – Id-deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 10

IV – Kunsiderazzjoni preliminari: id-diffikultà “funzjonali” tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li tinsab fil-kuntest tal-ġurisprudenza rilevanti tal-BVerfG ..... 13

V – Ammissibbiltà ..... 20

VI – Id-domandi preliminari ..... 24

A – L-ewwel domanda preliminari: l-Artikoli 119 u 127(1) u (2) TFUE, u l-limiti tal-politika monetarja tal-BĊE ..... 24

1. Il-pożizzjoni tal-partijiet intervenjenti ..... 24

2. Analiżi ..... 26

a) Osservazzjonijiet preliminari ..... 26

i) Dwar l-istatus u l-mandat tal-BĊE ..... 26

ii) Il-miżuri mhux konvenzjonali ta’ politika monetarja u l-inkorporazzjoni tal-programm OMT fihom. ..... 28

– Il-miżuri mhux konvenzjonali ta’ politika monetarja, skont il-BĊE ..... 28

– Il-programm OMT bħala miżura mhux konvenzjonali tal-politika monetarja .. 29

b) Il-kompetenzi tal-BĊE u l-programm OMT ..... 30

i) Il-programm OMT u l-politika ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri bħala l-limitu tal-kompetenzi tal-BĊE ..... 30

– Il-politika ekonomika u l-politika monetarja tal-Unjoni ..... 30

– Il-programm OMT fid-dawl tal-kriterji li jiddefinixxu l-politika ekonomika u l-politika monetarja tal-Unjoni ..... 32

ii) L-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-programm OMT (l-Artikolu 5(4) TUE) ..... 36

– Il-motivazzjoni taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw il-programm OMT, premessa ta’ proporzjonalità ..... 37

– It-test ta’ adegwatezza ..... 38

– It-test tan-neċessità ..... 39

– It-test tal-proporzjonalità fis-sens strett ..... 40

– Konklużjoni intermedja ..... 36

c) Risposta għall-ewwel domanda preliminari ..... 43

B – It-tieni domanda preliminari: il-kompatibbiltà tal-programm OMT mal-Artikolu 123(1) TFUE (projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati taż-żona euro) ..... 43

1. Pożizzjoni tal-partijiet intervenjenti ..... 43

2. Analiżi ..... 44

a) Il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati Membri (l-Artikolu 123(1) TFUE) u x-xiri ta' dejn pubbliku mill-BĊE ..... 45

b) Il-programm OMT u l-kompatibbiltà tiegħu mal-projbizzjoni fl-Artikolu 123(1) TFUE. 47

i) Rinunzja tad-drittijiet u status pari passu ..... 48

ii) Riskju ta' inadempjenza ..... 49

iii) Żamma sal-maturitŕ ..... 52

iv) Mument temporali tax-xiri ..... 50

v) Stimolu tax-xiri fis-suq primarju ..... 51

3. Risposta għat-tieni domanda preliminari ..... 52

VII – Konklużjoni ..... 52

1. Permezz ta' stqarrija għall-istampa maħruġa wara l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv fil-5 u s-6 ta' Settembru 2012, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta rendikont ta' deċiżjoni li kienet tistabbilixxi programm ta' xiri ta' titoli tad-dejn pubbliku maħruġa mill-Istati taż-żona euro, li se jingħata l-isem ta' "Outright Monetary Transactions" (tranżazzjonijiet monetarji dwar xiri ta' titoli, iktar 'il quddiem l-"OMT"). L-istqarrija għall-istampa kienet tinkludi d-dettalji tal-karatteristiċi bażiċi tal-imsemmi programm għax-xiri ta' titoli. Madankollu, l-adozzjoni tal-istrumenti legali regolatorji tal-programm ġiet sospiża, u għadha hekk sal-lum.

2. Fl-imsemmija stqarrija għall-istampa, il-BĊE ħabbar li kien dispost jixtri dejn pubbliku tal-Istati taż-żona euro fis-swieq sekondarji taħt ċerti kundizzjonijiet. Fil-qosor, il-BĊE ssottometta l-applikazzjoni tal-programm għall-kundizzjoni li l-Istat jew l-Istati kkonċernati jkunu suġġetti għal programm ta' assistenza finanzjarja mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja jew il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, sakemm tali programm jkun jinkludi l-possibbiltà li jsir xiri fis-suq primarju. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet taħt il-programm OMT għandhom jiffokaw fuq l-iqsar perijodi ta' żmien tal-kurva tar-rendiment, mingħajr ma jistabbilixxu limiti kwantitattivi *ex ante*, filwaqt li jingħata wkoll l-istess trattament (*pari passu*) bħall-kredituri privati u filwaqt li tingħata l-wegħda li l-likwidità ġġenerata tiġi kompletament sterilizzata.

3. B'dan il-mod beda l-programm OMT fil-kuntest u bi tweġiba għal sitwazzjoni kkunsidrata eċċezzjonali għall-vijabbiltà tal-politika monetarja fdata lill-BĊE. Il-kriżi ekonomika internazzjonali li bdiet fl-2008, fl-2010 nbidlet fi kriżi tad-dejn sovran f'diversi Stati taż-żona euro. Fis-sajf tal-2012, minħabba d-dubji tal-investituri rigward il-vijabbiltà tal-euro, diversi Stati Membri taż-żona euro kienu qed jersqu lejn sitwazzjoni finanzjarja insostenibbli minħabba żidiet apparentament interminabbli li ġarrbu l-primjums ta' riskju applikati għat-titoli ta' dejn pubbliku. Ir-"riversibbiltà" tal-euro u r-ritorn sussegwenti għall-muniti nazzjonali deher iddestinat li jsir profezija li twassal għat-twettiq tagħha stess. Huwa f'dan il-kuntest preċiż li fih il-BĊE ħabbar il-programm OMT, ġeneralment meqjus bħala konkretizzazzjoni tal-wegħda tal-President tiegħu, M. Draghi, magħmula ftit ġimgħat qabel ma għamel, fl-ambitu tal-kompetenzi tiegħu, "kull ma kien hemm bżonn" sabiex tiġi rkuprata l-fiduċja fil-munita unika.

4. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża (Bundesverfassungsgericht, iktar 'il quddiem, "BVerfG") indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, u tagħmel dan fir-rigward tal-legalità tal-imsemmi programm OMT. Kif ser jiġi diskuss hawn taħt, il-mistoqsijiet magħmula mill-BVerfG iqajmu diffikultajiet ta' interpretazzjoni importanti li għandha tweġibhom il-Qorti tal-Ġustizzja.

5. L-ewwel punt li jimmerita attenzjoni f'din il-kawża jinsab fil-fatt li l-BVerfG tagħmel id-domanda preliminari fil-kuntest ta' dak li jikkwalifika bħala stħarriġ "*ultra vires*" ta' atti tal-Unjoni, b'riperkussjonijiet fuq l-"identità kostituzzjonali" tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Il-BVerfG tibda bil-evalwazzjoni inizjali li l-att ikkontestat tal-BĊE huwa illegali skont id-dritt kostituzzjonali nazzjonali, u wkoll skont id-dritt tal-Unjoni, iżda, qabel ma tkompli bl-evalwazzjoni tagħha, tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tagħti deċiżjoni mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tindirizza kwistjoni ta' ammissibbiltà, li tiffoka fuq in-natura kuntestabbli ta' ftehim li fil-karatteristiċi bażiċi tiegħu ġew stabbiliti biss permezz ta' stqarrija għall-istampa. Lil hinn mill-apparenzi ta' sempliċi stqarrija għall-istampa li diffiċilment jista' jkun suġġett għal stħarriġ ta' validità, iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, flimkien mar-rwol speċjali tal-komunikazzjoni pubblika fl-attività tal-banek ċentrali, jistgħu jiġġustifikaw tweġiba differenti.

7. Fir-rigward tal-merti tal-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tiffaċċja diffikultajiet li tradizzjonalment kellhom is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza għad-dritt pubbliku. Quddiem il-possibbiltà li tiġi ddiżintegrata ż-żona euro, hija ġiet mistoqsija dwar liema huma s-setgħat tal-BĊE, istituzzjoni li, għall-kuntrarju ta' banek ċentrali oħrajn, hija rregolata minn mandat partikolarment limitat. Il-BĊE sostna li l-programm OMT huwa strument xieraq biex jaffronta sitwazzjonijiet eċċezzjonali, peress li, minkejja n-natura "mhux konvenzjonali" tiegħu u r-riskji li jinvolvi, l-għan tiegħu huwa li jagħmel dak li huwa essenzjali għall-irkupru tal-kapaċità tal-BĊE li juża b'mod effettiv l-istrumenti tiegħu tal-politika monetarja. B'kuntrast ma' dan, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-qorti tar-rinviju stess, għandhom dubju dwar jekk dan huwiex l-għan reali tal-programm, peress li huma jaħsbu li l-għan aħħari ta' dan il-programm huwa li jibdel lill-BĊE f'"sellief tal-aħħar istanza" għall-Istati taż-żona euro.

8. Din is-sitwazzjoni wasslet biex il-BVerfG tgħaddi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-programm OMT mat-Trattati. L-ewwel nett, tistaqsi jekk il-programm jikkostitwixxix miżura ta' politika ekonomika li ma taqax fl-ambitu tal-mandat tal-BĊE, pjuttost milli ta' politika monetarja. It-tieni, tistaqsi jekk il-miżura msemmija tirrispettax il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju stipulata fl-Artikolu 123(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni*

9. It-Titolu VIII tat-Tielet Parti tat-TFUE, intitolat "Politika ekonomika u monetarja", jibda bid-dispożizzjoni tal-bidu li ġejja:

"Artikolu 119

1. Għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-attivitajiet ta' l- Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinkludu, kif provdut fit-Trattati, l-adozzjoni ta' politika ekonomika li tkun ibbażata fuq il-koordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri, fuq is-suq intern kif ukoll fuq id-definizzjoni ta'għanijiet komuni, u li tkun immexxija skond il-prinċipji ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera.

2. Fl-istess waqt u bil-kondizzjonijiet u skond il-proċeduri previsti fit-Trattati, din l-azzjoni għandha tinvolvi munita waħda, l-euro, kif ukoll id-definizzjoni u żvolġiment ta' politika monetarja waħda u ta' politika ta' rata ta' kambju waħda li l-għan primarju tagħhom għandu jkun dak li tinżamm l-istabbilità fil-prezzijiet u, mingħajr preġudizzju għal dan il-għan, li tiġi msaħħa kull politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni, skond il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera.

3. Dawn l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni għandhom jeżiġu li jiġu mħarsa dawn il-prinċipji gwida li ġejjin: prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kondizzjonijiet monetarji sodi u bilanċ tal-pagamenti sostenibbli".

10. Sussegwentement, it-TFUE jipprovdi klawżola li tipprojbixxi l-finanzjament monetarju tal-Istati Membri, kif ġej:

"Artikolu 123

1. Faċilitajiet ta' *overdraft* jew ta' xi tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali ta' l-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "banek ċentrali nazzjonali") favur istituzzjonijiet, korpi u organi ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, reġjonali jew awtoritajiet lokali jew pubbliċi oħra, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku, jew impriżi pubbliċi ta' Stati Membri, għandhom ikunu pprojbiti kif għandu ukoll ikun pprojbit ix-xiri dirett mingħand dawn ta' strumenti ta' debitu mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandhux japplika[...] fil-każ ta' istituzzjonijiet publiċi ta' kreditu li, fil-kuntest tal-provvista ta' riservi mill-banek ċentrali, għandhom jingħataw l-istess trattament mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-Bank Ċentrali Ewropew bħal ma jingħataw istituzzjonijiet ta' kreditu privati."

11. L-għanijiet u l-funzjonijiet bażiċi tal-BĊE huma elenkati fit-TFUE bit-termini li ġejjin:

*"Artikolu 127*

1. L-għan primarju tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "SEBĊ" għandu jkun li żżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' stabbiltà fil-prezzijiet, is-SEBĊ għandha tappoġġa l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib ta' l-oġġettivi ta' l-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Is-SEBĊ għandha tagixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 119.

2. Il-ħidmiet bażiċi li jridu jiġu mwettqa permezz tas-SEBĊ ikunu:

— li tiġi definita u implimentata l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

— li jitwettqu operazzjonijiet ta' kambju konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 219;

— li jinżammu in depositu u jiġu amministrati r-riżervi barranin uffiċjali ta' l-Istati Membri;

— li tiġi promossa l-ħidma bla ostakoli ta' sistemi ta' ħlas.

[…]"

12. L-indipendenza tal-BĊE hija stabbilita u ggarantita fl-Artikolu 130 TFUE permezz tal-kliem li ġejjin:

"Fl-eżerċizzju tas-setgħat u fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tagħhom mgħotija lilhom fit-Trattati u bl-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, la l-Bank Ċentrali Ewropew, u lanqas bank ċentrali nazzjonali, jew membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom ma għandu jfittex jew jieħu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi u organi ta' l-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet, korpi u organi ta' l-Unjoni u tal-gvernijiet ta' Stati Membri jintrabtu li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jfittxux li jinfluwenzaw il-membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-bank ċentrali nazzjonali fil-qadi ta' dmirijiethom."

13. Il-Protokoll Nru 4 li jirrigwarda l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-BĊE jelenka l-istrumenti tal-politika monetarja tal-BĊE, li fosthom jinsabu, għall-finijiet ta' din il-kawża, dawn li ġejjin:

*"Artikolu 18*

Is-suq miftuħ u l-operazzjonijiet ta' kreditu

18.1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

— joperaw fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbiegħu fil-mument (spot and forward) jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli sew jekk f'euro jew f'muniti oħra, kif ukoll f'metalli prezzjużi;

— imexxu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq, meta is-self ikun ibbażat fuq garanziji kollaterali adegwati.

18.2. Il-BĊE jistabbilixxi prinċipji ġenerali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta' kreditu li jitwettqu minnu stess jew mill-banek ċentrali nazzjonali, inkluż għal mod kif jitħabbru il-kondizzjonijiet li taħthom huma jkunu lesti li jidħlu fi tranżazzjonijiet bħal dawn."

14. Fl-1993, qabel l-istabbiliment tal-BĊE u fil-proċess sħiħ ta' tranżizzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 3603/93, tat-13 ta' Diċembru 1993, li jistabbilixxi d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 104 u 104b (1) tat-Trattat [l-Artikolu 123 TFUE] (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 27). Għall-finijiet ta' din il-proċedura, għandna nenfasizzaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-regolament:

"Billi l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 104 tat-Trattat jiġu applikati effettivament u totalment; billi, partikolarment, l-akkwisti fis-suq sekondarju m'għandhomx jintużaw biex jinħarab l-iskop ta' dan l-Artikolu;

[…]

*Artikolu 1*

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 104 tat-Trattat:

a) 'faċilitajiet ta' overdraft' tfisser kull provvista ta' fondi lis-settur pubbliku li tirriżulta jew x'aktarx li tirriżulta fi żbilanċ (ta' dejn);

b) ‘kull tip ieħor ta’ faċilità ta’ kreditu’ tfisser:

i) kull pretensjoni kontra s-settur pubbliku li teżisti fl-1 ta’ Jannar 1994, minbarra pretensjonijiet ta’ maturità fissa akkwistata qabel din id-data;

ii) kull finanzjament ta’ l-obbligi tas-settur pubbliku vis-a-vis partijiet terzi;

iii) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104(2) tat-Trattat, kull negozju mas-settur pubbliku li tirriżulta jew li x’aktarx tirriżulta fi pretensjoni kontra dak is-settur.

[…]”

B – *Il-kuntest ġuridiku nazzjonali*

15. Għall-finijiet ta’ din il-proċedura, għandhom jiġu enfasizzati d-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja:

“Artikolu 1

(1) Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Kull awtorità pubblika għandha l-obbligu li tirrispettaha u tipproteġiha.

(2) Il-poplu Ġermaniż, għalhekk, jirrikonoxxi d-drittijiet tal-bniedem invjolabbli u inaljenabbli bħala pedament ta’ kull komunità umana, għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja.

(3) Id-drittijiet fundamentali li ġejjin jorbtu lis-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji bħala dritt direttament applikabbli.

[…]

Artikolu 20

(1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija Stat federali demokratiku u soċjali.

(2) Is-setgħa kollha tal-Istat tiġi mill-poplu. Din is-setgħa hija eżerċitata mill-poplu permezz ta’ elezzjonijiet u votazzjonijiet u permezz ta’ organi speċjali tas-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji.

(3) Is-setgħa leġiżlattiva hija suġġetta għall-ordni kostituzzjonali; is-setgħat eżekuttivi u ġudizzjarji, għal-liġi u għad-Dritt.

[…]

Artikolu 23

(1) Sabiex tinħoloq Ewropa magħquda, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea li għandha l-obbligu li tissalvagwardja l-prinċipji tad-demokrazija, tal-Istat tad-Dritt, soċjali u federali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tiggarantixxi protezzjoni tad-drittijiet fundamentali paragunabbli essenzjalment għal dawk mogħtija b’din il-Liġi Fundamentali. Għal dan il-għan, il-Federazzjoni tista’ tittrasferixxi setgħat sovrani permezz ta’ liġi li teħtieġ

l-approvazzjoni tal-Bundesrat. Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 79 japplikaw għall-ħolqien tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll għar-riformi tat-Trattati li jistabbilixxu l-Unjoni Ewropea u r-regolamenti simili kollha li permezz tagħhom din il-Liġi Fundamentali tiġi emendata jew ssupplimentata fil-kontenut tagħha jew li jagħmlu tali emendi jew żidiet possibbli.

Artikolu 79

[…]

3) Ma hija permessa ebda emenda ta' din il-Liġi Fundamentali li tista' taffettwa l-organizzazzjoni tal-Federazzjoni f'Länder, jew il-prinċipju tal-parteċipazzjoni tal-Länder fil-liġi, jew il-prinċipji stipulati fl-Artikoli 1 u 20.

[…]

Artikolu 88

Il-Federazzjoni għandha tistabbilixxi bank monetarju u emittenti b'natura ta' Bank Federali. Fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, il-kompiti u r-responsabbiltajiet tiegħu jistgħu jiġu ddelegati lill-Bank Ċentrali Ewropew, li huwa indipendenti u li huwa marbut bl-għan prinċipali li jiggarantixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet."

16. Il-Bundesverfassungsgericht żviluppat ġurisprudenza li skontha dik il-ġurisdizzjoni twettaq stħarriġ tal-kostituzzjonalità ta' atti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fil-każ ta' atti bbażati fuq abbuż ċar tas-setgħat jew atti li jaffettwaw l-"identità kostituzzjonali" tagħhom, kif jirriżulta mill-"klawżola ta' perennità" tal-Artikolu 79, paragrafu 3, tal-Liġi Fundamentali ta' Bonn.

17. F'dak li jikkonċerna l-istħarriġ tal-eċċess manifest tas-setgħat, imsejjaħ "stħarriġ *ultra vires*", il-BVerfG iddikjarat, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Lulju 2010, li dan jista' jiġi eżerċitat biss bl-iktar mod favorevoli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-BVerfG enfasizzat li dan l-istħarriġ jimplika r-rikonoxximent tan-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tagħha tad-dritt tal-Unjoni.

18. Għall-BVerfG, l-istħarriġ ta' natura *ultra vires* ta' att tal-Unjoni jseħħ biss meta jkun evidenti li l-atti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi Ewropej ikunu ġew adottati barra mill-kuntest ta' kompetenza li jkun ġie attribwit lilhom, sakemm dan jinvolvi ksur li jkun "suffiċjentement serju", b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi u l-prinċipju ta' legalità stess tal-Istat tad-Dritt[2].

## II – **Il-fatti u l-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali**

19. Bejn il-bidu tal-2010 u l-bidu tal-2012 il-kapijiet tal-Istat u tal-gvern tal-UE u taż-żona euro adottaw diversi miżuri intiżi biex jindirizzaw il-konsegwenzi serji tal-kriżi finanzjarja li laqtet l-ekonomija dinjija. Peress li l-kriżi finanzjarja saret kriżi ta' dejn sovran f'diversi Stati Membri, sar ftehim, fost inizjattivi oħra, biex jinħoloq b'mod permanenti Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, li l-għan tiegħu huwa li jippreżerva l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona euro billi jagħti assistenza finanzjarja lil kwalunkwe Stat li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu.

2 — Sentenza 126, 286, paġni 303 u 304.

20. Minkejja l-isforzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, il-primjums ta' riskju mitluba fuq l-istrumenti tad-dejn ta' diversi Stati fiż-żona euro ġew miżjuda b'mod sinjifikanti matul is-sajf tal-2012. Iffaċċjati bid-dubji tal-investituri fuq il-vijabbiltà tal-Unjoni monetarja, ir-rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati taż-żona euro enfasizzaw ripetutament in-natura irriversibbbli tal-munita unika. Kien f'dan iż-żmien li l-President tal-BĊE, f'termini riprodotti *ad nauseam*, iddikjara li, fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, se jagħmel kull ma kien meħtieġ biex jiġi ppreżervat l-euro[3].

21. Diversi ġimgħat wara, u kif stipulat fl-att tal-laqgħa Nru 340 tal-5 u s-6 ta' Settembru 2012, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE approva l-aspetti bażiċi tal-programm ta' tranżazzjonijiet monetarji dwar xiri ta' titoli fuq is-suq sekondarju tad-dejn sovran, imsejħa formalment "Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli" (iktar 'il quddiem. "OMT"). Kif iddikjarat fil-kummenti bil-miktub ippreżentati mill-BĊE f'din il-proċedura, f'dik il-laqgħa ġie approvat ukoll abbozz ta' Deċiżjoni dwar it-tranżazzjonijiet monetarji dwar xiri ta' titoli u r-revoka tad-Deċiżjoni BĊE/2010/5, kif ukoll abbozz ta' linji gwida dwar it-twettiq ta' tranżazzjonijiet monetarji dwar xiri ta' titoli. Iż-żewġ proġetti kienu suġġetti għal iktar emendi fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-4 ta' Ottubru u tas-7 u t-8 ta' Novembru 2012.

22. Fis-6 ta' Settembru 2012, il-President tal-BĊE ħabbar fil-konferenza stampa wara l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv l-aspetti prinċipali tal-programm OMT, li jinsabu wkoll fl-istqarrija għall-istampa fl-istess jum disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE bl-Ingliż. Din l-istqarrija hija t-test li jistabbilixxi l-karatteristiċi tekniċi tal-programm OMT, deskritti fit-termini li ġejjin:

"Kif imħabbar fit-2 ta' Awwissu 2012, il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) illum adotta deċiżjonijiet dwar numru ta' karatteristiċi tekniċi relatati ma' tranżazzjonijiet monetarji tal-Eurosistema dwar xiri ta' titoli fis-swieq sekondarji tad-dejn sovran li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw it-trażmissjoni xierqa tal-politika monetarja u n-natura unika ta' din il-politika. Dawn it-tranżazzjonijiet, li jissejħu Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli (OMT, l-akronimu bl-Ingliż), jiġu mwettqa f'dan il-qafas:

Kundizzjonalità Kundizzjoni meħtieġa għat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli hija l-kundizzjonalità stretta u effettiva li tinsab fi programm xieraq tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja/tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (EFSF/MES, l-akronimu bl-Ingliż). Dawn il-programmi jistgħu jinkludu programm komprensiv ta' aġġustament makroekonomiku tal-EFSF/l-MES jew programm prekawzjonarju (Linja ta' Kreditu b'Kundizzjonalità Msaħħa – *Enhanced Conditions Credit Line*)), sakemm dawn jinkludu l-possibbiltà li l-EFSF/l-MES iwettqu xiri ta' titoli fis-suq primarju. Il-parteċipazzjoni tal-FMI għandha tiġi mfittxa wkoll fit-tfassil tal-kundizzjonalità speċifika għal kull pajjiż u fil-monitoraġġ tal-programm. Il-Kunsill Governattiv għandu jikkunsidra t-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli sa fejn dawn ikunu ġġustifikati mill-perspettiva tal-politika monetarja, sakemm il-kundizzjonalità tal-programm tiġi rrispettata bis-sħiħ, u se jissospendihom meta jintlaħqu l-għanijiet tagħhom jew fil-każ ta' nuqqas ta' tlestija tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku jew tal-programm prekawzjonarju. Wara li jkun

3 — It-test litterali tad-diskors ta' M. Draghi kien: "Meta jitkellmu dwar il-fraġilità tal-euro u l-fraġilità li qed tikber tal-euro, kif ukoll dwar il-kriżi tal-euro, ħafna drabi l-Istati jew il-kapijiet tal-pajjiżi li ma jużawx l-euro jissottovalutaw l-ammont ta' kapital politiku investit fl-euro.
U għalhekk aħna nemmnu, u ma nikkunsidrawx lilna nfusna bħala osservaturi imparzjali, li l-euro huwa irriversibbli [...].
Iżda hemm messaġġ ieħor li nixtieq inwassal.
Fi ħdan il-mandat tagħna, il-BĊE huwa lest li jagħmel kulma hu meħtieġ biex jippreżerva l-euro. U emmnuni, ser ikun biżżejjed".
Ara t-test sħiħ u traskritt ta' M. Draghi fuq: http://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2012/html/sp120726.en.html

wettaq valutazzjoni estensiva, il-Kunsill Governattiv għandu jieħu deċiżjoni dwar il-bidu, it-tkomplija u s-sospensjoni tat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli, skont id-diskrezzjoni tiegħu u filwaqt li jaġixxi skont il-mandat tiegħu ta' politika monetarja.

Kopertura It-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli ser jiġu kkunsidrati għal każijiet futuri ta' programmi ta' aġġustament makroekonomiku jew programmi prekawzjonarji tal-EFSF/l-MES, fit-termini speċifikati hawn fuq. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll għall-Istati Membri li bħalissa qegħdin jimplimentaw programm ta' aġġustament makroekonomiku filwaqt li jirkupraw l-aċċess għas-swieq tad-dejn It-tranżazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-iktar termini ta' żmien qosra fil-kurva tar-rendiment, u, b'mod partikolari, fuq il-bonds tal-gvern b'terminu ta' żmien għall-maturità ta' bejn sena u tliet snin. Ma huma stabbiliti ebda limiti kwantitattivi *ex ante* fir-rigward tad-daqs tat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli.

Trattament tal-kredituri L-Eurosistema għandha l-għan li tiċċara fl-att legali li jikkonċerna t-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli li taċċetta li tirċievi l-istess trattament (*pari passu*) bħall-kredituri privati jew kredituri oħrajn, fir-rigward ta' bonds maħruġa minn pajjiżi taż-żona euro u mixtrija mill-Eurosistema permezz tat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet ta' dawn it-titoli.

Sterilizzazzjoni Il-likwidità ġġenerata permezz tat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli għandha tiġi sterilizzata kompletament.

Trasparenza Darba fil-ġimgħa għandu jiġi ppubblikat il-bilanċ akkumulat sa dak il-ħin tat-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli mwettqa kif ukoll il-valur tas-suq korrispondenti tagħhom. Darba fix-xahar għandhom jiġu ppubblikati t-tul ta' żmien medju u d-dettalji skont kull pajjiż.

Programm għas-swieq tat-titoli Wara d-deċiżjoni adottata llum dwar it-Tranżazzjonijiet Monetarji dwar xiri ta' titoli, il-Programm għas-swieq tat-titoli (*Securities Markets Programme* – SMP, l-akronimu bl-Ingliż) jitqies bħala konkluż. Il-likwidità injettata permezz tal-SMP ser tkompli tiġi assorbita bħal ma ġara fil-passat, u t-titoli li kienu jeżistu fil-portafoll tal-SMP ser jinżammu sal-maturità tagħhom".

23. Diversi individwali rikorrenti Ġermaniżi appellaw għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali quddiem il-BVerfG, minħabba li l-Gvern federali Ġermaniż naqas milli jippreżenta rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-aħbar tas-6 ta' Settembru 2012 dwar il-programm OMT.

24. Barra minn hekk, Fraktion DIE LINKE im Deutschen Bundestag (iktar 'il quddiem "Die Linke"), il-partit politiku b'rappreżentanza parlamentari fil-Bundestag, ippreżenta quddiem il-BverfG proċedura ta' tilwima [Organstreitverfahren] bejn korpi kostituzzjonali bil-għan li l-Bundestag jirrevoka l-programm OMT imħabbar mill-BĊE fis-6 ta' Settembru 2012.

## III – **Id-deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

25. Fl-10 ta' Frar 2014, tressqet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-BVerfG, ifformulata fil-kuntest tal-proċeduri mibdija mill-appellanti individwali msemmija iktar 'il fuq u l-grupp parlamentari Die Linke.

26. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma dawn li ġejjin:

“1. a) Id-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, tas-6 ta’ Settembru 2012, dwar Technical features of Outright Monetary Transactions hija inkompatibbli mal-Artikolu 119 u mal-Artikolu 127(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Artikoli 17 sa 24 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, peress li hija teċċedi l-mandat dwar il-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew, irregolat mid-dispożizzjonijiet imsemmija, u tinterferixxi fil-kompetenza tal-Istati Membri?

Jirriżulta, b’mod partikolari, eċċess tal-kompetenza tal-mandat tal-Bank Ċentrali Ewropew meta d-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta’ Settembru 2012

(a) tkun marbuta ma’ programm ta’ għajnuna tal-politika ekonomika tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (kundizzjonalità)?

(b) tipprevedi x-xiri ta’ titoli tal-Istat ta’ ċerti Stati Membri biss (selettività)?

(c) tipprevedi x-xiri ta’ bonds tal-gvern tal-pajjiżi fil-programm flimkien mal-programm ta’ għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (natura parallela)?

(d) tista’ tevita l-limiti u r-rekwiżiti tal-programm ta’ għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (evitar)?

b) Id-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, tas-6 ta’ Settembru 2012, dwar Technical features of Outright Monetary Transactions hija inkompatibbli mal-projbizzjoni tal-finanzjament tal-baġit monetarju, stabbilita fl-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?

Il-kompatibbiltà mal-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hija prekluża, b’mod partikolari, mill-fatt li d-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, tas-6 ta’ Settembru 2012

(a) ma tkun tipprevedi l-ebda limitu kwantitattiv għax-xiri ta’ bonds tal-gvern (volumi)?

(b) ma tkun tipprevedi l-ebda perijodu ta’ żmien bejn il-ħruġ ta’ bonds tal-gvern fis-suq primarju u x-xiri tagħhom permezz tas-sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali fis-suq sekondarju (formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq)?

(c) tippermetti li l-bonds tal-gvern kollha miksuba jinżammu sad-data ta’ skadenza (interferenza fil-loġika tas-suq)?

(d) ma tinkludi l-ebda rekwiżit speċifiku dwar l-eventwali solvenza tal-bonds tal-gvern li jkunu ser jinkisbu (riskju li l-bonds ma jiġux onorati)?

(e) tipprevedi ugwaljanza fit-trattament bejn, minn naħa, is-sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u, min-naħa l-oħra, detenturi privati u detenturi oħra tal-bonds tal-gvern (tnaqqis tad-dejn)?

2. Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li d-deċiżjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, tas-6 ta’ Settembru 2012, dwar Technical features of Outright Monetary Transactions ma hijiex att ta’ korp tal-Unjoni Ewropea li jista’ jkun is-suġġett ta’ talba skont il-punt (b) tal-ewwel paragarfu tal-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

a) L-Artikolu 119 u l-Artikolu 127 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikoli 17 sa 24 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw lis-Sistema Ewropea – b’mod alternattiv jew b’mod kumulattiv,

(a) tissuġġetta x-xiri ta’ bonds tal-gvern għall-eżistenza u għall-osservanza tal-programm ta’ għajnuna tal-politika ekonomika tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (kundizzjonalità)?

(b) tixtri bonds tal-gvern ta’ ċerti Stati Membri biss (selettività)?

(c) tixtri bonds tal-gvern tal-pajjiżi fil-programm flimkien mal-programm ta’ għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (natura parellela)?

(d) tevita l-limiti u r-rekwiżiti tal-programm ta’ għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja jew tal-Mekkanżimu Ewropew għall-Istabbiltà (evitar)?

b) L-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-projbizzjoni tal-finanzjament tal-baġit monetarju, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-Sistema Ewropea hija awtorizzata – b’mod alternattiv jew b’mod kumulattiv,

(a) tixtri bonds tal-gvern mingħajr limiti kwantitattivi (volum)?

(b) tixtri bonds tal-gvern mingħajr perijodi minimi ta’ żmien mill-ħruġ tagħhom fis-suq primarju (formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq)?

(c) iżżomm il-bonds tal-gvern kollha miksuba sad-data ta’ skadenza (interferenza fil-loġika tas-suq)?

(d) tikseb bonds tal-gvern mingħajr rekwiżiti minimi dwar l-eventwali solvenza (riskju li l-bonds ma jiġux onorati)?

(e) taċċetta ugwaljanza fit-trattament bejn, minn naħa, is-sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u, min-naħa l-oħra, detenturi privati u detenturi oħra tal-bonds tal-gvern (tnaqqis tad-dejn)?

(f) bid-dikjarazzjoni tal-intenzjoni ta’ xiri jew b’xi mod ieħor, fl-istess żmien tal-ħruġ tal-bonds tal-gvern mill-Istati Membri fiż-żona tal-Euro, teżerċita influwenza fuq il-formazzjoni tal-prezzijiet (inkoraġġiment għall-ewwel akkwist)?”

27. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti individwali fil-kawża prinċipali għall-protezzjoni tad-drittijiet individwali, Die Linke, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju ta’ Spanja, ir-Repubblika tal-Irlanda u r-Repubblika tal-Finlandja, kif ukoll il-BĊE, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

28. Qabel kollox, għandi niġbed l-attenzjoni li minkejja li l-Parlament Ewropew ippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub u orali, ma huwiex awtorizzat biex jagħmel dan fi proċedura bħal din. Peress li hija deċiżjoni preliminari dwar il-validità fejn l-att ikkontestat ma ġiex adottat minn dik l-istituzzjoni, l-Artikolu 23 tal-Istatut ma jintitolahx biex jipparteċipa f'din il-proċedura bħala parti intervenjenti. Għaldaqstant, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tqis l-osservazzjonijiet bil-miktub u orali mressqa mill-Parlament Ewropew.

29. Is-seduta nżammet fl-14 ta' Ottubru 2014. Fiha pparteċipaw il-partijiet intervenjenti li preċedentement kienu ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, minbarra r-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika tal-Finlandja.

## IV – **Kunsiderazzjoni preliminari: id-diffikultà "funzjonali" tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li tinsab fil-kuntest tal-ġurisprudenza rilevanti tal-BVerfG**

30. Il-digriet tar-rinviju (li permezz tiegħu ssir din it-talba għal deċiżjoni preliminari) għandu l-karatteristika li jiddedika paragrafu introduttorju estensiv għad-dispożizzjonijiet u l-ġurisprudenza nazzjonali li huma meqjusa rilevanti. Naturalment, din il-partikolarità ma hijiex dovuta għaċ-ċitazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li f'dan il-każ huma numru żgħir ta' dispożizzjonijiet kostituzzjonali (l-Artikoli 20, 23, 38, 79 u 88 tal-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minn hawn 'il quddiem "LF"), iżda minħabba l-preżentazzjoni wiesgħa tal-ġurisprudenza tal-BVerfG dwar il-bażi u l-limiti kostituzzjonali tal-integrazzjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-Unjoni Ewropea. F'paragrafu dwar il-"ġurisprudenza tal-BVerfG"[4], id-digriet tar-rinviju jinterpreta l-ambitu ta' ġurisprudenza preċedenti tagħha stess mibnija bażikament permezz tas-sentenzi tagħha tat-12 ta' Ottubru 1993 (*Maastricht*),[5] tat-30 ta' Ġunju 2009 (*Lisboa*)[6] u tas-6 ta' Lulju 2010 (Honeywell)[7], direttament qabel ir-riżoluzzjoni inkwistjoni.

31. Wieħed jista' jaħseb li, bħal f'ħafna każijiet oħra, dan il-paragrafu introduttorju tad-digriet tar-rinviju ma għandu ebda għan ħlief li jgħin lill-Qorti tal-Ġustizzja tqiegħed id-domandi preliminari fil-kuntest tagħhom. Ċertament jagħmel dan, għalkemm ma jistax jingħad li dan il-paragrafu huwa limitat biss biex jirreplika fil-qosor dik il-ġurisprudenza nazzjonali. Fih insibu wkoll evalwazzjonijiet li ma jistgħux jitqiesu bħala minuri[8].

32. Il-preżentazzjoni tal-imsemmija ġurisprudenza nazzjonali b'dan il-mod, li l-ambitu tagħha huwa spjegat lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod preliminari, fil-fehma tiegħi għandha impatt dirett fuq il-*funzjonalità* ta' din id-domanda preliminari. Ovvjament din il-ġurisprudenza kollha hija kumplessa wisq biex nifformula l-interpretazzjoni tiegħi dwarha permezz ta' termini prekawzjonarji. L-osservazzjonijiet partikolari li jakkumpanjaw id-digriet tar-rinviju diġà jiżvelaw perċezzjonijiet differenti dwar l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sentenza Honeywell għal dan il-każ[9].

4 — Punti 17 sa 32.

5 — BVerfGE, 89, 155 (1992).

6 — 123 BverfGE 267 (2009).

7 — 2 BvR 2661/06.

8 — Biżżejjed insemmu, pereżempju, l-argument indirizzat biex jissostanzja għaliex il-kunċett ta' "identità kostituzzjonali" skont il-liġi nazzjonali ma jistax jaqbel mal-"identità nazzjonali" tal-Artikolu 4(2) TUE (il-punt 29 tad-deċiżjoni tar-rinviju).

9 — Ara l-osservazzjonijiet partikolari tal-imħallfin Lübbe-Wolff u Gerhardt dwar id-deċiżjoni tar-rinviju ta' din id-domanda preliminari. B'mod partikolari, ara l-argumenti ta' Lübbe-Wolff (punt 28) u ta' Gerhardt (il-punti 14-18)

33. Bl-iktar mod sempliċi possibbli, mill-kontenut ta' dak il-paragrafu ddedikat għall-ġurisprudenza nazzjonali jirriżulta dan li ġej. F'ċerti każijiet, li għalissa mhux neċessarju li neżaminawhom, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula rigward att partikolari tal-Unjoni, bħal fil-każ preżenti, ma għandhiex neċessarjament tkun element determinanti fir-riżoluzzjoni tal-proċeduri *a quo*. Għall-kuntrarju, ladarba jingħeleb, jekk applikabbli, il-parametru stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, parametru ta' validità *ieħor*, mill-BVerfG, jista' jiġi applikat eventwalment għall-istess att ikkontestat: il-Kostituzzjoni nazzjonali nnifisha.

34. B'mod iktar preċiż, dan il-parametru kostituzzjonali ta' prosekuzzjoni suċċessiva mill-BVerfG ikun jinkludi kemm il-kontenut li ma jinbidilx tal-Kostituzzjoni ("identità kostituzzjonali", li tmur lura għall-Artikolu 79.3 LF), kif ukoll il-prinċipju ta' għoti ta' setgħat (bil-konsegwenzi loġiċi għall-atti tal-Unjoni magħmula "*ultra vires*", impliċitu fl-Artikolu 23.1 LF). Iż-żewġ parametri kostituzzjonali, li ma jeskludux lil xulxin, jistgħu jirrinforzaw lil xulxin [10], kif jidher li jiġri f'dan il-każ. U dawn il-parametri ta' validità (imsejħa "stħarriġ tal-identità" u "stħarriġ *ultra vires*"), skont id-definizzjoni tagħhom, jistgħu jiġu applikati biss mill-BVerfG stess [11].

35. F'dawn it-termini, ma huwiex sorprendenti li diversi Stati li jintervjenu f'din il-proċedura (il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' Spanja) ikkontestaw jew anki ċaħdu, b'intensità differenti, l-ammissibbiltà ta' din id-domanda preliminari. Jekk nerġgħu nissimplifikaw, qiegħed jiġi allegat li d-domanda preliminari ta' validità ma hijiex mekkaniżmu proċedurali mfassal biex jipprovdi stħarriġ, mill-qrati nazzjonali tal-validità tal-atti tal-Unjoni mwettqa minnhom stess, bħal f'dan il-każ, iżda biex jiżgura li dan l-istħarriġ isir quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni esklużiva: il-Qorti tal-Ġustizzja. U fl-istess linja: Jekk il-qorti nazzjonali jkollha l-aħħar kelma dwar il-validità ta' att tal-Unjoni, id-domanda preliminari f'dak il-każ tkun biss konsultattiva, u għalhekk ir-rwol tagħha jiddgħajjef fis-sistema ta' rikorsi pprovduta mit-Trattati [12].

36. Fil-qosor, qorti nazzjonali ma għandhiex tkun tindirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domanda preliminari jekk dan ir-rinviju, jkun jinkorpora, b'mod sostanzjali jew kunċettwali, l-ipoteżi *reali* tad-distakk attwali mir-risposta rċevuta. U dan ma jistax isir peress li ma huwiex ikkunsidrat bħala kopert mill-Artikolu 267 TFUE [13].

37. Wara li ġiet esposta d-diffikultà li niddeskrivi bħala "funzjonali" ta' din id-domanda preliminari, nippremetti minn issa li, fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tindirizzaha bħala parti mir-risposta tagħha għad-domanda magħmula. Ninnota wkoll, madankollu, li dan għandu jsir biss sal-punt fejn jirriżulta li huwa essenzjali għall-finijiet ta' din il-kawża, jiġifieri, l-impatt tagħha fuq il-vijabbiltà tad-domanda preliminari. Għalhekk, jirriżulta li l-importanza, kif ukoll il-konsegwenzi possibbli tal-ġurisprudenza msemmija tal-BVerfG hija inkontestabbli, kif intwera' b'mod suffiċjenti sa minn żmien ilu f'kull tip ta' kumment dottrinali [14]. Biżżejjed insemmi, pereżempju, ir-riferiment li jsir fil-punt 30 tad-digriet tar-rinviju, li skontu l-kunċetti ta' "identità kostituzzjonali" u ta' "stħarriġ *ultra vires*" huma parti mill-wirt kostituzzjonali ta' ħafna Stati Membri.

10 — Il-punt 25 tad-digriet tar-rinviju.

11 — Il-punti 26 u 27 tad-digriet tar-rinviju.

12 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjoni li tinsab fil-paragrafu 11 tal-opinjoni ta' Lübbe-Wolff, iċċitata iktar 'il fuq.

13 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat f'diversi okkażjonijiet li d-domanda preliminari ma tistax isservi bħala proċedura fejn jingħataw opinjonijiet konsultattivi. Skont il-ġurisprudenza, il-ġustifikazzjoni ta' talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex li jingħataw opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għar-riżoluzzjoni effettiva ta' tilwim dwar id-dritt tal-Unjoni (ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi Djabali, (C-314/96, EU:C:1998:104), punt 19; Alabaster, C-147/02, EU:C:2004:192), punt 54, u Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2004:192) punt 42).

14 — Ara, fost l-oħrajn, Paul Craig, "The ECJ and ultra vires action: A conceptual analysis" *Common Market Law Review* (2011) 48; Kumm, M., "Who Is the Final Arbiter of Constitutionality in Europe?", *Common Market Law Review* (1999), 36; Millet, F.-X., "L'Union européenne et l'identité constitutionnelle des États membres", LGDJ, París, 2013; Payandeh, M., "Constitutional review of EU law after Honeywell: Contextualizing the relationship between the German Constitutional Court and the EU Court of Justice", *Common Market Law Review* (2011) 48.

38. Ċertament, fir-rigward ta' dan tal-aħħar, għadd kbir ta' qrati nazzjonali kostituzzjonali u supremi, b'mod pjuttost differenti iżda bi skop essenzjalment preventiv, ikkunsidraw li huwa xieraq li jifformulaw jew jiddikjaraw l-ipoteżi, normalment meqjusa bħala estrema [15], bl-iktar mod ġenerali possibbli, ta' ksur tal-"patt kostituzzjonali" Ewropew sottostanti għall-proċess ta' integrazzjoni, u b'mod iktar preċiż bħala riżultat ta' azzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-korpi tal-Unjoni.

39. Barra minn hekk, bħal fi kwistjonijiet simili oħra, ma naħsibx li hu essenzjali għall-finijiet ta' din il-proċedura li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra r-raġuni wara dawn id-dispożizzjonijiet differenti, li normalment jiġu ddikjarati bħala estremi, u l-ġeneralizzazzjoni ikbar jew iżgħar tagħhom fil-livell tal-Istati Membri, u lanqas il-konformità ikbar jew iżgħar tagħhom mad-dikjarazzjonijiet tal-BVerfG. "One case at a time" [16], għandu jkun l-approċċ korrett f'din l-okkażjoni partikolari. Se nipprova nispjega għaliex nemmen hekk.

40. Il-fatt li din hi l-ewwel darba matul storja wiesgħa li l-BVerfG għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirrikjedix kumment speċjali min-naħa tiegħi, sakemm ma hijiex konferma li l-affarijiet qegħdin jibdew isiru normali. In-*natura iktar densa*, biex ngħidu hekk, tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni tistieden lill-qrati speċifikament kostituzzjonali tal-Istati Membri biex jaġixxu dejjem iktar bħala qrati fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE [17]. L-uniċità ta' din il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tinsab fil-maġġoranza tal-Istati Membri, fil-passat, setgħet tagħti biżżejjed spjegazzjoni tal-fatt li kienu fil-każijiet eċċezzjonali li dawn il-qrati għamlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, kemm fit-tfittxija ta' assistenza ġudizzjarja kif ukoll għal kollaborazzjoni biex jiżguraw l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. L-istampa ġenerali qiegħda tibda tinbidel u din id-domanda preliminari forsi ser tikkonferma dan.

41. Fl-istess ħin, madankollu, dan il-paragrafu preliminari tad-digriet tar-rinviju jenfasizza element qawwi ta' "eċċezzjonaliżmu" fl-inizjattiva BVerfG. Ma huwiex assolutament ċar jekk il-promozzjoni ta' din id-domanda preliminari għandhiex titqies bħala element ta' standardizzazzjoni fis-sens li għadni kif semmejt.

42. Fil-fatt, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li d-domanda preliminari inkwistjoni hija konsegwenza inevitabbli ta' sitwazzjoni kkunsidrata bħala "eċċezzjonali", li għalissa, u b'mod issimplifikat, tista' titqies bħala *ultra vires*: l-evalwazzjoni li tikkonstata li korp jew qorti tal-Unjoni wettqu ksur ikkwalifikat bħala ta' kompetenza li tirriżulta mit-Trattati, iżda fuq il-bażi u l-kundizzjonijiet previsti fil-kostituzzjoni nazzjonali. Għalissa, se niffoka fuq id-dimensjoni *ultra vires* ta' din il-ġurisprudenza, u nwarrab id-dimensjoni tal-"identità kostituzzjonali".

43. Dan il-każ jirrispondi b'mod preċiż għall-preżunzjoni li għadni kif iddeskrivejt. Il-qorti nazzjonali tipproċedi fuq il-bażi tal-prinċipju ta' att *ultra vires* minn organu tal-Unjoni [18]. B'mod iktar speċifiku, u skont id-dritt nazzjonali, din hija "azzjoni prattika *ultra vires* ċara strutturalment rilevanti" [19], b'riperkussjonijiet, f'dan il-każ ukoll, fuq il-kontenut bażiku tal-ordni kostituzzjonali nazzjonali [20].

15 — Ara, minbarra r-riżoluzzjonijiet tal-BVerfG iċċitati iktar 'il fuq fin-noti 5-7, is-sentenzi tal-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż tas-27 ta' Lulju 2006 u tad-9 ta' Ġunju 2011 (id-Deċiżjonijiet Nru 2006-540 DC u Nru 2011-631); id-Dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Spanjola tat-13 ta' Diċembru 2014, 1/2004; is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana 183/1973 u 168/1991; is-sentenza tal-Qorti Suprema Daniża tas-6 ta' April 1998 (I 361/1997); is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2005 tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka (K 18/04) jew is-sentenza tal-Qorti Suprema Brittanika tat-22 ta' Jannar 2014 ([2014] UKSC 3).

16 — Sunstein, C., *One Case at a Time. Judicial Minimalism on the Supreme Court*, Ed., Harvard University Press, Cambridge, 2001.

17 — F'dan ir-rigward, ara Martinico, G., Preliminary Reference and Constitutional Courts : are You in the Mood for Dialogue?, f'Fontanelli, F., Martinico, G. u Carrozza, P., *Shaping Rule of Law through Dialogue : International and Supranational Experiences*, Ed. Europa Law Publishing, Groninga, 2010; Alonso García, R., *Justicia Constitucional y Unión Europea*, it-tieni ed., Ed. Thomson-Civitas, Madrid, 2014; Ukrow, J: "Von Luxemburg lernen heißt Integrationsgrenzen bestimmen Anmerkungen zur Vorlage-Entscheidung des Bundesverfassungsgerichts vom 14. Januar 2014"; Zeitschrift für Europarechtliche Studien, 2014, p. 122, Mayer, F., "Multilevel Constitutional Jurisdiction", f'Bogdandy, A. u Bast, J. (ed.), *Principles of European Constitutional Law*, it-tieni ed., Ed. Hart-Beck-Nomos, 2010 y Komárek, J., The Place of Constitutional Courts in the EU, (2013) 9 *European Constitutional Law Review*.

18 — Ara l-ġurisprudenza tal-BVerfG iċċitata fil-punt 24 tad-digriet tar-rinviju.

19 — Il-punt 33 tad-digriet tar-rinviju.

20 — Ara l-punt 28 tad-digriet tar-rinviju, u r-riferimenti magħmula hemmhekk dwar l-"identità kostituzzjonali".

44. F'dak li jirrigwarda l-funzjonalità ta' din id-domanda preliminari, is-sentenza Honeywell kienet iddikjarat li, f'sitwazzjoni simili, u fil-kuntest ta' stħarriġ *ultra vires* diġà mibdi b'xi mod, għandha "tingħata" lill-Qorti tal-Ġustizzja l-"opportunità" li tiddeċiedi dwar il-validità tal-att ikkontestat, liema dikjarazzjoni l-BVerfG tikkunsidra bħala "interpretazzjoni essenzjalment vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni" [21].

45. Għalissa għandu jiġi mwarrab id-dubju dwar jekk din il-modalità ta' espressjoni tal-qorti tar-rinviju tikkorrispondix biżżejjed għad-dmir tal-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza skont it-tifsira tal-Artikolu 267 TFUE. L-importanti huwa jekk, b'dan il-mod, għandhiex tiġi "mdaħħla" fi proċedura prinċipali li għandha l-għan, mill-bidu tagħha, ta' stħarriġ *ultra vires*, proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-validità ta' dak l-att ikkontestat. Ċertament, kollox jibda mir-rikonoxximent tal-prinċipju li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti, b'mod vinkolanti għall-qorti nazzjonali, l-interpretazzjoni tagħha tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-istħarriġ tal-att ikkontestat. Il-kwistjoni hija, madankollu, iktar problematika.

46. Għalhekk dan tal-aħħar ma jeskludix, kif huwa miżjud immedjatament, u jekk fhimt sew, stħarriġ sussegwenti ("ukoll") min-naħa tal-BVerfG meta huwa "ovvju" li l-att ikkontestat ikun kiser il-prinċipju tal-għoti ta' kompetenzi, filwaqt li huwa mifhum li l-każ imsemmi huwa "ovvju" meta jseħħ b'"mod" li jinvolvi "ksur speċifiku" ta' dan il-prinċipju, u li barra minn hekk jista' jiġi kkaratterizzat bħala "kwalifikat biżżejjed" [22]. Jekk l-interpretazzjoni tiegħi tas-silta li għadni kif semmejt hija korretta, huwa ċar li l-"inseriment", biex ngħidu hekk, tad-domanda preliminari fl-*iter* ta' evalwazzjoni finali tal-azzjoni *ultra vires* mill-qorti tar-rinviju joħloq problemi li niddeskrivi bħala funzjonali.

47. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li din l-istedina, li titqies bħala neċessarja, indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi b'mod preliminari dwar l-att ikkontestat, għalkemm mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni biss, hija ppreżentata bħala espressjoni tar-"relazzjoni ta' kooperazzjoni" li għandu jkun hemm bejn iż-żewġ qrati, liema kunċett huwa maħluq mill-qorti tar-rinviju stess.

48. Din ir-"relazzjoni ta' kooperazzjoni" ma għandhiex kontenut preċiż, iżda huwa ċar li tipprova tkun xi ħaġa iktar mid-"djalogu" vag bejn qrati tal-ġustizzja. Hija bbażata fuq il-kunċett li d-dmir tal-qorti kostituzzjonali federali li tiżgura l-ordni bażiku li jirriżulta mill-kostituzzjoni nazzjonali għandu dejjem jiġi eżerċitat minn tip ta' attitudni miftuħa jew reċettiva fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni ("europarechtsfreundlich"), kunċett li forsi kien jintlaħaq ukoll permezz tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali (l-Artikolu 4(3) TUE).

49. Minn dan tirriżulta l-ambigwità kollha li l-Qorti tal-Ġustizzja tiffaċċja f'din id-domanda preliminari: minn naħa waħda, qorti kostituzzjonali nazzjonali li finalment tassumi l-istatus tagħha bħala qorti nazzjonali tal-aħħar istanza fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, u dan bħala espressjoni ta' relazzjoni speċjali ta' kooperazzjoni u ta' prinċipju ġenerali ta' azzjoni favur dak li jissejjaħ il-"programm ta' integrazzjoni". Min-naħa l-oħra, madankollu, qorti nazzjonali li tfittex li tindirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja, u tagħmel hekk, mingħajr ma twarrab ir-responsabbiltà aħħarija tagħha li tiddeċiedi dwar il-liġi rigward il-kundizzjonijiet u l-limiti kostituzzjonali tal-integrazzjoni fl-Ewropa min-naħa tal-Istat rispettiv tagħha. Din l-ambivalenza hija omnipreżenti fid-domanda preliminari inkwistjoni, li tagħmilha estremament diffiċli li tibqa' kompletament *extra muros* mill-analiżi tal-każ.

21 — Dan huwa litteralment espress fis-sentenza Honeywell, imsemmija preċedentement, kif ittenni l-qorti tar-rinviju fil-punt 24 tad-digriet tar-rinviju.

22 — Sentenza Honeywell, iċċitata iktar 'il fuq, paragrafu 61.

50. Rigward il-problema li niddeskriviha bħala waħda ta' funzjonalità ta' din id-domanda preliminari, nemmen li għandu jibda jiġi eżaminat jekk id-domanda preliminari inkwistjoni tiddependix fuq il-premessi bażiċi li fuqhom hija mibnija din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja msejħa domanda preliminari fit-Trattati sussegwenti, u li fuqhom, strateġikament, ġiet mibnija l-garanzija ġurisdizzjonali tad-dritt tal-Unjoni [23].

51. Barra minn hekk, kieku l-uniku mod biex tiġi interpretata din id-domanda preliminari kien dak li tipproponi b'mod espliċitu r-Repubblika Taljana [24], ma jkun hemm l-ebda għażla ħlief li jiġi kkunsidrat li, lil hinn mill-apparenzi, din ma hijiex *verament* domanda preliminari "ta' 267", iżda xi ħaġa kompletament differenti, xi ħaġa li diffiċli ssibha fit-Trattat.

52. Id-domanda preliminari, fil-fatt, u f'dan il-każ għandhom raġun xi partijiet intervenjenti f'din il-proċedura, qatt ma ġiet stabbilita bħala sempliċi "opportunità" mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja biex "taqbel" mal-qorti nazzjonali, kemm f'evalwazzjoni *ultra vires*, jew xi ħaġa differenti, bil-konsegwenza possibbli li "diskrepanza" eventwali min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tneħħi r-rilevanza tar-risposta mogħtija minn din tal-aħħar. Huwa ċar li din l-evalwazzjoni ma hijiex invalidata mill-attitudni fil-prinċipju miftuħa għal interpretazzjoni partikolari skont l-att ikkontestat. Fl-aħħar nett, f'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari jista' jkollha wkoll konsegwenza finali saħansitra mhux mixtieqa, purament u sempliċiment, li l-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha tinkorpora l-*iter* kawżali li jwassal għall-konsumazzjoni tal-ksur tal-ftehim kostituzzjonali li huwa l-bażi tal-integrazzjoni Ewropea [25].

53. F'dak li jirrigwarda dan il-ftehim tad-domanda preliminari inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju tidher li timplika, dejjem fil-qasam tal-istħarriġ *ultra vires*, li l-parametru jew regola ta' prosekuzzjoni tagħha tal-att ikkontestat jistgħu jkunu *differenti* minn dik tal-Qorti tal-Ġustizzja ("jistgħu ma jkunux kompletament jaqblu") [26]. Dan ikollu l-konsegwenza li jagħmel il-proċedura quddiem il-BVerfG kemxejn *differenti* mill-proċedura preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, kemm il-kawtela li tuża l-BVerfG kif ukoll in-natura tal-argumenti li tressaq [27], iwassluni biex naħseb li, materjalment, il-parametru tal-istħarriġ *ultra vires* ikun kunsiderevolment l-istess.

54. F'dan ir-rigward, dan ir-rinviju jista' jkun prova tajba ta' dan. Fil-fatt, għalkemm parti importanti tas-sentenza tal-validità tad-deċiżjoni kkontestata tal-BĊE tiġi ddeterminata mill-interpretazzjoni mogħtija fl-ambitu tal-kompetenza tal-Bank, b'mod partikolari l-għan primarju tal-"istabbiltà tal-prezzijiet", il-kunċett imsemmi huwa parti integrali kemm tat-Trattat (Artikolu 127(1) TFUE) kif ukoll tal-Kostituzzjoni nazzjonali (Artikolu 88, *in fine*, LF). Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi interpretat l-ambitu tal-istess kunċett, dak tal-"istabbiltà tal-prezzijiet" bħala l-missjoni primarja tal-BĊE, indipendentement mill-fatt jekk dan jinsabx f'regola fundamentali waħda jew oħra, jew fit-tnejn li huma.

23 — Rigward id-domanda preliminari u r-rwol tagħha fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, ara Lecourt, R., *L'Europe des juges*, Ed. Bruylant, Bruselas, 2008 u Ruiz-Jarabo Colomer, *La Justicia de la Unión Europea*, Ed. Thomson-Civitas, Madrid, 2011.

24 — Il-punti 5 sa 12 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Taljan.

25 — Ara l-formulazzjoni, f'termini radikali, ta' de Funke, A., "Virtuelle verfassungsgerichtliche Kontrolle von EU-Rechtsakten: der Schlussstein?: Anmerkung zu BVerfGE 126, 286 (Honeywell bzw. Mangold-Urteil EuGH), Zeitschrift für Gesetzgebung, 26, nº. 2, 2011, p. 172. F'termini oħra, ara wkoll Hobe, S., "Abkehr von Solange? – Die Entscheidungen des Bundesverfassungsgerichts zur Vorratsdatenspeicherung und zu Honeywell, en Sachs, M. y Siekmann, H. *Der grundrechtsgeprägte Verfassungsstaat Festschrift für Klaus Stern zum 80. Geburtstag* Ed. Duncker & Humblot, Berlín, 2012, p. 753.

26 — Il-punt 26 tad-digriet tar-rinviju.

27 — Skont il-BVerfG, fil-"każijiet limitu" tal-qbiż tal-kompetenzi mill-Unjoni l-perspettivi ta' qorti jew oħra jistgħu ma jaqblux "kompletament" peress li, minn naħa waħda, l-Istati Membri jibqgħu jkunu "l-awturi tat-Trattati" u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-Unjoni ma huwiex qiegħed f'pożizzjoni (preċedenza jew applikazzjoni prijoritarja) bħad-dritt tal-Federazzjoni rigward il-Länder (supremazija).

55. Madankollu, skont id-digriet tar-rinviju ma huwiex biss il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi (*ultra vires*) li huwa kkontestat fil-kawża prinċipali, iżda wkoll l-"identità kostituzzjonali" tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u dan fir-rigward tal-konsegwenzi li l-att ikkontestat jista' jwassal għalihom għall-korp kostituzzjonali nazzjonali li huwa mitlub essenzjalment li jesprimi r-rieda taċ-ċittadini. "Stħarriġ ultra vires" u "stħarriġ tal-identità", fit-terminoloġija tal-BVerfG, f'dan il-każ jikkonverġu fil-kawża prinċipali.

56. Madankollu, il-kwistjoni tal-parametru ta' stħarriġ differenti li għandu jiġi applikat minn qorti waħda jew oħra terġa' tidher f'din il-parti tad-digriet tar-rinviju. Għalhekk, f'dak li jirrigwarda b'mod speċifiku l-"istħarriġ tal-identità", il-BVerfG litteralment tipproponi li "fir-rigward tal-kooperazzjoni eżistenti hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti interpretazzjoni tal-miżura. Il-BVerfG min-naħa l-oħra għandha tiddetermina l-kontenut essenzjali inaljenabbli tal-identità kostituzzjonali kif ukoll tevalwa jekk il-miżura (kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja) tinterferixxix f'dan il-kontenut essenzjali" [28].

57. Għal darb'oħra, hawnhekk għandhom jiġu introdotti serje ta' kunsiderazzjonijiet ta' ċerta entità. Madankollu se nillimita ruħi biex nissuġġerixxi, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi eżaminata ipoteżi oħra, li, f'dan il-każ, fejn kollox jidher jindika li "stħarriġ ultra vires" u "stħarriġ tal-identità" huma marbutin intrinsikament, jibqgħu jkunu validi d-diffikultajiet diġà msemmija peress li jintroduċu differenza fil-parametri ta' stħarriġ bejn il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-kompitu tal-BVerfG.

58. Fi kwalunkwe każ, f'dan l-istadju tar-riflessjoni tiegħi se nifformula xi kummenti ġenerali.

59. L-ewwel wieħed huwa li naħseb li huwa kompitu kważi impossibbli li tiġi pprezervata *din* l-Unjoni, kif inhi attwalment, jekk tiġi suġġetta għal riżerva assoluta, kemm kemm speċifikata u prattikament liberament disponibbli għal kull wieħed mill-Istati, inkorporati f'kategorija msejħa ta' "identità kostituzzjonali", u dan iktar u iktar jekk tiġi ddikjarata bħala differenti, *jew fi kwalunkwe każ li ma taqbilx*, ma' dik tal-"identità nazzjonali" li tinsab fl-Artikolu 4(2) TUE.

60. Tali "riżerva ta' identità", ikkonfigurata indipendentement u interpretata mill-korpi kompetenti, spiss ġurisdizzjonali, tal-Istati Membri, li n-numru tagħhom kemm kemm jiġi mfakkar li llum huwa 28, probabbilment tħalli l-ordinament tal-Unjoni f'pożizzjoni residwa, mill-inqas kwalitattivament. Mingħajr ma nidħlu f'dettalji, u mingħajr ebda intenzjoni ta' valutazzjoni, nemmen li l-karatteristiċi ta' dan il-każ jistgħu jkunu eżempju tajjeb tax-xenarju li għadni kif semmejt.

61. It-tieni, naħseb li huwa xieraq li jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ilha taħdem għal ħafna snin bil-kategorija ta' "tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni" tal-Istati Membri meta tkun qed tfittex ispirazzjoni fil-bini tas-sistema tal-valuri li l-Unjoni hija bbażata fuqhom [29]. B'mod partikolari, f'dawn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni l-Qorti tal-Ġustizzja fittxet, preferibbilment, li tistabbilixxi kultura ta' drittijiet, il-kultura tad-drittijiet tal-Unjoni. L-Unjoni għalhekk kisbet il-karattru, mhux biss ta' komunità ta' dritt, iżda wkoll "komunità ta' kultura kostituzzjonali" [30]. Din il-kultura kostituzzjonali komuni tidher bħala parti mill-identità komuni tal-Unjoni, bil-konsegwenza importanti, fil-fehma tiegħi, li l-identità kostituzzjonali ta' kull Stat Membru, li hija evidentement speċifika kemm meħtieg, ma tistax tippożizzjoni ruħha f'distanza astronomika minn dik il-kultura kostituzzjonali komuni, biex ngħidha b'mod prudenti. Għall-kuntrarju ta' dan, attitudni miftuħa mifhuma sewwa rigward id-dritt tal-Unjoni għandha tispira fit-terminu medju u twil prinċipju ta' konverġenza bażika bejn l-identità kostituzzjonali tal-Unjoni u dik ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

28 — Il-punt 27 tad-digriet tar-rinviju.

29 — Ara Pizzorusso, *Il patrimonio costituzionale europeo*, Ed. Il Mulino, Bolonia, 2012, capítulos IV u V.

30 — Ara Vosskuhle, A., "Der Europäische Verfassungsgerichtsverbund", *TranState Working Papers* n° 16, Staatlichkeit im Wandel – Transformations of the State, Bremen, 2009, p. 22, li jiċċita lil Häberle, P., *Europäische Verfassungslehre*, is-6 ed. Ed., Ed. Nomos, Baden-Baden, 2009, p. 478 *et seq.*

62. Jekk nerġgħu nitkellmu fuq id-diffikultà funzjonali tad-domanda preliminari, inqis li r-riskju ta' "strumentalizzazzjoni" tagħha, f'kuntest ta' evalwazzjoni *nazzjonali* ta' allegat "stħarriġ *ultra vires*" flimkien ma' "stħarriġ ta' identità", huwa reali biżżejjed biex jiġi kkunsidrat jekk ikunx possibbli ftehim alternattiv li jippermetti li tiġi megħluba d-diffikultà msemmija hawn fuq. Fil-fehma tiegħi, din l-interpretazzjoni alternattiva hija possibbli, filwaqt li jitqiesu dawk li jidhru li kienu l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni legali, li joperaw simultanjament mal-potenzjal tal-prinċipju ta' koperazzjoni leali (Artikolu 4(3) TUE). Fil-qosor, dan jinvolvi l-isfruttament tal-virtujiet tal-ambigwità diġà msemmija li d-domanda preliminari hija mdawra biha.

63. Wieħed ma għandux jinsa li, minkejja kollox, l-impenn, jekk nistgħu nsejħulu hekk, li tiġi magħmula domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li huwa inkorporat bħala novità fis-sentenza tal-BVerfG tas-6 ta' Lulju 2010 (Honeywell) sabiex, kif ġie rikonoxxut b'mod wiesa', iżomm djalogu miftuħ bejn il-qrati, b'tali mod li dan id-djalogu jkompli billi jsir dak kollu li jkun meħtieġ skont il-kawża[31]. Minn din il-perspettiva, il-previżjoni tad-domanda preliminari tinkorpora tentattiv leali biex l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li twettaq l-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti li tinbena biżżejjed ir-risposta għat-talbiet fil-proċeduri prinċipali. Ir-riżultat finali mixtieq għandu jkun dak li stħarriġ suċċessiv eventwali mibni fuq il-bażi tal-parametri kostituzzjonali, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jwassal għal ebda konklużjonijiet milħuqa f'kontradizzjoni miftuħa mar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja.

64. Barra minn hekk, huwa ċar li l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali japplika wkoll għall-qrati, inklużi ż-żewġ qrati kkonċernati f'din il-kawża importanti[32]. Din il-lealtà reċiproka hija iktar u iktar urġenti f'dawk il-każijiet fejn qorti suprema ta' Stat Membru, fl-eżerċizzju responsabbli tal-kompetenzi kostituzzjonali tagħha, u mingħajr ma tidħol f'kunsiderazzjonijiet oħra, lealment tressaq it-tħassib tagħha dwar deċiżjoni partikolari ta' organu tal-Unjoni. Dan il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jobbliga naturalment lill-qorti nazzjonali, peress li hija parti mir-responsabbiltà tagħha stess li tagħtiha forma u effett. Sa fejn hija kkonċernata l-Qorti tal-Ġustizzja, nifhem li dan il-prinċipju, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jobbligaha dan b'mod doppju.

65. L-ewwel nett, u fil-mertu, għandu jiġi indikat li dan jobbligaha tirrispondi bl-ikbar lealtà possibbli għal domanda mressqa min-naħa tagħha bil-lealtà kollha, li ma għandu jkun hemm ebda dubju dwar dan. B'mod partikolari, għalkemm, filwaqt li tesponi d-dubji serji li hija għandha fir-rigward tal-validità jew tal-interpretazzjoni tal-att inkwistjoni, il-qorti nazzjonali kienet partikolarment espliċita fil-lingwaġġ tagħha, dan għandu jiġi interpretat bħala espressjoni tal-livell ta' tħassib tagħha f'dan ir-rigward. Nifhem li dan huwa s-sens tas-sejħa tal-gvern Ġermaniż għal trattament "kostruttiv" ta' dan il-każ[33].

66. It-tieni nett, u dan speċjalment f'dan il-mument, il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali jeħtieġ mill-Qorti tal-Ġustizzja sforz partikolari indirizzat biex joffri risposta fil-mertu għad-domanda magħmula, lil hinn mid-diffikultajiet kollha li jsir riferiment abbundanti għalihom. Dan ifisser min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja t-tqegħid f'sitwazzjoni speċifika rigward id-destin finali tar-risposta tagħha.

67. B'mod speċifiku, din l-ipoteżi tikkonsisti f'li ma tiġix eskluża, u saħansitra l-fiduċja li tibbaża fuq il-fatt li l-qorti nazzjonali, fid-dawl u fil-kunsiderazzjoni tar-risposta pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja, u mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħha, tikkunsidra r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula bħala determinanti għall-proċeduri inkwistjoni.

31 — Ara wkoll l-inizjattiva, ftit xhur qabel, ta' grupp ta' 35 avukat li tipproponi l-adozzjoni ta' dispożizzjoni fil-Liġi tal-BVerfG, bħala reazzjoni għan-nuqqas ta' riferiment għar-relazzjoni ta' kooperazzjoni fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2009. Inizjattiva disponibbli fuq www.europa-union-de/fileadmin/files_eud/Appell_Vorlagepflicht_BVerfG.pdf

32 — Ara, f'dan ir-rigward, Streinz, R., "Der Kontrollvorbehalt des BVerfG gegenüber dem EuGH nach dem Lissabon-Urteil und dem Honeywell-Beschluss", f'Sachs, M. u Siekmann, H. *Der grundrechtsgeprägte..., op. cit.*, p. 978.

33 — Dan ġie espress mill-gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-osservazzjoni bil-miktub u orali tagħha f'din il-proċedura, fejn enfasizza l-ħtieġa li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta t-Trattati f'din il-kawża b'tali mod li jiġi evitat kunflitt bejn il-komponenti essenzjali tal-ordni kostituzzjonali tal-Istati Membri u d-dritt tal-Unjoni.

Il-kooperazzjoni leali tinkorpora element ta' fiduċja, u din il-fiduċja jista' jkollha tifsira speċjali f'dan il-każ. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li din id-domanda preliminari tidher li ġiet ikkonfigurata mill-BVerfG f'termini li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tawgura, fil-limiti tar-raġuni, li din il-qorti tqis ir-risposta li tirċievi bħala suffiċjenti u definittiva, peress li tista' tkun biżżejjed biex din ikollha biżżejjed parametri biex tiddeċiedi dwar it-talbiet magħmula fil-proċedimenti inkwistjoni[34]. Il-"pjan direzzjonali" li l-BVerfG stess jindika f'Honeywell jista' jasal biex jikkonferma dan l-approċċ[35].

68. Jekk din id-dijanjosi tas-sitwazzjoni hija aċċettabbli, nemmen li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiffoka fuq il-problema ta' "funzjonalità" li hija mqajma f'din id-domanda preliminari, filwaqt li twarrab diversi ipoteżi differenti minn dawk li għadni kif issuġġerejt, li jistgħu jitqiesu bħala estremi, diffiċli li jiġu kkontemplati u, finalment, mhux biżżejjed biex jiċħdu risposta fil-mertu għad-domandi magħmula f'din id-domanda preliminari.

69. Għalhekk, u bħala l-ewwel konklużjoni intermedja, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-kwistjoni hija adattata biex tingħata risposta fil-mertu.

## V – **Ammissibbiltà**

70. Numru kbir ta' Stati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet f'din il-proċedura, qajmu problema ta' ammissibbiltà fir-rigward tad-domandi magħmula b'mod prinċipali, li jirrigwardaw kwistjoni ta' validità li taffettwa att, il-programm OMT, nieqes minn effetti legali fuq terzi.

71. Fil-qosor ħafna, il-partijiet intervenjenti msemmija jenfasizzaw in-natura mhux definittiva, li tista' tissejjaħ anke "preparatorja", tal-att miftiehem fis-6 ta' Settembru 2012, li skontu l-Kunsill Governattiv iddeċieda li jadotta l-kriterji ċentrali li jirregolaw l-imsemmi programm li l-approvazzjoni tiegħu għadha ma hijiex finali. Kif ikkonferma l-BĊE, fl-imsemmija laqgħa sar qbil dwar ċerti kriterji, iżda mhux dwar il-programm OMT bħala tali. L-istħarriġ tal-validità ta' dan il-programm jista' jsir biss meta l-Kunsill Governattiv, skont is-sistema tal-atti prevista fl-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew, jadotta formalment il-programm u ssir il-pubblikazzjoni tiegħu.

72. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, tista' tappoġġja din l-interpretazzjoni. Il-ġurisprudenza stabbilita fir-rikorsi għal annullament tmur kontra l-kontestazzjoni tal-atti mingħajr effetti ġuridiċi[36]. Fil-kuntest partikolari tad-domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fil-passat l-inammissibbiltà domandi preliminari għal eżami ta' validità ta' att atipiku, mhux ippubblikat u mingħajr effetti vinkolanti[37]. Skont uħud mill-intervenjenti f'din il-kawża, din hija s-sitwazzjoni tal-programm OMT imħabbar fis-6 ta' Settembru 2012 fil-konferenza stampa tal-President tal-BĊE u segwit minn stqarrija għall-istampa li tagħti dettalji dwar l-aspetti tekniċi ewlenin tiegħu.

34 — Il-potenzjalità tal-klawżola tar-rispett għall-identità nazzjonali (Artikolu 4(2) TUE) fil-kuntest ta' domanda preliminari eventwali min-naħa tal-BVerfG hija xi ħaġa li fadlilha biex tkun magħluqa (ara Dederer, H.-G., "Die Grenzen des Vorrangs des Unionsrechts", *JuristenZeitung*, 7/2014). Ara, f'dan ir-rigward, is-suġġeriment tal-Kummissjoni dwar estensjoni preċedenti tal-parametru ta' stħarriġ Ewropew, forsi f'domanda preliminari sussegwenti, għall-eventwalità improbabbli li l-BVerfG tiddeċiedi li tiddikjara n-natura *ultra vires* tal-att tal-Unjoni minkejja risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja li tapprova l-legalità tiegħu (punt 37 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni).

35 — F'dan ir-rigward, il-BVerfG tqis (punt 66 tas-sentenza Honeywell) li s-salvagwardja tal-prinċipju ta' integrazzjoni għandha twassal għal eżerċizzju tal-istħarriġ *ultra vires* li hi stess tiddeskrivi bħala "prekawzjonarju" ("zurückhaltend"). Lil hinn minn dan, in-natura speċifika tal-metodi ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha twassal lill-qorti nazzjonali stess biex ma tissostitwixxix il-metodi tagħha ta' interpretazzjoni minflok dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan is-sens il-qorti nazzjonali tiddikjara li tkun iġġustifikata "aspettattiva" tal-Qorti tal-Ġustizzja li tara rrikonoxxut ċertu livell ta' tolleranza quddiem ineżattezzi potenzjali ("Anspruch auf Fehlertoleranz").

36 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi tal-kawżi Portland-Cement-Fabriken vs Il-Kummissjoni (8/66 sa 11/66, EU:C:1967:7),, punt 91; 133/79, Sucrimex vs Il-Kummissjoni (133/79, EU:C:1980:104), punti 12 sa 19 u Gauff vs Il-Kummissjoni (182/80, EU:C:1982:78) punt 18.

37 — Sentenza Friesland Coberco Dairy Foods (C-11/05, EU:C:2006:312) punti 38 sa 41.

73. Għar-raġunijiet li se nispjega iktar 'il quddiem, nifhem madankollu li l-programm OMT jikkostitwixxi att li l-validità tiegħu tista' tiġi evalwata fi proċedura preliminari ta' eżami tal-validità. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq żewġ raġunijiet differenti. L-ewwel nett, nemmen li l-fatt li dan huwa att li jistabbilixxi prinċipalment programm ġenerali ta' azzjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni huwa kruċjali. It-tieni nett, jidher li huwa neċessarju li tingħata attenzjoni lill-importanza partikolari li għandha l-komunikazzjoni pubblika għall-BĊE fl-implementazzjoni tal-politika monetarja kontemporanja.

74. Mill-ewwel snin ta' attività, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet bħala rekwiżit biex jiġu kkontestati l-atti l-okkorrenza ta' natura vinkolanti u kapaċità ta' produzzjoni ta' effetti legali[38]. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa flimkien, għalkemm xi kultant, bħal fil-każ tal-istħarriġ preliminari ta' validità ta' rakkomandazzjonijiet, jidhru b'mod differenti[39].

75. Madankollu, nemmen li ż-żewġ rekwiżiti huma meqjusa b'mod differenti skont id-destinatarju dirett tal-att ikkontestat. Kif ser nispjega, il-ġurisprudenza tirriżulta iktar flessibbli fl-applikazzjoni taż-żewġ rekwiżiti meta l-att ikkontestat jikkostitwixxi miżura ta' tfassil ta' programm ġenerali ta' azzjoni, immirata biex tgħaqqad l-awtorità stess ta' din id-deċiżjoni, milli meta l-att ikun fih miżura li tistabbilixxi r-relazzjonijiet ġuridiċi ma' terzi. Ir-raġuni hija bbażata fuq il-fatt li l-programmi ġenerali ta' azzjoni ta' setgħa pubblika jistgħu jintwerew b'mod atipiku u, madankollu, għandhom il-kapaċità li jinfluwenzaw direttament is-sitwazzjoni ġuridika tal-individwi partikolari. Għall-kuntrarju, il-miżuri li l-benefiċjarji diretti tagħhom huma individwi għandhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet ta' forma u sustanza, inkella jiġu kkunsidrati bħala ineżistenti.

76. Programm ġenerali ta' azzjoni, bħal dak ikkontestat hawnhekk, jista' jiġi espress permezz ta' tekniki atipiċi, jista' jkun indirizzat lill-awtorità stess awtriċi ta' dan l-att, jista' jkun formalment ineżistenti mill-perspettiva esterna, iżda l-fatt li dan għandu l-kapaċità li jinfluwenza b'mod deċiżiv is-sitwazzjoni ġuridika ta' terzi jiġġustifika l-fatt li t-trattament tiegħu bħala "att" jiġi trattat b'approċċ antiformalist. Inkella jkun hemm riskju li istituzzjoni tiżnatura is-sistema tal-atti u l-garanziji ġudizzjarji korrispondenti tagħha, fejn atti maħsuba għall-estern jiġu moħbija taħt il-forma ta' programmi ġenerali.

77. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja wriet flessibbiltà speċjali fl-indirizzar ta' dan it-tip ta' programmi ġenerali ta' azzjoni bil-kapaċità li jipprovdu effetti esterni.

78. Is-sentenza Il-Kummissjoni vs. Il-Kunsill ("AETR")[40], mogħtija fl-1971, tikkostitwixxi punt ta' tluq importanti, peress li fiha ġiet diskussa, fost l-oħrajn, il-kundizzjoni ta' att ta' deliberazzjoni tal-Kunsill dwar in-negozjar u l-konklużjoni, mill-Istati Membri, ta' ftehim internazzjonali. Fil-fehma tal-Kunsill, din id-deliberazzjoni ma tikkostitwixxix, fl-għamla jew fl-għan jew fil-kontenut tagħha, att li jista' jiġi kkontestat, iżda ftehim politiku bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-Kunsill, mingħajr ebda skop li toħloq dritt, timponi obbligu jew timmodifika sitwazzjoni ġuridika.

79. Fl-analiżi tal-argumenti tal-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-"miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun in-natura jew l-għamla tagħhom, maħsuba biex jipproduċu effetti ġuridiċi"[41] għandhom ikunu suġġetti għal stħarriġ ġurisdizzjonali. Wara li eżaminat il-ftehim ikkontestat, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat primarjament żewġ karatteristiċi: l-ewwel, li l-ftehim ma kienx l-espressjoni ta' koordinazzjoni volontarja, iżda r-rifless ta' linja ta' kondotta obbligatorja[42]; u t-tieni, li dak li ġie adottat f'dan il-ftehim jista' jikkostitwixxi preżunzjoni ta' "eċċezzjonijiet għall-proċeduri stabbiliti mit-Trattat"[43].

38 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota 36.

39 — Ara s-sentenzi Grimaldi (322/88, EU:C:1989:646) punti 8 u 9 u Deutsche Shell (188/91, EU:C:1993:24) punt 18.

40 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (22/70, EU:C:1971:32).

41 — *Ibidem*, punt 42.

42 — *Ibidem*, punt 53.

43 — *Ibidem*, punt 54.

80. Bl-istess mod, u flimkien mad-dikjarazzjoni ta' prinċipju tas-sentenza AETR (EU:C:1971:32), il-Qorti tal-Ġustizzja tat attenzjoni speċjali liċ-*ċirkustanzi* li fihom ġie adottat l-att ikkontestat. Minbarra l-komponent oġġettiv deskritt preċedentement, il-kuntest tal-adozzjoni tal-att jista' jipprovdi evidenza addizzjonali li tikkonferma l-intenzjoni tal-awtur tal-att li jkollu effett fuq partijiet terzi, jew l-għarfien tal-awtur tal-impatt potenzjali estern fuq il-miżura. Ir-rilevanza taċ-ċirkustanzi ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Franza vs Il-Kummissjoni[44], fejn ġiet ikkonfermata l-possibbiltà ta' kontestazzjoni ta' istruzzjoni interna tal-Kummissjoni, minħabba l-fatt li din setgħet tiġi distinta minn sempliċi istruzzjoni ta' dipartiment "kemm minħabba ċ-ċirkustanzi li ġiet adottata fihom kif ukoll minħabba l-mod kif ġiet żviluppata, miktuba u ppubblikata"[45].

81. Bil-ġurisprudenza msemmija bħala sfond, ser nanalizza n-natura kontestabbli tal-att li l-qorti tar-rinviju qiegħda tikkontesta l-validità tiegħu.

82. Il-programm OMT huwa miżura, għall-inqas fil-preżentazzjoni formali tiegħu, b'karatteristiċi atipiċi. Huwa ġie mfassal fi ħdan il-Kunsill Governattiv tal-BĊE fil-5 u s-6 ta' Settembru 2012, huwa rifless fl-att korrispondenti ta' dik il-laqgħa, li jħalli għal stqarrija għall-istampa futura d-deskrizzjoni tal-karatteristiċi tekniċi tiegħu. Għalhekk, f'konferenza stampa mogħtija mill-President tal-istituzzjoni, b'tixrid sussegwenti ta' stqarrija għall-istampa bl-Ingliż fuq is-sit internet tal-BĊE, fejn jingħataw dettalji dwar il-karatteristiċi tekniċi tal-programm. Il-pubblikazzjoni u t-tixrid tal-programm fuq l-internet huwa l-uniku test bil-miktub "uffiċjali" tal-programm OMT, minbarra l-abbozzi tad-Deċiżjoni u linji gwida, kif ipprovdut mill-BĊE f'din il-proċedura, iżda li għadhom dokumenti interni tal-istituzzjoni, pendenti l-approvazzjoni finali u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali. Dawn l-abbozzi jiddeskrivu fid-dettall dak li tiddikjara l-istqarrija għall-istampa f'termini ġenerali, iżda wkoll bi preċiżjoni kunsiderevoli.

83. Ma hemm ebda dubju li l-programm OMT huwa deċiżjoni b'kontenut preċiż, suġġett ta' diskussjoni ta' jumejn u l-karatteristiċi ewlenin tiegħu ġew approvati fi ħdan il-Kunsill Governattiv. Bl-istess mod, il-pubblikazzjoni tal-karatteristiċi bażiċi tal-programm, kemm fil-konferenza stampa kif ukoll bil-miktub permezz tas-sit internet tal-BĊE tikkonferma r-rieda ċara tal-istituzzjoni li tiżvela dak li ġie miftiehem preċedentement fi ħdan il-Kunsill Governattiv. Dan huwa programm ġenerali ta' azzjoni, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandu jaġixxi taħthom il-BĊE f'xenarju ta' blokkar tal-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, iżda huwa wkoll miżura li għandha direttament effett estern. Kieku ma kienx hekk, ma kienx jitħabbar bl-ikbar diffużjoni f'konferenza stampa u l-aspetti tekniċi tiegħu ma kinux jiġu ppubblikati fis-sit internet tal-BĊE.

84. Barra minn hekk, iċ-ċirkustanzi tal-programm OMT jidhru li jikkonfermaw li l-għan tal-BĊE kien li "jintervjeni" fis-swieq, forsi b'mod mhux konvenzjonali, u biss permezz tat-tħabbira tal-programm. Id-diskors imsemmi hawn fuq tal-President tal-BĊE fis-26 ta' Lulju 2012 f'Londra, li jħabbar l-adozzjoni tal-miżuri kollha neċessarji sabiex "isalva l-munita komuni", il-konferenza stampa tat-2 ta' Awwissu wara l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv ta' dak inhar, kif ukoll is-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha dak il-mument diversi Stati Membri fis-swieq tad-dejn pubbliku, jikkonfermaw li l-għan tal-BĊE meta ħabbar il-programm OMT ma kienx sempliċement li jagħti kont tal-ħidmiet interni ta' inizjattiva li għadha fil-fażi ta' diskussjoni, iżda wkoll li jikkawża effett permezz tat-tħabbir tal-ħolqien ta' programm potenzjalment ambizzjuż immirat, kif allegat, biex jindirizza xi wħud mid-diffikultajiet li kienu jiffaċċjaw f'dak il-mument il-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Prova ta' dan huwa l-impatt sostanzjali li, skont l-indikazzjonijiet kollha, kellha l-aħbar tal-programm fuq is-swieq finanzjarji , u li, skont il-BĊE u l-Kummissjoni għadu jeżisti wara iktar minn sentejn.

44 — Sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (366/88. EU:C:1990:348).

45 — *Ibidem*, punt 10.

85. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li l-programm OMT ma jirriflettix il-komunikazzjoni ta' sempliċi att individwali, iżda l-aħbar ta' programm regolatorju kollu, *pro futuro*, b'kundizzjonijiet relattivament preċiżi u b'għan regolatorju. Minħabba l-kontenut tiegħu, jista' jingħad li fis-6 ta' Settembru 2012 il-BĊE ma ħabbarx deċiżjoni minuri. Għall-kuntrarju, dik il-ġurnata saru magħrufin id-dettalji ta' miżura b'sinjifikat ċar għaż-żona euro, maħsuba, minkejja li n-natura mhux kompleta, biex isservi matul iż-żmien.

86. Huwa f'dan l-istadju li għandu jsir riferiment għat-tieni waħda miċ-ċirkustanza li jidhirli li huma rilevanti sabiex jiġu mistħuda l-oġġezzjonijiet għall-ammissibbiltà. Huwa imperattiv li jitqies li, f'dan il-każ, qed niffaċċjaw att ta' komunikazzjoni pubblika ta' Bank ċentrali, li jkopri programm ta' azzjoni għall-politika monetarja. L-atti ta' komunikazzjoni pubblika tal-Banek ċentrali ma jistgħux jitqabblu ma' dawk ta' istituzzjonijiet oħrajn, kemm jekk politiċi jew tekniċi. Matul l-aħħar tletin sena, il-Banek ċentrali għaddew minn evoluzzjoni importanti li affettwat l-istrumenti ta' politika monetarja tagħhom, li wieħed minnhom sar, fl-opinjoni unanima tal-esperti, il-komunikazzjoni pubblika.

87. Huwa fatt li l-politika ta' komunikazzjoni pubblika tal-banek ċentrali saret waħda mill-pedamenti ċentrali tal-politika monetarja kontemporanja. Minħabba l-impossibbiltà li ssir previżjoni tal-imġiba razzjonali fis-swieq, mod effettiv biex ma jiġux imfixkla aspettattivi determinati u, għalhekk, biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-politika monetarja, huwa li jiġu sfruttati l-potenzjali kollha tal-komunikazzjoni pubblika ("strateġiji ta' komunikazzjoni") tal-banek ċentrali [46]. B'kunsiderazzjoni tal-prestiġju u l-informazzjoni disponibbli għal dawn l-istituzzjonijiet, iżda wkoll tas-setgħat tagħhom permezz ta' strumenti konvenzjonali tal-politika monetarja, it-tħabbir, l-opinjonijiet jew id-dikjarazzjonijiet mir-rappreżentanti tal-Banek ċentrali ġeneralment għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp tal-politika monetarja kontemporanja [47].

88. Ma hemm ebda dubju li l-BĊE wkoll inkorpora l-komunikazzjoni fost l-istrumenti ċentrali tiegħu tal-politika monetarja. L-istituzzjoni nfisha rrikonoxxiet dan fil-passat u ħadd ma jiddubita li l-komunikazzjoni pubblika li jwettaq regolarment il-BĊE, fejn iħabbar il-linji ċentrali tal-azzjoni tiegħu, jew fejn jittrażmetti ċerti opinjonijiet li jistgħu jirriflettu azzjonijiet futuri tal-istituzzjoni, tirrappreżenta pilastru ċentrali tal-azzjoni tiegħu [48]. Fil-fehma tiegħi, din iċ-ċirkustanza, li tista' tiġi attribwita b'mod uniku u tipiku ħafna tal-BĊE, tikkwalifika b'mod sinjifikanti ħafna n-natura tal-att bħala l-programm OMT imħabbar tas-6 ta' Settembru 2012.

89. Fl-aħħar nett, u minħabba l-importanza msemmija tal-politiki ta' komunikazzjoni tal-BĊE, għandu jiġi nnutat li l-għażla alternattiva, li tikkonsisti fid-dikjarazzjoni tan-natura inkontestabbli ta' att bħall-programm OMT, tinvolvi r-riskju li jiġu esklużi numru ta' deċiżjonijiet tal-BĊE mill-istħarriġ ġudizzjarju kollu permezz tas-sempliċi argument li għadhom ma ġewx miftiehma b'mod formali u ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali. Wara kollox, jekk miżura ma tkunx teħtieġ li tiġi ppubblikata uffiċjalment bil-mod tipiku tagħha biex ikollha effett, u jkun biżżejjed li tiġi mxerrda permezz ta' konferenza stampa, jew permezz ta' stqarrija għall-istampa, sabiex jiġi prodott l-impatt estern kollu tagħha, fuq is-sistema tal-atti u ta' stħarriġ ġudizzjarju previst fit-Trattati jkun serjament kompromess li kieku ma kienx possibbli li tiġi mistħarrġa l-legalità ta' din lil-miżura.

46 — Ara Binder, Alan S.; Ehrmann, M., Fratzscher, M., de Hann, J; Jansen, D.-J., "*Central Bank Communication and Monetary Policy. A Survey of Theory and Evidence*" u Woodford, Michael, "*Fedspeak: Does It Matter How Central Bankers Explain Themselves*?" Universidad de Columbia, April 2013.

47 — Fl-opinjoni tal-President attwali tar-Riżerva Federali, J. Yellen, "l-effetti tal-politika monetarja jiddependu fundamentalment fuq il-fatt li l-pubbliku jirċievi messaġġ dwar it-tip ta' politika li tkun se tiġi mwettqa fix-xhur jew snin li ġejjin". Diskors fis-Society of American Business Editors and Writers 50th Anniversary Conference, Washington D.C., disponibbli fuq http://www.federalreserve.gov/newsevents/speech/yellen20130404a.htm.

48 — Il-Bank Ċentrali Ewropew, *Il-Politika Monetarja tal-BĊE*, Frankfurt am Main, 2011, p. 94 *et seq.*

90. Fuq il-bażi ta' dak li jippreċedi, fil-każ speċifiku ta' dan it-tip ta' azzjonijiet mill-BĊE, fejn l-atti ta' komunikazzjoni pubblika jieħdu sinjifikat speċjali għall-effettività tal-politika monetarja, nemmen li att bħal dak ikkontestat mill-qorti tar-rinviju, bħal dak li tħabbar fis-6 ta' Settembru 2012, b'kunsiderazzjoni tal-kontenut tiegħu, tal-effetti oġġettivi li jista' jipproduċi, imma wkoll taċ-ċirkustanzi li fihom ikun sar ftehim dwar il-miżura, huwa att ta' istituzzjoni li l-validità tiegħu tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE.

91. Għalhekk, nemmen li l-oġġezzjonijiet ta' ammissibbiltà mqajma kontra d-domandi preliminari ta' validità għandhom jiġu miċħuda, bir-riżultat li mhux se jkun meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar id-domanda preliminari ta' interpretazzjoni, ifformulata sussidjarjament mill-qorti tar-rinviju.

## VI – **Id-domandi preliminari**

### A – *L-ewwel domanda preliminari: l-Artikoli 119 u 127(1) u (2) TFUE, u l-limiti tal-politika monetarja tal-BĊE*

92. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-BVerfG tikkontesta l-validità tal-programm OMT imħabbar mill-BĊE fis-6 ta' Settembru 2012, billi tistaqsi speċifikament lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan huwiex miżura inkompatibbli mal-Artikoli 119 TFUE u 127(1) u (2) TFUE, u jekk din tiżurpixxix is-setgħat tal-Istati Membri.

93. Fid-digriet tar-rinviju, il-BVerfG, wara motivazzjoni twila u ddettaljata, tikkonkludi li hemm biżżejjed elementi biex jiġi kkunsidrat li l-BĊE adotta miżura ta' politika ekonomika u mhux ta' politika monetarja, filwaqt li tevalwa l-ksur tal-prinċipju tal-għoti ta' kompetenzi li għandu jirregola l-aġir tal-BĊE. Il-BVerfG tenfasizza erba' aspetti tal-programm OMT li jikkonfermaw l-imsemmi ksur: il-kundizzjonalità, is-selettività, il-paralleliżmu u l-evitar. It-tħassib tal-qorti tar-rinviju jenfasizza, b'mod iktar ġenerali, il-kwistjoni tal-limiti ta' kompetenza tal-BĊE meta jiffaċċja xenarji eċċezzjonali kif ġara matul is-sajf tal-2012.

#### 1. Il-pożizzjoni tal-partijiet intervenjenti

94. Ir-rikorrenti kollha fil-kawża prinċipali jaqblu essenzjalment fuq interpretazzjoni tat-Trattati fis-sens li programm bħal dak imħabbar fis-6 ta' Settembru 2012 mill-BĊE jikkostitwixxi miżura ta' politika ekonomika. Skont ir-rikorrenti, il-programm OMT jinjora l-mandat li jorbot lill-BĊE b'mod prijoritarju bil-għan taż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, peress li hija miżura li taffettwa direttament is-sorsi ta' finanzjament tal-Istati Membri kkonċernati, li tqiegħed il-miżura kkontestata fil-qasam tal-politika ekonomika. Fl-argumenti tagħhom ripetutament jinvokaw is-sentenza Pringle[49], fejn ġie ddikjarat li l-ħolqien tal-MES huwa miżura ta' politika ekonomika, filwaqt li tiġi miċħuda l-kwalifika tiegħu bħala politika monetarja. Ir-rikorrenti jemmnu li, fid-dawl tal-karatteristiċi li jaqsmu l-MES u programm bħall-OMT, dan tal-aħħar għandu jiġi kklassifikat ukoll bħala miżura ta' politika ekonomika.

95. Kemm P Gauweiler kif ukoll T Huber jenfasizzaw b'mod partikolari li l-għan reali tal-programm OMT ma huwiex ir-restawr tal-kanali ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, imma li "jiġi salvat l-euro" permezz ta' komunitarizzazzjoni tad-dejn ta' dawk l-Istati, inkompatibbli mat-Trattati, peress li jesponi xi Stati Membri għall-approvazzjoni tad-djun ta' Stati Membri oħrajn. Miżura simili evidentement tmur lil hinn mill-"appoġġ" għall-politiki ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li t-Trattati jippermettu li jwettaq il-BĊE.

49 — (C-370/12, EU:C:2012:756).

96. Min-naħa tiegħu, J.H. Stein jiċħad li s-swieq tad-dejn sovran urew rati tal-interessi artifiċjali matul ix-xhur ta’ qabel it-tħabbir tal-programm OMT. Huwa jemmen li dawk it-tipi rati ma huma xejn ħlief rifless ta’ prezz tas-suq ġenwin, li jintervjeni fuqu l-BĊE, billi jimmanipulah b’mod artifiċjali, meta ħabbar id-disponibbiltà tiegħu li jixtri titoli ta’ dejn ta’ ċerti Stati Membri. Din l-azzjoni ta’ alterazzjoni tas-suq ma tikkorrispondix mal-mandat li t-Trattati jattribwixxu lill-BĊE, jiġifieri ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet.

97. B. Bandulet jenfasizza li l-programm OMT ma jistax jegħleb d-dgħjufijiet strutturali fit-tfassil tal-Unjoni monetarja. Huwa jemmen li assolutament ma hijiex kompetenza attribwita lill-BĊE, u li għall-kuntrarju dan il-programm imur kontra l-prinċipju demokratiku u tas-sovranità tal-poplu.

98. Il-grupp parlamentari Die Linke jistaqsi wkoll dwar il-kompetenza tal-BĊE li jadotta l-programm OMT, filwaqt li juża argumenti differenti. Die Linke jenfasizza l-konsegwenzi ekonomiċi li ġabu l-programmi suċċessivi ta’ assistenza finanzjarja f’diversi Stati Membri. Dan l-impatt jikkonferma li l-BĊE, fis-sostenn għal dan is-salvataġġ permezz tal-eżekuzzjoni tal-programm OMT, ser ikun involut fil-politika ekonomika tal-Istati Membri. Jinvoka wkoll diversi dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu kkontestati l-intervenzjonijiet tal-Unjoni u tal-BĊE fl-Istati suġġetti għal programm ta’ assistenza finanzjarja.

99. L-Istati kollha li intervjenew f’din il-proċedura, kif ukoll il-BĊE u l-Kummissjoni, iqisu, bi sfumaturi differenti, li l-programm OMT, kif sar pubbliku permezz tal-konferenza stampa, jikkostitwixxi miżura ta’ politika monetarja, kompatibbli mal-kompetenzi li t-Trattati jattribwixxu lill-BĊE.

100. L-Istati u l-istituzzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq jaqblu wkoll li l-BĊE għandu setgħa ta’ diskrezzjoni wiesgħa fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika monetarja. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrikonoxxi dan il-marġni u taċċetta l-għanijiet li ħabbar il-BĊI meta ħabbar il-programm OMT tiegħu. Fost dawn l-għanijiet, l-Istati u l-Istituzzjonijiet jikkonfermaw li l-BĊE jista’ jadotta miżuri mhux konvenzjonali ta’ politika monetarja, sakemm dan ikun strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti. Speċifikament, kemm ir-Repubblika tal-Polonja kif ukoll ir-Renju ta’ Spanja jemmnu li l-programm OMT jirriżulta koerenti mal-kategoriji proprji tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

101. L-Istati u l-istituzzjonijiet jaqblu wkoll li jiċħdu, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-qorti tar-rinviju, li s-sentenza Pringle (EU:C:2012:756) twassal għall-konklużjoni li l-programm OMT huwa miżura ta’ politika ekonomika. Fil-fehma tagħhom, l-imsemmija sentenza Pringle tasal biex tirrikonoxxi li l-politika ekonomika u l-politika monetarja huma marbutin mill-qrib, b’mod li miżura ta’ politika ekonomika jista’ jkollha impatt fuq il-politika monetarja u viċe versa, mingħajr ma titbiddel in-natura tal-miżura. Fil-kawża prinċipali, il-fatt li l-programm OMT jista’ jkollu impatt fuq il-politika ekonomika ma jagħmlux, fih innifsu, miżura ta’ politika ekonomika.

102. Rigward il-fatt li l-programm OMT jipproduċi tibdil artifiċjali tal-prezzijiet fis-suq tad-dejn pubbliku, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja, il-Kummissjoni u l-BĊE jenfasizzaw li l-politika monetarja kollha għandha bħala għan it-tibdil tal-prezzijiet, minħabba li hija karatteristika inerenti ta’ din il-politika li jiġu influwenzati s-swieq permezz ta’ miżuri li jemendaw ċerta mġiba, dejjem bil-għan li jiġi ssodisfatt il-mandat tal-Bank, f’dan il-każ iż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet.

103. Min-naħa tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, bħala prinċipju, il-legalità tal-programm OMT fit-termini li huma magħrufin, għalkemm insistiet fuq il-fatt li dan il-programm kien għadu kemm tħabbar, u li kien neċessarju li tintlaħaq l-implementazzjoni konkreta tiegħu biex jiġi vvalutat jekk huwiex tabilħaqq miżura ta’ politika ekonomika jew ta’ politika monetarja. Fi kwalunkwe każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li l-BĊE għandu marġni diskrezzjonali wiesa’,

u li t-Trattati jinkisru biss jekk il-miżura tkun b'mod ċar waħda ta' politika ekonomika. Hija tinnota wkoll l-interess li l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi kriterji li jippermettu l-applikazzjoni tal-programm OMT b'konformità mat-Trattati u, jekk possibbli, mal-istrutturi kostituzzjonali bażiċi tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

104. Il-BĊE jiddefendi l-legalità tal-programm OMT fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi li seħħew matul is-sajf tal-2012. Dak iż-żmien, il-biża' tar-riversibbiltà tal-euro nfirxet fost l-investituri, u wasslet għal żieda sinjifikanti fir-rati tal-interessi mħallsa għat-titoli tad-dejn pubbliku ta' diversi Stati Membri. Minħabba dan ix-xenarju, il-BĊE jargumenta li tilef il-kapaċità tiegħu li jwettaq il-politika monetarja permezz tal-mezzi tas-soltu ta' trażmissjoni tagħha, u li l-frammentazzjoni konsegwenti tas-swieq tad-dejn sovran, flimkien mad-diffikultà ta' finanzjament minn diversi Stati (u permezz ta' estenzjoni l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' dawk l-Istati wkoll) impedixxiet it-trasferiment xieraq tal-impulsi li normalment jinħarġu mill-BĊE. Fil-fehma tal-BĊE, din iċ-ċirkustanza tiġġustifika l-adozzjoni ta' miżura mhux konvenzjonali ta' politika monetarja, bħal fil-każ tal-programm OMT. Fil-qosor, l-għan tal-programm, dejjem skont il-BĊE, ma jkunx li jiġu ffaċilitati l-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' ċerti Stati Membri, jew li jiġu kkundizzjonati l-politiki ekonomiċi tagħhom, iżda li jiġu żblukkati l-imsemmija mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja tal-BĊE.

105. Il-BĊE jiċħad li l-karattru tekniku tal-programm OMT jaħbi miżura ta' politika ekonomika. Fl-opinjoni tiegħu, il-"kundizzjonalità" li jirreferi għaliha hija mezz essenzjali biex jiġi evitat li t-twettiq tal-programm OMT jinkoraġġixxi lill-Istati kkonċernati jabbandunaw it-twettiq ta' riformi strutturali meħtieġa biex itejbu l-pedamenti ekonomiċi tagħhom. Bl-istess mod, il-BĊE jsostni li s-"selettività" tal-miżuri hija inerenti fil-programm OMT, fejn il-perturbazzjonijiet tal-mezzi tat-trażmissjoni jirriżultaw miż-żidiet fir-rati tal-interessi tat-titoli tad-dejn ta' ċerti Stati. Fil-qosor, il-BĊE jikkunsidra li l-programm OMT jinkludi salvagwardji li jiżguraw il-konnessjoni tiegħu mal-politika monetarja u jaqa' taħt is-setgħat mogħtija mit-Trattati lil dik l-istituzzjoni.

2. Analiżi

a) Osservazzjonijiet preliminari

106. Qabel ma nidħlu fl-analiżi speċifika tal-kwistjoni mqajma mill-BVerfG, huwa xieraq li nieqaf ftit fuq żewġ aspetti kruċjali għal dan il-każ: l-istatus u l-mandat tal-BĊE, kif huma ddefiniti fit-Trattati minn naħa, u l-kunċett ta' "miżuri mhux konvenzjonali tal-politika monetarja", min-naħa l-oħra. Iż-żewġ dimensjonijiet se jipprovdulna l-elementi bażiċi li bihom tiġi evalwata l-legalità ta' programm bħall-OMT, li, skont il-BĊE, jaqa' fost dawn il-miżuri mhux konvenzjonali ta' politika monetarja.

i) Dwar l-istatus u l-mandat tal-BĊE

107. Il-BĊE huwa l-istituzzjoni li t-Trattati jafdawlha l-eżerċizzju tal-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika monetarja. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jikkostitwixxu s-SEBĊ, li l-missjoni ewlenija tagħha hija li tiżgura "l-istabbiltà tal-prezzijiet", mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jista' jkun hemm qbil dwarhom fit-"[tisħiħ] ta' kull politika ekonomika"[50]. Għalhekk, u b'mod

50 — Artikoli 119(2) TFUE, 127(1) TFUE, 282(2) TFUE kif ukoll l-Artikoli 2, 3, paragrafu 3.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE.

differenti minn Banek ċentrali oħrajn, il-BĊE huwa kkaratterizzat mill-fatt li huwa marbut b'mandat ċar u marbut mill-qrib mal-ġlieda kontra l-inflazzjoni. Ix-xogħol preparatorju li wassal għat-Trattat ta' Maastricht [51], kif ukoll l-istorjografija ddedikata għall-politika monetarja [52], jikkonfermaw l-importanza ta' dan il-mandat fin-negozjati li wasslu għall-istabbiliment tas-BĊE.

108. Minbarra r-rabta stretta tiegħu mal-għan li jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE huwa kkaratterizzat minn livell sinjifikanti ta' indipendenza, kemm funzjonali kif ukoll organika [53]. Il-Trattati jtennu bosta drabi n-natura indipendenti tal-azzjonijiet kollha tal-BĊE, li tiżdied mar-riġidità qawwija tal-proċeduri għar-riforma tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, li jiddistingwi lill-istituzzjoni mill-banek ċentrali ta' madwaru, li l-istandards regolatorji tagħhom jistgħu jiġu mibdula mill-Parlament nazzjonali rispettiv [54]. Dan ma huwiex il-każ tal-BĊE, fejn kwalunkwe riforma tal-Istatut teħtieġ riforma tat-Trattati [55].

109. L-indipendenza tal-BĊE, kif huwa l-każ ukoll tal-banek ċentrali nazzjonali, għandha l-għan ukoll li żżomm l-istituzzjoni bogħod mid-dibattitu politiku, billi tipprojbixxi b'mod kategoriku kull ordni minn istituzzjonijiet oħra jew mill-Istati Membri [56]. Bl-istess mod, dan id-diżingaġġ tal-attività politika huwa impost minħabba n-natura teknika b'mod qawwi u l-livell għoli ta' speċjalizzazzjoni li jikkaratterizza lill-politika monetarja [57].

110. Fil-fatt, it-Trattati jinkarigaw esklużivament lill-BĊE biex ifassal u jwettaq il-politika monetarja, li għal dan l-effett huwa ngħata mezzi importanti sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Permezz ta' dawn il-mezzi, il-BĊE għandu kemm għarfien kif ukoll informazzjoni partikolarment prezzjużi li jippermettulu jwettaq il-missjoni tiegħu b'mod iktar effettiv, filwaqt li jsaħħaħ matul iż-żmien il-kapaċità teknika u r-reputazzjoni tal-istituzzjoni. Dawn il-karatteristiċi huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-impulsi tal-politika monetarja effettivament jilħqu l-ekonomija, u għaldaqstant, kif intqal qabel, waħda mill-funzjonijiet tal-banek ċentrali kontemporanji hija li jmexxu l-aspettattivi, li għalihom l-għarfien tekniku, ir-reputazzjoni u l-komunikazzjoni pubblika huma għodod essenzjali.

51 — B'mod partikolari, ara r-Rapport dwar l-Unjoni ekonomika u monetarja fil-Komunità Ewropea, magħruf aħjar bħala r-Rapport Delors, tas-17 ta' April 1989, b'mod partikolari l-punt 32 tiegħu.

52 — Ara, fost l-oħrajn, Dyson, K u Featherstone, K, *The Road to Maastricht. Negotiating Economic and Monetary Union*, Ed. Oxford University Press, Oxford, 1999, p. 378 *et seq*; Ungerer, H., *A Concise History of European Monetary Integration. From EPU to EMU*, Ed. Quorum Books, Westport-Londres, 1997, p. 209 *et seq*, u Viebig, J., *Der Vertrag von Maasricht. Die Positionen Deutschlands und Frankreichs zur Europäischen Wirtschafts- und Währungsunion*, Ed. Schäffer Poeschel, 1999, 150 *et seq*.

53 — Artikolu 282(3) TFUE: "Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu personalità ġuridika. Hu biss jista' jawtorizza l-ħruġ ta' l-euro. Dan għandu jkun indipendenti fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu u fl-amministrazzjoni tal-finanzi tiegħu. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni kif ukoll il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jirrispettaw din l-indipendenza."

54 — De Grauwe, P., *Economics of Monetary Union*, 10[a] ed., Ed. Oxford University Press, Oxford, 2014, 156 – 159.

55 — Ara Sparve, R., "Central bank Independence under European Union and other international standards" f'*Legal Aspects of the European System of Central Banks. Liber Amicorum Paolo Zamboni Garavelli*, Ed. ECB, Frankfurt am Main, 2005.

56 — *Ibidem.*

57 — Dwar l-awtonomija tal-BĊE u l-limiti tiegħu, ara, b'mod partikolari, Zilioli, C. u Selmayr M., "The European Central Bank: An Independent Specialized Organization of Community Law", *Common Market Law Review*, nru 37, 3, 2000, p. 591 *et seq*; Dernedde, I., *Autonomie der Europäische Zentralbank. Im Spannungsfeld zwischen demokratischer Legitimation der Europäischen Union und Währungsstabilität*, Ed. Dr. Kovac, Hamburgo, 2002 u, f'perspettiva ta' paragun, Amtenbrink, F., *The Democratic Accountability of Central Banks. A Comparative Study of the European Cenetral Bank*, Ed. Hart, Oxford-Portland, 1999.

111. Bħala konsegwenza neċessarja ta' dak ta' hawn fuq, il-BĊE għandu jirrikonoxxi marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fit-tfassil u l-implementazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni [58]. Il-qrati, sabiex iwettqu stħarriġ tal-attività tal-BĊE, għandhom għalhekk jevitaw ir-riskju li jieħdu post dik l-istituzzjoni, billi jidħlu f'qasam tekniku ħafna li huwa neċessarju li fih ikun hemm speċjalizzazzjoni u esperjenza li, skont it-Trattati, taqa' biss fuq il-BĊE. Għalhekk, l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju fuq l-attività tal-BĊE, lil hinn min-natura mandatorja tiegħu, għandha tkun ikkaratterizzata minn livell kunsiderevoli ta' konteniment [59].

112. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-politika monetarja tal-BĊE tiġi mwettqa, kif għidna, permezz ta' diversi "mezzi jew mekkaniżmi ta' trażmissjoni", li permezz tagħhom l-istituzzjoni tintervjeni fis-suq u tissodisfa l-mandat tagħha ta' tassigura l-istabbiltà tal-prezzijiet [60]. Sabiex iwettaq il-politika monetarja tiegħu, il-BĊE jikkontrolla l-bażi monetarja fl-ekonomija taż-żona euro, permezz tal-ħruġ tal-"impulsi" korrispondenti, prinċipalment permezz tal-istabbiliment ta' rati ta' interessi, li sussegwentement jiġu ttrasferiti mis-settur finanzjarju għall-impriżi u l-familji [61].

113. F'dan ir-rigward, biex jiġi żgurat il-funzjonament korrett ta' dawn il-mezzi ta' trażmissjoni, l-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE jagħti lis-SEBĊ kompetenza espliċita biex tadotta sensiela ta' "funzjonijiet monetarji u operazzjonijiet". Fost dawk l-operazzjonijiet insibu, għall-finijiet ta' dan il-każ, dawk previsti fl-Artikolu 18(1) tal-Istatut, li jippermetti lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali "joperaw fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbigħu fil-mument (spot and forward) jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli sew jekk f'valuti użati fil-Komunità u sew f'oħrajn barra minnha, kif ukoll f'metalli prezzjuż".

114. Madankollu, kif se naraw iktar 'il quddiem, programm bħall-OMT ma jistax jitqies bħala li se jiġi inkorporat fl-istrumenti ordinarji tal-politika monetarja tal-BĊE. Il-programm OMT juża formalment waħda mill-operazzjonijiet monetarji msemmija qabel, iżda jagħmel dan fuq termini mhux biżżejjed differenti mis-soltu tant li jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni ta' "miżura mhux konvenzjonali ta' politika monetarja". Iktar 'il quddiem ser niddiskuti għal xiex jirreferi dan it-terminu b'mod speċifiku, kif iġġustifikah il-BĊE u sa liema punt jitqies bħala mezz stabbilit legalment fit-Trattati.

ii) Il-miżuri mhux konvenzjonali ta' politika monetarja u l-inkorporazzjoni tal-programm OMT fihom.

– Il-miżuri mhux konvenzjonali ta' politika monetarja, skont il-BĊE

115. Il-BĊE jiddefendi l-legalità tal-programm OMT bħala intervent biex jiżblokka l-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni. Kif għadni kif spjegajt hawn fuq, dawn il-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja ma jaħdmux bħala mekkaniżmi b'effett immedjat, iżda bħala qafas li permezz tiegħu l-BĊE jniedi serje ta' "impulsi", b'tali mod li dawn jilħqu l-ekonomija reali. Skont

58 — Ara, għalkemm f'ambiti differenti tal-politika monetarja, is-sentenzi tal-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill (C-266/05 P, EU:C:2007:75), punti 32 sa 34; tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine u oħrajn (C-127/07, Ġabra EU:C:2008:728), punt 57, u Vodafone u oħrajn (C-58/08, EU:C:2010:321, punti 52).

59 — F'dan is-sens, ara Louis, J.-V., *L'Union européenne et sa monnaie, Commentaire J. Mégret*, 3[a] ed., Ed. Université de l'Université de Bruxelles, Bruselas, 2009, p. 211 ; Craig, P., "EMU, the European Central Bank and Judicial Review" f'Beaumont, P. u Walker, N. (edituri.), *Legal Framework of the Single European Currency*, Ed. Hart, Oxford-Portland, 1999, p. 97 – 114 u Malatesta, A., *La Banca Centrale Europea*, Ed. Giuffrè, Milano, 2003, p. 183 *et seq.*

60 — "Il-proċess li permezz tiegħu d-deċiżjonijiet tal-politika monetarja jaffettwaw l-ekonomija b'mod ġenerali, u fil-livell tal-prezzijiet, b'mod partikolari, huwa magħruf bħala l-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja", *La Política Monetaria del BCE*, Ed. BCE, Frankfurt am Main, 2011, p. 62. F'dan ir-rigward, ara Angeloni, I., Kashyap, A. u Mojon, B. (edituri.), *Monetary Policy Transmission in the Euro Area*, Ed. Cambridge University Press, Cambridge, 2003 u Suardi, M., "Monetary Policy Transmission in EMU", f'Buti, M. u Sapir, A., *EMU and Economic Policy in Europe. The Challenge of the Early Years*, Ed. E. Elgar, Cheltenham-Northampton, 2002.

61 — "It-trażmissjoni tal-impulsi tal-politika monetarja fis-settur reali tal-ekonomija hija assoċjata ma' mekkaniżmi u azzjonijiet differenti tal-aġenti ekonomiċi f'diversi stadji tal-proċess. Konsegwentement, il-miżuri tal-politika monetarja normalment jieħdu ħin kunsiderevoli biex jinfluwenzaw l-evoluzzjoni tal-prezzijiet. Barra minn hekk, id-daqs u l-intensità tal-effetti differenti jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni tal-ekonomija, li jagħmilha diffiċli biex jiġi stmat l-impatt preċiż. Flimkien, il-banek ċentrali tipikament jiffaċċjaw dewmien twil, varjabbli u inċert fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja" [traduzzjoni libera] *Il-politika monetarja tal-BĊE*, Ed. BĊE, Frankfurt am Main, 2011, p. 62 u 63. Ara wkoll Angeloni, I., Kashyap, A. u Mojon, B. (edituri), *op. cit.*,

il-BĊE, il-politika monetarja tista' tiġi affettwata minn fatturi esterni għall-mezzi ta' trażmissjoni, liema fatturi huma suxxettibbli li jaffettwaw il-funzjonament tajjeb tal-impulsi mnegħdija mill-BĊE: kriżi politika jew ekonomika internazzjonali, jew bidla sinjifikanti fil-prezzijiet taż-żejt, jistgħu, fost fatturi oħra, jinterferixxu b'mod serju l-"impulsi" li joħroġ il-BĊE permezz tal-mezzi tat-trażmissjoni tal-politika monetarja.

116. Meta sseħħ sitwazzjoni ta' dan it-tip, il-BĊE huwa kkunsidrat kompetenti biex jintervjeni bl-istrumenti tiegħu stess, bil-għan li jiżblokka dawn il-mezzi. F'dan il-każ, dan jinvolvi interventi differenti minn dawk tas-soltu fil-prattika tal-BĊE, peress li ma jinvolvux operazzjoni "ordinarja", iżda operazzjoni ta' żblokk u rkupru sussegwenti tal-istrumenti tal-politika monetarja nfushom [62].

117. Kemm il-BĊE kif ukoll l-Istati Membri li intervjenew f'din il-proċedura jiddefendu l-legalità li jirrikorru għal dawn it-tipi ta' miżuri mhux konvenzjonali bħala parti mill-politika monetarja. Fil-fatt, dan jinvolvi, kif jirriżulta mill-proċess, tip ta' intervent li użaw il-parti l-kbira tal-banek ċentrali waqt il-kriżi finanzjarja globali li bdiet fl-2008 [63], inkluż, kif jirriżulta minn din il-proċedura, il-BĊE stess [64]. Fil-fehma tal-BĊE u tal-Istati Membri intervenjenti, it-Trattati ma jimpedixxux lill-BĊE milli juża setgħat biex jirkupra l-istrumenti tiegħu tal-politika monetarja meta jseħħu ċirkustanzi li jfixklu b'mod sinjifikanti l-funzjonament normali tal-mezzi ta' trażmissjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din l-għażla hija kompatibbli mat-Trattati, sakemm dan jiġi eżerċitat b'mod prudenti u skont is-salvagwardji.

118. Abbażi ta' dawn il-premessi, għandha tiġi indirizzata n-natura preċiża tal-programm OMT, kif tħabbar permezz tal-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012.

– Il-programm OMT bħala miżura mhux konvenzjonali tal-politika monetarja

119. Il-programm OMT huwa inkluż formalment bħala parti integrali bejn l-operazzjonijiet li l-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE jistipula fl-Artikolu 18.1, iċċitat iktar 'il fuq. Huwa ċar li l-imsemmija dispożizzjoni, meta tattribwixxi lis-SEBĊ kompetenza biex takkwista titoli u strumenti negozjabbli oħrajn, tagħmel dan primarjament biex il-BĊE jkollu għodda biex ikun jista' jikkontrolla l-bażi monetarja, bħala mezz konvenzjonali ta' manutenzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet.

120. Madankollu, għandu jiġi miżjud immedjatament li l-programm OMT juża s-setgħat tal-Artikolu 18.1 tal-Istatut fuq termini barra mill-prassi normali tal-operazzjonijiet tal-BĊE. Huwa ċar li miżura selettiva, immirata lejn Stat wieħed jew iktar taż-żona euro, li tikkonsisti fl-akkwist mingħajr limitazzjoni kwantitattiva preċedenti tat-titoli tad-dejn tiegħu bil-fiduċja li jittejbu l-kundizzjonijiet tiegħu ta' finanzjament fis-swieq, hija estranja għall-prattika ordinarja tal-BĊE.

121. Kif deskritt fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, il-programm OMT jipprovdi intervent mill-BĊE fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku, li jippermettilu jikseb titoli ta' dejn tal-Istati taż-żona euro li huma suġġetti għal programm ta' assistenza finanzjarja u, preżumibbilment, li jsibu diffikultà biex isibu investiment għat-titoli ta' dejn tagħhom. Il-premessa li huwa bbażat fuqha l-programm OMT hija l-ħolqien ta' fattur estern li jibdel il-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Dan l-element inkwetanti huwa, skont il-BĊE, żieda relattivament qawwija u kważi

62 — F'dan ir-rigward, ara Cour-Thimann, P. u Winkler, B., "The ECB's Non-Standard Monetary Policy Measures. The Role of Institutional Factors and Financial Structure", *Oxford Review of Economic Policy*, 2012, 28, p. 72 *et seq.*

63 — Ara l-espożizzjoni paragunata li jwettqu Lenza, M., Pill, H u Reichlin, L., "Monetary Policy in Exceptional Times", *Economic Policy*, 2010, p 62 u García-Andrade, J., "El Sistema Monetario en una Unión Europea de Derecho", Salvador Armendáriz, M.A. (ed.), *Regulación bancaria: transformaciones y Estado de Derecho*, Ed. Aranzadi, Cizur Menor, 2014.

64 — Il-BĊE uża diversi miżuri mhux konvenzjonali fil-passat, bħall-injezzjoni tal-likwidità f'rata ta' interessi fissa b'allokazzjoni sħiħa, l-espansjoni tal-lista ta' kollateral eliġibbli, l-injezzjoni ta' likwidità fit-tul jew ix-xiri ta' titoli differenti minn azzjonijiet speċifiċi. Rigward dawn il-miżuri, ara Hinarejos, A., *The Euro Area Crisis in Constitutional Perspective*, Ed. Oxford University Press, Oxford, 2014, Kapitolu 3, paragrafu 3.1.

intollerabli fil-primjums tar-riskju ta' ċerti Stati taż-żona euro, żieda fil-prinċipju inkonsistenti mar-realtà makroekonomika ta' dawn l-Istati u li, għalhekk, timpedixxi lill-BĊE milli jittrasferixxi l-impulsi tiegħu b'mod effettiv u, għalhekk, milli jwettaq il-mandat tiegħu li jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet.

122. Għalhekk, u fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, inqis li l-programm OMT jista' jiġi kkunsidrat bħala miżura mhux konvenzjonali tal-politika monetarja, bil-konsegwenzi li dan jinvolvi mill-perspettiva tal-istħarriġ ta' dan il-programm.

b) Il-kompetenzi tal-BĊE u l-programm OMT

123. B'kunsiderazzjoni tal-osservazzjonijiet preċedenti, se niffoka fuq iż-żewġ linji li għandhom jiġu indirizzati sabiex tingħata risposta kompluta għall-ewwel domanda preliminari magħmula mill-BVerfG.

124. L-ewwel nett, jeħtieġ li jiġi evalwat jekk programm bħall-OMT jistax jiġi kkwalifikat bħala miżura ta' politika monetarja jew jekk huwiex pjuttost miżura ta' politika ekonomika u, għalhekk, ipprojbita għall-azzjoni tal-BĊE, b'attenzjoni individwali fuq il-karattri tekniċi li tenfasizza l-BVerfG. Wara dan, fl-eventwalità li l-programm OMT jista' jiġi kkwalifikat bħala miżura ta' politika monetarja, kif nipproponi, għandha tkun imposta l-analiżi tal-programm OMT fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fis-sens tal-Artikolu 5(4) TUE.

i) Il-programm OMT u l-politika ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri bħala l-limitu tal-kompetenzi tal-BĊE

– Il-politika ekonomika u l-politika monetarja tal-Unjoni

125. Kif indikajt, il-BVerfG tistaqsi jekk il-BĊE, meta adotta l-programm OMT, adottax miżura ta' politika ekonomika u mhux ta' politika monetarja, billi mar kontra l-kompetenza tal-Kunsill u tal-Istati Membri li ġiet mogħtija lilhom mit-TFUE fl-Artikolu 119(1) tiegħu.

126. Jekk insegwu d-dritt primarju tal-Unjoni, l-Artikolu 119(1) TFUE, jiddeskrivi fil-qosor il-komponenti ewlenin tal-politika ekonomika tal-Unjoni, billi jiddikjara li din tkun ibbażata fuq "il-kordinazzjoni mill-qrib tal-politika ekonomika tal-Istati Membri, s-suq intern u d-definizjoni ta' għanijiet komuni, u mmexxija skont il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera". Għalkemm id-dispożizzjoni hija ġenerika u għalhekk ambigwa, madankollu tipprovdi l-elementi bażiċi li jiddefinixxu dawk l-aspetti tal-politika ekonomika li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

127. Min-naħa tagħhom, it-Trattati huma siekta meta jiġu biex jiddefinixxu l-kompetenza esklużiva li għandha l-Unjoni fil-qasam tal-politika monetarja. Din il-konstatazzjoni saret mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Pringle, fejn kienet obbligata tirrikorri, bħala l-uniku punt ta' riferiment, għall-għanijiet tal-politika monetarja li jinsabu fit-TFUE[65]. L-għan ewlieni tal-politika monetarja tal-Unjoni, l-istabbiltà tal-prezzijiet, u l-appoġġ għall-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni, huma l-kriterju ewlieni li jiddefinixxi l-politika monetarja (Artikolu 127(1) TFUE u 282(2) TFUE). Dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Pringle (EU:C:2012:756), fejn l-unika parametru li użat fid-deċiżjoni dwar jekk riforma tat-Trattat kinitx taqa' jew le taħt l-ambitu tal-politika monetarja kien dak tal-għanijiet ta' dik il-politika.

65 — Sentenza Pringle, (EU:C:2012:756), punt 55.

128. Minkejja l-ftit kriterji li t-Trattati jipprovdu *prima facie*, id-dritt tal-Unjoni għandu għodda ta' interpretazzjoni utli biex jiġi ddeterminat jekk deċiżjoni taqax taħt il-politika ekonomika jew taħt il-politika monetarja tal-Unjoni.

129. Għandu jiġi nnotat li, għalkemm jista' jidher ovvju, huwa importanti li wieħed jindika li l-politika monetarja hija parti mill-politika ekonomika ġenerali. Id-diviżjoni bejn iż-żewġ politiki fid-dritt tal-Unjoni hija rekwiżit impost mill-istruttura tat-Trattati u d-distribuzzjoni orizzontali u vertikali tas-setgħat tal-Unjoni, iżda f'termini ekonomiċi jista' jingħad li, finalment, kull miżura ta' politika monetarja hija inkluża taħt il-kategorija iktar wiesgħa tal-politika ekonomika ġenerali. Din l-assoċjazzjoni bejn iż-żewġ politiki ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja stess u mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Pringle, fejn ġie ddikjarat li miżura ta' politika ekonomika ma tistax tiġi mqabbla ma' miżura ta' politika monetarja sempliċement minħabba fatt li dan jista' jkollu effetti indiretti fuq l-istabbiltà tal-euro [66]. Dan ir-raġunament huwa perfettament validu fil-formulazzjoni inversa tiegħu, kif enfasizzat mill-BĊE, il-Kummissjoni u l-parti l-kbira tal-Istati Membri li intervjenew f'din il-proċedura, peress li miżura ta' politika monetarja ma ssirx miżura ta' politika ekonomika sempliċement minħabba fatt li jista' jkollha effetti indiretti fuq il-politika ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

130. Is-silenzju tat-Trattat fir-rinunzja li jiddefinixxi bi preċiżjoni l-politika monetarja tal-Unjoni huwa konsistenti ma' konċepiment funzjonali tar-rwol tal-politika monetarja, li skontha l-politika monetarja hija kwalunkwe miżura li hija artikolata permezz tal-istrumenti tal-politika monetarja stess. Għalhekk, jekk miżura tkun inkorporata fl-istrumenti li d-dritt jipprovdi għat-twettiq tal-politika monetarja, tkun teżisti preżunzjoni inizjali li tali miżura tkun ir-riżultat tat-twettiq tal-politika monetarja tal-Unjoni. Ovvjament, din hija preżunzjoni suxxettibbli li tiġi konfutata jekk, pereżempju, il-miżura ssegwi għanijiet differenti minn dawk elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikoli 127(1) TFUE u 282(2) TFUE.

131. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat dwar il-politika monetarja jipprovdu indikazzjonijiet importanti li jarrikkixxu l-kontenut li jiddefinixxi din il-politika. Għalhekk, l-Artikoli 123 u 125 TFUE, li ser nirreferi għalihom f'iktar dettall meta nittratta t-tieni domanda preliminari, jintroduċu projbizzjonijiet stretti ta' finanzjament tal-Istati, kemm permezz ta' miżuri ta' finanzjament monetarju jew permezz ta' trasferimenti bejn l-Istati, rispettivament. Dawn il-projbizzjonijiet jikkonfermaw li l-Unjoni Monetarja, għalkemm hija inkorporata f'Unjoni bbażata fuq il-valur tas-solidarjetà (Artikolu 2 TUE) [67], issegwi wkoll iż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja, li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' dixxiplina fiskali u ta' nonsalvataġġ [68].

132. Għalhekk, sabiex miżura tal-BĊE tiġi inkorporata b'mod effettiv fil-politika monetarja, għandha sservi speċifikament l-għan primarju taż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, dejjem sakemm tiġi implementata permezz ta' wieħed mill-istrumenti tal-politika monetarja previsti b'mod espliċitu fit-Trattati u ma tikkontestax l-aspetti obbligatorji tad-dixxiplina fiskali u ta' non salvataġġ. Jekk il-miżura kkontestata jkollha aspetti speċifiċi ta' politika ekonomika, din tkun kompatibbli biss mal-mandat tal-BĊE dejjem sakemm isservi bħala "appoġġ" għall-miżuri ta' politika ekonomika u tkun issubordinata għall-għan prijoritarju tal-BĊE.

66 — Sentenza Pringle (EU:C:2012:756), punt 56 u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott (EU:C:2012:675), punt 85.

67 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Pringle (EU:C:2012:675), iċċitata iktar 'il fuq, punti 142 u 143.

68 — Sentenza Pringle (EU:C:2012:756), iċċitata iktar 'il fuq, paragrafu 135, li jiddikjara li "l-osservanza ta' tali dixxiplina [baġitarja] tikkontribwixxi fuq livell tal-Unjoni għat-twettiq ta' għan superjuri, jiġifieri ż-żamma ta' stabbiltà finanzjarja"

– Il-programm OMT fid-dawl tal-kriterji li jiddefinixxu l-politika ekonomika u l-politika monetarja tal-Unjoni

133. Rigward il-kriterji li għadhom kif ġew stipulati, għandu jiġi evalwat jekk il-programm OMT għandux in-natura ta' miżura ta' politika monetarja jew ta' politika ekonomika. Il-qorti tar-rinviju enfasizzat sett ta' elementi li jistgħu juru li din hija miżura ta' politika ekonomika, li se niffoka fuqhom individwalment. Madankollu, qabel kollox huwa importanti li nitkellem fuq l-għanijiet li stabbilixxa l-BĊE biex jiġġustifika l-programm OMT, li ġew ikkontestati mill-BVerfG u miċħuda mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Wara li jkunu ġew ikkunsidrati dawn ir-raġunijiet u wara li tkun saret il-kwalifika legali tagħhom, se nevalwa l-elementi identifikati b'mod speċjali mill-qorti tar-rinviju: il-kundizzjonalità, il-paralleliżmu, is-selettività u l-evitar.

– L-għanijiet tal-programm OMT

134. Kif iddiskuta fid-dettall il-BĊE fl-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub, matul is-sajf tal-2012 seħħew serje ta' ċirkustanzi eċċezzjonali fl-ekonomija taż-żona euro: primjums tar-riskju eċċessivi applikati għal diversi Stati Membri, volatilità qawwija fis-swieq tad-dejn pubbliku, frammentazzjoni tal-kreditu fis-suq interbankarju u żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament tal-impriżi bħala riżultat ta' dan ta' hawn fuq. Dawn l-avvenimenti ġew influwenzati wkoll b'mod qawwi mill-biża' dejjem ikbar tas-swieq minn kollass ipotetiku tal-munita unika, jew minħabba l-ħruġ selettiv ta' wieħed jew uħud mill-membri tagħha, jew minħabba l-għajbien dirett tagħha u r-ritorn għall-muniti nazzjonali. L-ebda waħda mill-partijiet f'din il-proċedura preliminari ma ċaħdet essenzjalment dawn il-fatti .

135. Skont il-BĊE, iċ-ċirkustanzi deskritti hawn fuq interferixxew mal-istrumenti konvenzjonali tal-politika monetarja. Ir-rati tal-interessi tad-dejn pubbliku ma ġewx stabbiliti skont il-kwalità tal-kreditu maħruġ, iżda skont il-post fejn jinsab id-debitur. Frammentazzjoni territorjali tat-tip tal-interessi applikati għat-titoli tad-dejn maħruġa mill-Istati taż-żona euro, f'xi każijiet f'termini li ma jikkorrispondux għall-elementi fundamentali makroekonomiċi tal-Istati kkonċernati, tinvolvi, dejjem skont il-BĊE, ostakolu serju għall-politika monetarja ta' dik l-istituzzjoni, fuq il-bażi tal-użu ta' diversi mezzi ta' trażmissjoni differenti. Meta s-suq tad-dejn pubbliku, wieħed mill-mezzi ewlenin tat-trażmissjoni tal-politika monetarja, ġarrab bidla serja kif deskritt, il-BĊE jkun tilef parti kbira mill-marġni disponibbli għalih biex iwettaq l-inkarigu li ġie attribwit lilu mit-Trattati.

136. Meta wieħed iqis iċ-ċirkustanzi fattwali msemmijin, dejjem skont il-BĊE, il-programm OMT għandu għan doppju, wieħed dirett u ieħor indirett: l-ewwel wieħed isegwi tnaqqis fir-rati tal-interessi mitluba fuq it-titoli ta' dejn ta' Stat Membru biex, sussegwentement, "jiġu nnormalizzati" id-differenzi u b'hekk jiġu rkuprati l-istrumenti tal-politika monetarja tal-BĊE.

137. Xi rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-għan tal-BĊE ma kienx dak li għadu kif ġie deskritt, iżda li "jsalva l-munita unika" permezz tat-trasformazzjoni tal-BĊE f'sellief tal-aħħar istanza tal-Istati Membri, biex b'hekk jipprovdi għal xi nuqqasijiet fit-tfassil tal-Unjoni monetarja. Ma naħsibx li jeżistu argumenti konklużivi biex jappoġġjaw dan. Il-fatt li fil-Bullettin ta' kull xahar tal-BĊE ta' Awwissu 2012, fid-dawl mal-miżuri li wasslu għat-tħabbir tas-6 ta' Settembru ta' dik is-sena, tiġi enfasizzata r-relazzjoni bejn il-programm u l-"irriversibilità tal-euro", ma jidhirlix li huwa biżżejjed biex tiġi kkontestata d-difiża kontinwa u ripetuta tal-għanijiet tal-programm OMT li jesprimi l-BĊE mill-mument tat-tħabbir ta' dan il-programm sa din il-proċedura[69].

69 — Kif tiddikjara l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Bullettini ta' kull xahar tal-BĊE għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2012 jikkonfermaw ripetutament li l-għan aħħari tal-programm OMT huwa l-irkupru tal-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja.

138. Konsegwentement, u fid-dawl tal-fatti u tal-ambitu ppreżentat mill-BĊE, nemmen li hemm biżżejjed elementi biex jiġi kkunsidrat li l-għanijiet stabbiliti mill-programm OMT jistgħu jkunu bħala prinċipju aċċettati bħala legali. Iċ-ċirkustanzi fattwali li seħħew fis-sajf tal-2012 ma jidhrux dubjużi, u lanqas is-sitwazzjoni ta' diversi Stati fis-swieq tad-dejn pubbliku, li magħhom għandu jiżdied livell kunsiderevoli ta' rispett li huwa dovut lejn il-BĊE fil-mument tal-kunsiderazzjoni tal-evalwazzjonijiet dwar l-elementi ta' fatt.

139. Fil-qosor, nemmen li l-għanijiet tal-programm OMT jistgħu jiġu aċċettati skont it-termini msemmija mill-BĊE, fuq il-bażi tar-rikonoxximent tal-intenzjoni tal-BĊE li jsegwi għan tal-politika monetarja bit-tħabbir tal-programm OMT. Kwistjoni differenti hi li l-analiżi tal-kontenut tal-programm OMT twassal għal konklużjoni opposta. F'dan ir-rigward il-qorti tar-rinviju tenfasizza diversi aspetti li, fl-opinjoni tagħha, jibdlu l-programm OMT f'miżura ta' politika ekonomika, u li jien se niffoka fuqhom hawn taħt.

– Kundizzjonalità u paralleliżmu

140. Il-BVerfG tindirizza żewġ aspetti li jistgħu jiġu analizzati flimkien. Il-fatt li l-programm OMT jiddependi fuq l-eżistenza ta' programm ta' assistenza finanzjarja li jipprovdi benefiċċju lil Stat wieħed jew diversi Stati li t-titoli tagħhom ikunu suġġetti għal akkwist fis-suq sekondarju, filwaqt li l-BĊE jorbot l-għanijiet tal-programm OMT ma' dawk tal-programm ta' assistenza finanzjarja, jikkonferma, skont il-BVerfG, li l-azzjoni tal-BĊE taqa' fil-qasam tal-politika ekonomika u mhux tal-politika monetarja[70]. Dan esprimewh ukoll ir-rikorrenti kollha fil-kawża prinċipali, li għalkemm mhux dejjem bl-istess motivazzjoni, bi qbil rigward ir-riżultat.

141. Il-BĊE jsostni li l-programm OMT huwa attivat biss taħt il-kundizzjoni li Stat taż-żona euro jkun suġġett għal programm ta' assistenza finanzjarja artikolat mill-MES jew l-EFSF, b'tali mod li l-kundizzjonalità imposta fuq dan il-programm tiggarantixxi li t-twettiq tal-programm OMT ma tinkoraġġixxix lill-Istati kkonċernati biex jirrilassaw l-adozzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa, li komunement jiġi deskritt bħala "periklu morali"[71]. Skont il-BĊE, ix-xiri ta' dejn pubbliku fis-suq sekondarju ma jistax jiġi interpretat bħala miżura ta' appoġġ inkundizzjonat peress li, essenzjalment, l-intervent tal-BĊE jseħħ biss jekk isiru r-riformi strutturali imposti mill-programm korrispondenti ta' assistenza finanzjarja. Għall-BĊE, ir-riskju ta' interferenza fil-politika ekonomika huwa kkumpensat bl-effett newtralizzanti fuq il-"periklu morali" li jista' jwassal għal intervent notevoli tal-BĊE fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku.

142. L-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma huwiex mingħajr bażi. Għalkemm il-BĊE sostna li r-rabta tal-programm OMT mat-twettiq tal-programmi ta' assistenza finanzjarja hija kundizzjoni li jistabbilixxi l-BĊE nnifsu, li jista' joħroġ minnha fi kwalunkwe ħin, ir-rikorrenti u, b'mod partikolari, Die Linke, enfasizzaw li l-BĊE ma huwiex limitat li jirreferi għat-twettiq ta' programm ta' assistenza li jkun kompletament estern għalih. Għall-kuntrarju ta' dan, il-BĊE jipparteċipa b'mod attiv fi ħdan dawn il-programmi ta' assistenza finanzjarja. Dan ir-"rwol doppju" tal-BĊE, bħala detentur ta' dritt ta' kreditu bbażat fuq titolu ta' dejn pubbliku ta' Stat, u bħala superviżur u negozjatur ta' programm ta' assistenza finanzjarja applikat fl-istess Stat, inkluża l-kundizzjonalità makroekonomika, idaħħal dubji serji rigward l-argument tal-BĊE.

70 — Min-naħa tiegħu, sa fejn il-kundizzjonijiet li hu suġġett għalihom ix-xiri ta' titoli ta' dejn jistgħu ma jikkoinċidux ma' dawk stabbiliti mill-EFSF/MES, il-programm jopera bħala tip ta' "salvataġġ parallel" Għalhekk, nifhem li dawn huma żewġ kwistjonijiet li jistgħu jiġu analizzati flimkien.

71 — Skont Krugman u Wells, it-terminu "periklu morali" jirreferi għal kif l-individwi jieħdu riskji ikbar fid-deċiżjonijiet tagħhom meta l-konsegwenzi negattivi possibbli tal-azzjonijiet tagħhom ma jinġarrux minnhom, iżda minn terzi. F'dan ir-rigward u f'iktar dettall, ara Krugman, P. u Wells, R., *Microeconomics*, It-3 ed., Ed. Publishers Worth, 2012.

143. Essenzjalment, naqbel ma' dan l-approċċ. Għalkemm fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012 il-BĊE għaqqad l-implementazzjoni tal-programm OMT mat-twettiq effettiv tal-impenji miftiehma fil-qafas ta' programm ta' assistenza finanzjarja, huwa ċert li r-rwol ta' din l-istituzzjoni fi ħdan il-programmi ta' assistenza finanzjarja jmur lil hinn minn sempliċi adeżjoni unilaterali. Ir-regoli li jirregolaw l-MES[72], iżda wkoll l-esperjenza tal-programmi ta' assistenza finanzjarja mwettqa u li għadhom qegħdin jitwettqu, juru ampjament li r-rwol tal-BĊE fit-tfassil, l-approvazzjoni u l-monitoraġġ perijodika ta' dawn il-programmi huwa sinjifikattiv, jekk mhux deċiżiv[73]. Barra minn hekk, kif enfasizza Die Linke fl-argumenti bil-miktub u orali tiegħu, il-kundizzjonalità imposta fil-qafas tal-programmi ta' assistenza finanzjarja miftiehma sa dak inhar u li l-BĊE pparteċipa fihom b'mod attiv, kellhom impatt makroekonomiku sinjifikattiv fuq l-ekonomiji tal-Istati affettwati, kif ukoll fuq iż-żona euro kollha. Din il-konstatazzjoni tikkonferma li l-BĊE, fil-parteċipazzjoni fil-programmi ta' assistenza msemmija, intervjena b'mod attiv fuq miżuri li, taħt ċerti ċirkustanzi, jistgħu jitqiesu li jmorru lil hinn mill-"appoġġ" għall-politika ekonomika.

144. Fil-fatt, it-Trattat MES jagħti lill-BĊE diversi responsabbiltajiet fil-programm ta' assistenza finanzjarja, inkluża l-parteċipazzjoni fin-negozjati u fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni[74]. Għalhekk, il-BĊE jipparteċipa fit-tfassil tal-kundizzjonalità imposta fuq l-Istat li jitlob assistenza, filwaqt li, sussegwentement, jipparteċipa wkoll fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni tat-twettiq tal-kundizzjonalità, li huma kruċjali għall-kontinwazzjoni effettiva u t-tlestija eventwali tal-programm. Dan il-kompitu huwa kondiviż bejn il-BĊE u l-Kummissjoni, għalkemm it-Trattat MES jattribbwixxi lit-tieni Istituzzjoni funzjonijiet saħansitra iktar sinjifikattivi.

145. Sabiex il-programm OMT jikkwalifika bħala miżura ta' politika monetarja huwa essenzjali, kif diġà enfasizzajt hawn fuq, li l-għanijiet jaqgħu fl-ambitu ta' din il-politika u li l-istrumenti użati jkunu tal-politika monetarja stess. Ir-rabta tal-programm OMT mat-twettiq tal-programmi ta' assistenza finanzjarja tista' tiġi ġġustifikata mill-interess, ċertament leġittimu biex tinqered kwalunkwe traċċa ta' "periklu morali" li tista' tirriżulta minn intervent sinjifikattiv tal-BĊE fis-suq tad-dejn pubbliku. Madankollu, il-fatt li din l-istess istituzzjoni tipparteċipa b'mod attiv fil-programmi ta' assistenza finanzjarja jista' jibdel il-programm OMT, sa fejn dan huwa marbut unilateralment magħhom, f'xi ħaġa iktar minn miżura ta' politika monetarja. Dan għaliex il-kundizzjonament unilaterali tal-akkwist ta' dejn pubbliku wara twettiq ta' kundizzjonijiet stabbiliti ma' parti terza, huwa differenti mil-każ li dan isir jekk din il-parti terza ma tkunx eżattament tali. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-akkwist ikkundizzjonat ta' dejn jista' jinbidel fi strument ieħor ta' dik il-kundizzjonalità. Is-sempliċi fatt li jista' jiġi pperċepit bħala tali, bħala strument għas-servizz tal-kundizzjonalità makroekonomika, jista' jkollu impatt suffiċjenti biex idgħajjef jew anki jfixkel l-għanijiet tal-politika monetarja intiżi mill-programm OMT.

146. Huwa ċert li l-BĊE dejjem jista' jeżerċita pressjoni fuq Stat suġġett għal programm ta' assistenza finanzjarja billi jorbot, minkejja li unilateralment, il-programm OMT mal-konformità għall-kundizzjonalità miftiehma taħt il-MES. Madankollu, huwa meħtieġ li ssir differenza bejn miżura maħsuba biex jiġi eskluż il-"periklu morali", bħal ma tista' tkun ir-rabta unilaterali għall-kundizzjonalità imposta fuq programm ta' assistenza finanzjarja, u miżura li, meqjusa kollha kemm hi, tinkludi lill-BĊE bħala istituzzjoni ta' negozjar u, fuq kollox, kosuperviżur dirett ta' tali kundizzjonalità[75].

72 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4(4); 5(3) u (5)(g); 6(2); 13(1), (3) u (7); u 14(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES.

73 — Rigward ir-rwol istituzzjonali tal-BĊE fil-programmi ta' salvataġġ, ara Beukers, T., "The new ECB and its relationship with the eurozone Member States: Between central bank independence and central bank intervention", (2013) 50 *Common Market Law Review*, Issue 6, p. 1588 *et seq.*

74 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 13(3) u (7), tat-Trattat MES.

75 — Ara, bħala eżempji, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-ftehimiet ta' assistenza finanzjarja, approvati mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-MES fit-22 ta' Novembru 2012 (disponibbli fuq il-paġna www.esm.europa.eu), li jikkonfermaw ir-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni tal-programmi ta' assistenza finanzjarja (speċifikament, ara l-Artikoli 3.3.2, 3.4.2, 5.3.4, 5.12.1, 6.2.6, 9.6, 9.8.2 u 12.2).

147. Fil-qosor, nikkunsidra li l-BĊE, sa fejn, meta fassal u ħabbar il-programm OMT, fejn l-involviment tal-BĊE isir f'qafas iktar wiesa' fil-programmi ta' assistenza finanzjarja miftiehma skont l-MES, ma kkunsidrax b'mod adegwat l-impatt tal-involviment tiegħu fuq l-imsemmija programmi ta' assistenza finanzjarja fin-natura monetarja tal-programm OMT.

148. F'dawn it-termini, ser neżamina liema konsegwenzi immedjati għandu dan l-argument biex il-programm OMT jiġi attribwit għall-politika monetarja tal-Unjoni.

149. Nemmen li l-konklużjoni preċedenti ma timpedixxix lill-BĊE milli jipparteċipa regolarment fil-programmi ta' assistenza finanzjarja kif jistabbilixxi t-Trattat MES. Il-fatt li jiġi approvat programm ta' assistenza finanzjarja bl-ebda mod ma jippreġudika li se jkun hemm ċirkustanzi meħtieġa biex il-BĊE jattiva l-programm OMT.

150. Madankollu, fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li jimmotivaw it-tqegħid fis-seħħ tal-programm OMT, sabiex dan iżomm il-funzjoni tiegħu ta' miżura inkorporata fil-politika monetarja, huwa essenzjali li l-BĊE jiddistakka ruħu sussegwentement minn kwalunkwe parteċipazzjoni diretta fil-monitoraġġ tal-programm ta' assistenza finanzjarja applikat għall-Istat ikkonċernat. Xejn ma jimpedixxi lill-BĊE milli jiġi infurmat jew anke milli jinstema'[76], iżda fl-ebda każ ma jista' jiġi permess li l-BĊE, fl-eventwalità li jkun għaddej programm bħall-OMT, ikompli jipparteċipa fil-monitoraġġ tal-programm ta' assistenza finanzjarja li jkun suġġett għalih l-Istat Membru li, fl-istess ħin, ikun suġġett għal intervent sinjifikattiv tal-BĊE fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku. Fl-aħħar nett, sabiex il-programm OMT iżomm in-natura tiegħu ta' miżura ta' politika monetarja, intiża biss għall-irkupru tal-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, nemmen li huwa meħtieġ li tinżamm din id-distanza funzjonali bejn iż-żewġ programmi.

151. Għalhekk, u mill-perspettiva ta' dak li għadni kemm analizzajt, nemmen li l-programm OMT għandu jiġi kkunsidrat bħala miżura ta' politika monetarja sakemm il-BĊE, fil-każ tal-applikazzjoni ta' dan il-programm, ma jintervjenix b'mod dirett fuq il-programmi ta' assistenza finanzjarja miftiehma skont l-MES/EFSF.

– Selettività

152. It-tieni karatteristika enfasizzata mill-qorti tar-rinviju li tikkontesta n-natura monetarja tal-programm OMT hija l-imsejħa "selettività", jiġifieri miżura li tista' tiġi applikata għal Stat wieħed jew diversi Stati, u fi kwalunkwe każ mhux għall-Istati kollha taż-żona euro. Din il-karatteristika tikkomprometti l-prattika abitwali tal-BĊE, li l-miżuri tiegħu huma indirizzati lejn iż-żona euro kollha u mhux għal segmenti territorjali tal-ekonomija. Barra minn hekk, skont il-BVerfG, is-selettività tikkawża tgħawwiġ tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament fis-suq li jista' jkun ta' ħsara għad-dejn pubbliku tal-Istati Membri l-oħrajn.

153. Din l-oġġezzjoni ma tidhirx li hija konkludenti, peress li ma turix li s-selettività fiha nnifisha tibdel il-programm OMT f'miżura ta' politika ekonomika. Minn naħa waħda, il-BĊE sostna b'mod konvinċenti li d-differenzi fir-rati tal-interessi b'kapaċità li jimblukkaw il-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja jinsabu esklużivament fit-titoli ta' dejn ta' grupp ta' Stati. Din iċ-ċirkustanza hija l-bażi tal-programm OMT, inkella ma jkunx meħtieġ li t-twettiq tiegħu jkun marbut ma' programm ta' assistenza finanzjarja. Għalhekk, is-selettività hija biss il-konsegwenza loġika ta' programm maħsub biex jirrimedja sitwazzjoni ta' imblokk li tinsab f'diversi Stati Membri. Il-fatt li din iċ-ċirkustanza tibdel is-suq jew tikkawża dannu lid-dejn pubbliku ta' Stati oħra ma jinterferixxix fil-klassifikazzjoni tal-programm OMT bħala miżura ta' politika monetarja, peress li huwa biss jekk dan il-programm jiġi dirett lejn it-titoli ta' dejn tal-Istati kkonċernati li l-effettività tiegħu tista' tiġi żgurata.

76 — Fil-fatt, il-kliem tat-Trattat MES jippermetti dan it-tip ta' intervent. L-espressjoni "f'koordinazzjoni mal-", użata mit-Trattat MES fl-Artikoli 13 u 14 tiegħu, jippermettu varjetà wiesgħa ta' azzjonijiet tal-BĊE matul programm ta' assistenza finanzjarja, inklużi d-"passivi" proposti hawnhekk.

154. Għaldaqstant, nemmen li l-fatt li l-programm OMT japplika b'mod selettiv għal Stat wieħed jew diversi Stati taż-żona euro ma jikkompromettix in-natura tiegħu ta' politika monetarja fis-sens tal-Artikolu 127(1) TFUE u 282(2) TFUE.

– Evitar

155. Fl-aħħar nett, il-BVerfG issostni li l-programm OMT jista' jevita l-obbligi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' assistenza finanzjarja, peress li r-rekwiżiti li huwa suġġett għalihom ix-xiri tad-dejn fis-suq sekondarju mill-MES, stabbiliti fl-Artikoli 18 u 14 tat-Trattat MES, huma iktar stretti minn dawk imposti mill-programm OMT. Dan jippermetti lill-BĊE jwettaq xiri ta' dejn pubbliku f'kundizzjonijiet tas-suq iktar favorevoli għall-Istat ikkonċernat, u għalhekk jevita l-kundizzjonijiet li huwa suġġett għalihom il-MES.

156. Huwa diffiċli li dan l-argument jiġi aċċettat wara li jkunu ġew analizzati l-oġġezzjonijiet għall-kundizzjonijiet u l-paralleliżmu, diskussi fil-punt preċedenti. Fil-fatt, ladarba jkun ġie ddikjarat, kif għamilt preċedentement, li l-awtonomija tal-programm OMT fir-rigward tal-programmi ta' assistenza finanzjarja fit-termini stabbiliti taġixxi bħala element li jiżgura n-natura ta' politika monetarja tal-miżura inkwistjoni, ikun loġiku li, bħala riżultat ta' dik il-garanzija, ikun il-BĊE li jistabbilixxi r-rekwiżiti tiegħu stess għall-akkwist tat-titoli tad-dejn pubbliku.

157. Fl-opinjoni tiegħi, dak li jista' jwassal għal problemi ma huwiex tant il-fatt astratt li r-rekwiżiti huma differenti għal istituzzjoni waħda jew oħra, iżda r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti mill-BĊE. Madankollu, mill-perspettiva esklużiva li tippreżenta l-qorti tar-rinviju, nemmen li l-fatt li l-BĊE ma huwiex suġġett għall-istess rekwiżiti li huwa suġġett għalihom l-MES ma jibdilx, fil-prinċipju, il-programm OMT f'miżura politika ekonomika.

– Konklużjoni intermedja

158. Fid-dawl tal-argumenti iktar 'il fuq, nemmen li l-programm OMT, fit-termini li jirriżultaw mid-deskrizzjoni tiegħu fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, huwa parti mill-politika monetarja li t-Trattat jattribwixxi lill-BĊE u ma jikkostitwixxix miżura ta' politika ekonomika, dejjem sakemm, waqt it-twettiq komplut ta' eventwali programm OMT, il-BĊE ma jsirx intervent dirett fuq il-programmi ta' assistenza finanzjarja li huma marbutin ma' dak il-programm.

ii) L-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-programm OMT (l-Artikolu 5(4) TUE)

159. Il-konklużjoni preċedenti, fis-sens li l-programm OMT, kif dan huwa magħruf, jaqa' taħt il-politika monetarja tal-BĊE, ma tgħid xejn dwar il-proporzjonalità tal-miżura. Għal dan il-għan, diversi partijiet intervenjenti ddefendew il-programm permezz tal-kategoriji ta' stħarriġ tal-proporzjonalità.

160. It-twettiq ta' kompetenza rikonoxxuta bħala mhux konvenzjonali għandu jissodisfa tal-inqas żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel, dan l-eżerċizzju għandu jkun meħtieġ, qabel xejn, li ma jinvolvix ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt primarju, u dan se jiġi mwieġeb fir-risposta għat-tieni domanda preliminari, dwar il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati Membri.

161. It-tieni, l-istħarriġ tal-osservanza tal-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi mill-perspettiva tal-prinċipju ta' proporzjonalità (Artikolu 5(4) TUE) huwa imperattiv fiċ-ċirkustanzi ta' miżura li hija ppreżentata bħala mhux konvenzjonali u ġġustifikata minn ċirkustanzi eċċezzjonali. Jekk l-Unjoni jkollha teżerċita dejjem il-kompetenza tagħha skont il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità (Artikolu 5(4) TUE), din l-osservanza ssir partikolarment urġenti fil-każ ta' kompetenzi eżerċitata minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali.

162. Wara li ntqal dan, għandu jiġi nnotat li din il-kawża tqajjem diffikultà speċjali fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżura kkontestata. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, il-programm OMT huwa miżura *mhux kompleta*, mhux biss minħabba li l-approvazzjoni formali tiegħu ġiet irrelegata għal mument futur u indeterminat fiż-żmien, iżda wkoll għaliex, lil hinn minn dan, it-twettiq konkret tiegħu fi kwalunkwe każ sa issa għadu ma seħħx. Huwa minnu li l-karatteristiċi bażiċi tal-programm huma disponibbli, iżda huwa ċar li dawn għadhom lura ħafna milli jilħqu l-livell ta' kompletezza meħtieġ biex jiġi rregolat f'att ġuridiku. Huwa biss fil-każ ta' din ir-regolamentazzjoni eventwali li jkun possibbli stħarriġ sħiħ tal-proporzjonalità.

163. Minħabba f'hekk, l-istħarriġ li, f'dan il-punt, twettaq il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiffoka primarjament fuq il-miżura kif kienet imħabbra f'Settembru 2012, mingħajr preġudizzju għall-fatt li f'ċerti okkażjonijiet, b'mod konformi mal-karatteristiċi tekniċi stabbiliti mill-BĊE, huwa xieraq li jsiru ċerti twissijiet fil-każ li ssir l-implementazzjoni effettiva tal-programm OMT.

164. Wara din l-evalwazzjoni, se nibda l-analiżi tiegħi billi nenfasizza karatteristika li fl-opinjoni tiegħi hija fundamentali u li tippreċedi l-istħarriġ tal-proporzjonalità: il-motivazzjoni essenzjali li tikkaratterizza l-programm OMT. Wara dan ser nanalizza b'attenzjoni l-karatteristiċi tekniċi tal-programm OMT fid-dawl tat-tliet komponenti tal-prinċipju ta' proporzjonalità: l-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità fis-sens strett.

– Il-motivazzjoni taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw il-programm OMT, premessa ta' proporzjonalità

165. L-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni għandhom id-dmir li jagħtu raġunijiet għall-atti ġuridiċi tagħhom (Artikolu 296(2) TFUE). Dan id-dmir huwa bbażat fuq raġunijiet ta' trasparenza, iżda wkoll ta' stħarriġ ġudizzjarju: huwa biss permezz tal-ispjegazzjoni tar-raġunijiet li jappoġġjaw id-deċiżjoni pubblika li jkun possibbli stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi okkażjonijiet irreferiet għal din in-natura doppja tal-obbligu ta' motivazzjoni[77], applikabbli ugwalment għal miżura bħal dik ikkontestata f'din il-proċedura preliminari.

166. Fil-fatt, rigward il-preżunzjoni li l-BĊE japplika programm bħall-OMT b'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, għandhom jiġu pprovduti l-elementi kollha meħtieġa biex jiġġustifikaw intervent tal-istituzzjoni fis-suq sekondarju ta' dejn pubbliku. Fi kliem ieħor, jirriżulta li huwa inevitabbli li l-BĊE jibda billi jidentifika ċ-ċirkustanza eċċezzjonali u straordinarja li ġġiegħlu jadotta miżura mhux konvenzjonali bħal dik f'dan il-każ.

167. F'dan ir-rigward, u l-ewwel nett, għandu jipprovdi indikazzjonijiet speċifiċi li jikkonfermaw bidla sinjifikattiva fiċ-ċirkustanzi tas-suq li jikkawżaw tfixkil estern fuq il-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Bl-istess mod, il-BĊE għandu juri sa liema punt ġew imblukkati l-mezzi ta' trażmissjoni tiegħu, mingħajr ma tkun biżżejjed sempliċi dikjarazzjoni f'dan is-sens. Il-BĊE għandu jipprovdi elementi li jikkonfermaw l-eżistenza ta' imblukkar bħal dan. Fl-aħħar nett, dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu ttrasferiti pubblikament, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-aspetti strettament essenzjali li l-iżvelar tagħhom jista' jikkompromettti l-effettività tal-programm, iżda sakemm, bħala regola, l-għoti tar-raġunijiet isir bi trasparenza sħiħa.

168. Dawn il-kriterji għandhom jiġu segwiti b'mod strett mill-BĊE, bħala premessa inevitabbli ta' stħarriġ ġudizzjarju sussegwenti.

77 — Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fit-Trattat "ma jsegwix biss għan formali, iżda pjuttost ifittex li jippermetti lill-partijiet jiddefendu d-drittijiet tagħhom, li l-Qorti teżerċita l-poteri tagħha u li l-Istati Membri, u kull ċittadin interessat, isiru jafu dwar iċ-ċirkustanzi li fihom l-[istituzzjoni] applikat it-Trattat." Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 1963, il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (24/62, EU:C:1963:14), p. 143 u tas-27 ta' Jannar 2000, DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni (C-164/98 P, EU:C:2000:48), punt 33.

169. Wara li jiġu applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet, huwa ċar li fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, immirata essenzjalment biex tiddeskrivi n-natura tal-programm OMT, prattikament ma hemm ebda referenza għaċ-ċirkustanzi speċifiċi li jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' programm bħall-OMT. Huwa biss permezz tal-osservazzjonijiet introduttorji li permezz tagħhom il-President tal-BĊE, M. Draghi, fetaħ il-konferenza stampa tiegħu fl-istess jum li kellha ssir magħrufa l-identità tas-sitwazzjoni ta' emerġenza li tista' tiġġustifika l-adozzjoni tal-programm[78]. Dan ifisser li, mill-perspettiva tal-motivazzjoni tal-miżura kif tħabbret, għandna naħdmu permezz tal-informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta. Barra minn hekk, u fil-qafas ta' din il-proċedura, il-BĊE pprovda ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-emerġenza li kien qed jiffaċċja, kif ġie stabbilit fil-punti 115, 116, 117, 134, 135, 136 ta' dawn il-konklużjonijiet.

170. Fil-qosor, u għall-finijiet tal-istħarriġ tal-proporzjonalità tal-programm OMT, se naħdem bl-informazzjoni pprovduta f'din il-proċedura, iżda bil-kundizzjoni importanti li, fil-każ ta' twettieq tal-programm, kemm l-att ġuridiku kif ukoll dak li tah il-forma bħall-applikazzjoni tiegħu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-motivazzjoni, kif deskritt fil-punti 166 u 167 ta' dawn il-konklużjonijiet.

– It-test ta' adegwatezza

171. F'dak li jirrigwarda l-komponenti li jiffurmaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-ewwel għandu jiġi evalwat jekk miżura mhux konvenzjonali bħall-programm OMT hijiex mezz oġġettivament xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika monetarja li huma ppreżentati. Dan jinvolvi, għalhekk, l-eżaminazzjoni ta' jekk il-miżura hijiex koerenti fir-rigward tar-relazzjoni kawżali eżistenti bejn il-mezzi u l-għanijiet[79].

172. L-ebda wieħed mill-intervenjenti f'din il-proċedura ma ċaħad li t-tħabbir tal-programm OMT kellu l-effett ta' tnaqqis importanti fir-rati tal-interessi meħtieġa fit-titoli ta' dejn ta' xi Stati Membri. Din il-konsegwenza tikkonferma l-adegwatezza tal-programm, fejn jekk is-sempliċi tħabbira tal-eżistenza tiegħu kellha effett kważi immedjat fuq is-swieq, huwa mistenni li t-twettiq tal-programm OMT għal Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri jkollu mill-inqas impatt simili. Huwa ovvju li din id-dikjarazzjoni hija suġġetta għal kull tip ta' kundizzjonijiet li bħalissa huwa impossibbli li jiġu mbassra, iżda, bħala punt tat-tluq, l-effett tat-tħabbira tal-programm OMT jipprovdi indikazzjoni tal-effettività tal-miżura.

173. Huwa ċar madankollu li l-effetti tat-tħabbira tal-programm OMT ma jistgħux iservu bħala l-uniku kriterju ta' riferiment fl-analiżi tal-adegwatezza tal-miżura, minħabba li ma humiex iktar minn sempliċi indikazzjonijiet, minkejja li ta' ċerta importanza. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi analizzat f'iktar dettall, iżda b'rikonoxximent ta' diskrezzjoni wiesgħa ta' evalwazzjoni tal-BĊE, jekk il-komponenti li jiffurmaw il-programm OMT humiex oġġettivament xierqa sabiex jinkisbu l-għanijiet intiżi.

174. Għalkemm l-għan immedjat tal-programm OMT huwa t-tnaqqis tar-rati tal-interessi li jitħallsu mit-titoli tad-dejn pubbliku ta' ċerti Stati Membri, il-mezz użat huwa xiri ta' dejn pubbliku ta' ċerti Stati fiż-żona euro taħt il-kundizzjonijiet iddikjarati fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012. Dan huwa xiri suġġett għal eżistenza preċedenti ta' programm ta' assistenza finanzjarja, kemm jekk komplut jew prekawzjonarju, li permezz tiegħu l-BĊE huwa limitat għal xiri ta' titoli f'termini iqsar mill-kurva tar-rendiment, b'mod partikolari, dawk b'terminu ta' żmien sal-maturità bejn sena u tliet snin.

78 — Dikjarazzjonijiet mill-President tal-BĊE, M. Draghi, waqt il-konferenza stampa tas-6 ta' Settembru 2012, disponibbli fuq http://www.ecb.europa.eu/press/pressconf/2012/html/is120906.en.html.

79 — Ara f'dan ir-rigward is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 1980, National Panasonic vs Il-Kummissjoni, 136/79, EU:C:1980:169, il-paragrafi 28 sa 30, u Roquette Frères, iċċitata iktar 'il fuq. EU:C:2002:603, punt 77.

175. Oġġettivament, nemmen li programm bħall-OMT, li jiffoka fuq ix-xiri ta' titoli ta' dejn pubbliku, huwa adegwat biex jinkiseb tnaqqis fir-rati tal-interessi tat-titoli ta' dejn pubbliku tal-Istati kkonċernati. Ħadd mill-intervenjenti f'din il-proċedura ma ċaħad din il-konstatazzjoni. Dan it-tnaqqis jirriżulta fl-irkupru ta' ċerta normalità finanzjarja mill-Istati kkonċernati, bil-konsegwenza li l-BĊE jkun jista' jwettaq il-politika monetarja tiegħu f'kundizzjonijiet ta' ċertezza u stabbiltà ikbar. Din l-istqarrija ma tfissirx li tali normalità finanzjarja ma jkunx fiha riskji, u fil-fatt dan se jintwera iktar 'il quddiem. Madankollu, dak li għandu jiġi analizzat fis-sentenza tal-adegwatezza hija l-koerenza loġika bejn il-mezz u l-għan, li, f'dan il-każ, nemmen li ntlaħaq.

176. Għaldaqstant, nikkunsidra li l-programm OMT, kif tħabbar fis-6 ta' Settembru 2012, huwa miżura xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-BĊE.

– It-test tan-neċessità

177. Għalkemm il-miżura kkontestata hawnhekk tista' tkun xierqa, huwa minnu wkoll li l-mezz użat jista' jkun eċċessiv meta mqabbel mal-alternattivi li kienet tipprovdi l-istituzzjoni li wettqet l-att.[80]. Minn din il-perspettiva jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-BĊE adottax miżura strettament neċessarja biex jintlaħqu l-għanijiet proposti mill-programm OMT.

178. L-ewwel nett, il-fatt li l-programm OMT huwa limitat biss għal dawk il-każijiet li fihom Stat Membru jkun irċieva programm ta' assistenza finanzjarja jfisser li din hija miżura limitata u marbuta ma' suppożizzjonijiet speċifiċi. Il-programm OMT ma huwiex mezz biex jintervjeni fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku b'mod ġenerali u fi kwalunkwe ċirkustanza. Anki wara li jkunu ġew imblukkati l-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, huwa biss meta Stat Membru jkun suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku jew programm prekawzjonarju tal-EFSF/MES li se jkun possibbli li jiġi attivat il-programm OMT. Din iċ-ċirkustanza tillimita kunsiderevolment in-numru ta' xenarji li fihom il-BĊE jaġixxi fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku, li huwa konsistenti mal-fatt li dan huwa miżura mhux konvenzjonali ta' politika monetarja, fih innifsu eċċezzjonali u marbut ma' suppożizzjonijiet speċifiċi. Il-fatt li l-BĊE jkun stabbilixxa l-attivazzjoni tal-programm OMT skont l-approvazzjoni minn qabel ta' programm ta' assistenza finanzjarja jikkonferma n-natura eċċezzjonali tal-miżura, iżda jagħmilha suġġetta, fl-opinjoni tiegħi b'mod korrett, għal każ eċċezzjonali wkoll.

179. Bl-istess mod, f'din il-kawża jirriżulta li t-twettiq tal-programm OMT għandu, skont in-natura tiegħu, karattru limitat fiż-żmien. Kif osservat ġustament ir-Repubblika Franċiża, programm bħall-OMT jista' jkun biss temporanju[81]. Kemm mill-istqarrija għall-istampa kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-BĊE jirriżulta li l-programm ikun japplika, skont il-każ, matul il-perijodu essenzjali sabiex ir-rati tal-interessi tal-Istat jew l-Istati kkonċernati jirkupraw il-livelli kkunsidrati normali tas-suq[82]. Il-missjoni tal-programm OMT ma hijiex sempliċement tnaqqis tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament ta' Stat, iżda li dawn il-kundizzjonijiet jerġa' jġibhom f'livelli konsistenti mar-realtà makroekonomika ta' dak l-Istat. Ladarba jintlaħaq dak l-għan, u wara li jseħħ l-iżblokk tal-mezzi tat-trażmissjoni, it-twettiq tal-programm OMT jintemm, b'mod konsistenti man-natura strettament neċessarja tal-miżura.

80 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Fedesa *et* (C-331/88, EU:C:1990:391), punt 13, u Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, (C-180/00, EU:C:2005:451), punt 103.

81 — Osservazzjonijiet bil-miktub tar-Repubblika Franċiża, li jirreferu għan-natura "ciblée et provisoire" tal-programm OMT (punt 40).

82 — L-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, minbarra li tirreferi għall-kundizzjonalità tal-programmi ta' assistenza finanzjarja bħala "kundizzjoni neċessarja" tenfasizza li s-sospensjoni tal-programm OMT ser isseħħ permezz ta' deċiżjoni "diskrezzjonali" tal-Kunsill Governattiv, imma "b'mod konformi mal-mandat tiegħu ta' politika monetarja".

180. Barra minn hekk, f'sitwazzjoni delikata bħal din, kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi u, għalhekk, fl-eċċezzjonalità tagħhom, issir rilevanti għat-test tan-neċessità. F'dan is-sens, nemmen li l-imġiba tal-BĊE f'Settembru 2012, fejn illimita ruħu għat-tħabbir tal-karatteristiċi tekniċi tal-programm, tirrispondi għal evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fis-swieq finanzjarji konsistenti mal-ħtiġijiet tat-test ta' neċessità.

181. Finalment, għandu jsir riferiment għall-possibbiltà ddikjarata mill-BVerfG li l-programm OMT, f'termini ta' interpretazzjoni konformi, jista' jiġi suġġett għal karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk li jinsabu fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, li jneħħu d-dubji tagħha dwar il-validità tal-miżura. Din il-possibbiltà għandha tiġi evalwata issa, meta nindirizzaw it-test ta' neċessità, peress li jekk jeżistu miżuri alternattivi inqas restrittivi, kif issuġġerit mill-qorti tar-rinviju fil-punt 100 tad-digriet tar-rinviju tagħha, dan jikkonferma li l-programm OMT ikun inkompatibbli ma' dan it-test.

182. Madankollu, nikkunsidra li l-alternattivi ssuġġeriti mill-qorti tar-rinviju jinvolvu r-riskju li l-effikaċja tal-programm OMT tiġi kkontestata b'mod serju. Kif ġie espost mill-BĊE u l-Kummissjoni, għandu jiġi aċċettat li limitazzjoni kwantitattiva *ex ante* tal-operazzjonijiet tax-xiri ta' titoli tad-dejn pubbliku ddgħajjef l-effettività mfittxa permezz tal-intervent fis-suq sekondarju, bir-riskju ta' operazzjonijiet spekulattivi.

183. Bl-istess mod, jidher aċċettabbli li r-rikonoxximent ta' status ta' kreditur ippreferut għall-BĊE jġib fid-dubju l-pożizzjoni tal-krедituri l-oħrajn u indirettament l-impatt finali fuq il-valur tat-titoli fis-suq sekondarju. Kif enfasizzat il-Kummissjoni, il-fatt li l-investituri huma attirati mit-titoli tad-dejn tal-Istat ikkonċernat, u mhux viċi versa, jikkontribwixxi wkoll għal żieda fid-domanda għat-titoli, bit-tnaqqis sussegwenti tar-rati tal-interessi. Meta jiġi rrikonoxxut lill-BĊE l-istatus tiegħu ta' kreditur mingħajr privileġġi, dan jikkontribwixxi biex tiġi żgurata standardizzazzjoni iktar effettiva tal-prezzijiet tas-suq tat-titoli tad-dejn, li, imbagħad, jgħin biex tiġi żgurata s-solvenza tagħhom f'terminu medju u fit-tul , bit-tnaqqis tar-riskji li jirriżulta minn dan.

184. Għaldaqstant, nikkunsidra li s-salvagwardji introdotti mill-BĊE huma biżżejjed biex inkunu nistgħu naslu għall-konklużjoni li l-programm OMT, fit-termini li huma deskritti fl-istqarrija għall-istampa msemmija, jirrispetta t-test ta' neċessità, irrispettivament mill-fatt li dan huwa kkonfermat fl-att ġuridiku li eventwalment japprova l-programm.

– It-test tal-proporzjonalità fis-sens strett

185. Fl-aħħar nett, għandu jiġi analizzat jekk il-miżura kkontestata tibbilanċjax l-elementi kollha tagħha, b'tali mod li ma tkunx sproporzjonata.

186. Fl-analiżi tat-test tal-proporzjonalità fis-sens strett, dan it-tielet stadju jeħtieġ eżaminazzjoni li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tirrikjedi li jiġi analizzat jekk il-"vantaġġi" tal-miżura kkontestata jegħlbux l-"ispejjeż" [83]. B'mod ċar, dan jinvolvi eżaminazzjoni li teħtieġ evalwazzjoni tal-benefiċċji u l-ispejjeż kollha, li jistgħu jiġu rrappreżentati kif ġej: minn naħa waħda, il-programm OMT jippermetti lill-BĊE jintervjeni f'kuntest eċċezzjonali sabiex jirkupra l-istrumenti tiegħu tal-politika monetarja u għalhekk jiżgura l-effettività tal-mandat tiegħu; min-naħa l-oħra, din hija miżura li tesponi lill-BĊE għal riskju finanzjarju, minbarra l-periklu morali li jikkawża t-tfixkil fittizju tal-valur tat-titoli tad-dejn tal-Istat ikkonċernat.

83 — Ara Tridimas, T., *The General Principles of EU Law*, 2ª ed., 2010, Ed. Oxford University Press, Oxford, 2010, kapitolu 3.

187. Ippermettuli nerġa' nfakkar li l-istħarriġ tal-proporzjonalità li għandu jsir f'dan il-każ għandu jipprovdi lill-BĊE marġni wiesa' ta' evalwazzjoni. Dan ifisser, b'mod partikolari fit-tielet stadju tal-istħarriġ tal-proporzjonalità, li l-eżaminazzjoni li hija meħtieġa mill-BĊE f'każ bħal dak għall-programm OMT tippermetti marġni wiesa' ta' evalwazzjoni, sakemm ma jkunx hemm żbilanċ li l-isproporzjon tiegħu jkun evidenti.

188. Għandu jiġi osservat ukoll li l-proporzjonalità fis-sens strett ta' programm bħall-OMT tista' tiġi mkejla biss b'mod komplut fid-dawl ta' attivazzjoni eventwali tiegħu u, b'mod partikolari, tad-dimensjonijiet li jista' jikseb. Dak li se nipprovdi iktar 'il quddiem huwa bbażat fuq l-informazzjoni dwar il-programm li hija pprovduta permezz tal-istqarrija għall-istampa.

189. L-appellanti fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-BVerfG, enfasizzaw li l-applikazzjoni tal-programm OMT tesponi lill-BĊE u, finalment lill-kontribwenti tal-Istati Membri, għal riskju eċċessiv li jista' jwassal eventwalment anki għall-falliment tal-istituzzjoni. Dan, kif jirriżulta ċar, huwa prezz għoli u urġenti, li kapaċi jostakola l-benefiċċji offruti permezz tal-programm OMT.

190. Kif iddikjara fid-dettall ir-rappreżentat ta' P. Gauweiler, l-applikazzjoni tal-programm OMT tfisser li l-BĊE se jinkorpora fil-bilanċ tiegħu titoli ta' solvenza dubjuża u fi kwantitajiet kbar ħafna li, fil-każ ta' inadempjenza, iwasslu għall-falliment tal-BĊE. Għalhekk, il-fatt li l-programm OMT ma fih ebda limitu fil-livell tax-xiri tat-titoli jibdel din l-ipoteżi f'xenarju reali, li l-okkorrenza tagħha tikkonferma n-natura sproporzjonata tal-miżura.

191. F'dan ir-rigward, il-BĊE enfasizza kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu kif ukoll f'dawk orali li l-interventi tiegħu fis-suq sekondarju għal dejn pubbliku huma suġġetti għal limiti kwantitattivi, iżda mhux b'mod preċedenti jew ġuridikament stabbilit minn qabel. Skont il-BĊE, il-programm OMT ma jistax jitħabbar bħala mezz ta' xiri limitat, inkella jikkontribwixxi biex jikkawża attakk spekulattiv li jdgħajjef l-iskop tal-programm. Bl-istess mod, jekk il-BĊE jħabbar *ex ante* l-volum eżatt tax-xiri, il-miżura wkoll titlef il-potenzjal tagħha bl-istess mod. Għalhekk, is-soluzzjoni sostnuta mill-BĊE tikkonsisti fit-tħabbir li mhux se jiġu stabbiliti limiti kwantitattivi *ex ante* fir-rigward tal-volum tax-xiri, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-istituzzjoni għandha l-limiti kwantitattivi tagħha internament, li l-ammont tagħhom ma jistax jiġi żvelat għal raġunijiet strateġiċi li huma, essenzjalment, maħsuba biex jiżguraw l-effikaċja tal-programm OMT.

192. Mil-lat tal-proporzjonalità fis-sens strett, naħseb li n-nuqqas ta' limitu kwantitattiv *ex ante* ma jikkostitwixxix element biżżejjed *per se* biex din il-miżura titqies bħala sproporzjonata.

193. Fil-fatt, kull operazzjoni f'suq finanzjarju tinvolvi riskju, li huwa sostnut mill-atturi kollha li jipparteċipaw fih. Ir-rendimenti li joffru s-swieq finanzjarji lill-investituri huma proporzjonali għar-riskji meħuda, li ġeneralment huma relatati mad-daqs tas-suċċess jew tal-falliment potenzjali tal-investiment. Is-suq tad-dejn pubbliku, bħal kwalunkwe suq finanzjarju ieħor, huwa suġġett għall-istess loġika. L-investituri kollha li jipparteċipaw fih jagħmlu dan bħala riżultat tal-għarfien li s-suċċess tal-investiment tagħhom jista' jiddependi fuq fatturi aleatorji u imprevedibbli.

194. Kif inhu magħruf, il-banek ċentrali jintervjenu fis-suq tad-dejn pubbliku, u għalhekk l-operazzjonijiet tax-xiri jew l-arranġamenti għal xiri mill-ġdid ta' titoli ta' dejn pubbliku jiffurmaw parti mill-istrumenti ta' politika monetarja, bħala modi kif tiġi kkontrollata l-bażi monetarja. Meta jintervjenu f'dan is-suq, il-banek ċentrali dejjem jieħdu ċertu riskju, riskju li ttieħed ukoll mill-Istati Membri meta ddeċidew li joħolqu l-BĊE.

195. Fuq il-bażi ta' din il-premessa, l-oġġezzjonijiet dwar ir-riskju żejjed meħud mill-BĊE jkunu fondati jekk l-istituzzjoni twettaq ammont ta' xiri li *inevitabbilment* iwassal għal sitwazzjoni ta' falliment. Madankollu, u għar-raġunijiet li se nispjega issa, ma jidhirx li din hija sitwazzjoni li se tinħoloq minħabba l-programm OMT.

196. Skont kif inhu mfassal il-programm OMT, ċertament il-BĊE huwa espost għal riskju, iżda mhux neċessarjament riskju ta' falliment. Ir-riskju jeżisti mingħajr dubju peress li ser isir xiri ta' titoli minn Stat f'diffikultajiet finanzjarji, li l-kapaċità tagħhom biex jagħmlu tajjeb l-impenn tagħhom tad-dejn hija kompromessa. Huwa ċar li l-BĊE jieħu riskju meta jixtri titoli ta' Stat f'sitwazzjoni simili, imma nemmen li dawn ma humiex riskji li huma differenti fil-kwalità minn riskji oħrajn li jista' jieħu l-BĊE f'punti oħra tal-attività normali tiegħu.

197. Huwa ġeneralment aċċettat li l-fatt li Stat ikollu problemi ta' likwidità mhux bilfors ifisser li dak l-Istat huwa ddestinat biex ma jħallasx id-dejn tiegħu. Stat jista' jsofri problemi temporanji ta' likwidità u, fl-istess ħin, ikun Stat solventi. Il-kriżijiet suċċessivi li kien hemm fis-snin tmenin u disgħin jikkonfermaw din ir-realtà [84].Għalhekk, il-fatt li l-programm OMT jiffoka fuq titoli maħruġa minn Stat jew Stati suġġetti għal programm ta' assistenza finanzjarja ma jfissirx awtomatikament li dawn l-Istati ma humiex se jħallsu d-dejn tagħhom totalment jew parzjalment. Il-fatt li tali Stat jew Stati huma suġġetti għal kundizzjonalità mmirata biex ittejjeb l-elementi fundamentali makroekonomiċi tagħha, flimkien mal-fatt li l-Istati jkunu inkorporati f'suq intern, fil-qafas ta' Unjoni bbażata fuq il-kooperazzjoni u l-lealtà fost il-membri tagħha, jista' pjuttost jikkonferma li programm ta' assistenza finanzjarja jipprovdi lill-Istat ikkonċernat biżżejjed għajnuna biex jagħmel tajjeb l-impenji tiegħu fil-futur.

198. Barra minn hekk, l-għan fit-tul tal-programm OMT, l-iżblokk tal-mekkaniżmi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, jinkiseb permezz tat-tnaqqis tar-rati tal-interessi tat-titoli tad-dejn sakemm jintlaħqu livelli kkunsidrati konsistenti mas-suq u mas-sitwazzjoni makroekonomika tal-Istat ikkonċernat. Il-BĊE fakkar f'diversi okkażjonijiet li l-għan tal-programm OMT ma huwiex li jnaqqas ir-rati tal-interessi fuq it-titoli tad-dejn sakemm jiġu jaqblu ma' dawk ta' Stati Membri oħrajn, iżda li jnaqqashom sa livelli kkunsidrati koerenti mas-suq u mas-sitwazzjoni makroekonomika li, imbagħad, jippermettu lill-istituzzjoni tuża l-istrumenti tagħha ta' politika monetarja b'mod effettiv. Dan ifisser li, preċiżament minħabba l-attivazzjoni tal-programm OMT, jiġi suppost li l-Istat ikkonċernat jista' joħroġ dejn fuq kundizzjonijiet li jirriżultaw iktar sostenibbli għall-finanzi tiegħu u li għalhekk, konsegwentement, jiżdiedu l-possibbiltajiet tiegħu li jagħmel tajjeb għall-impenji tiegħu. Fi kliem ieħor, l-intervent tal-BĊE għandu oġġettivament jikkontribwixxi biex l-Istat ikun jista' jagħmel tajjeb għall-impenji tiegħu fil-futur, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju li tieħu l-istituzzjoni meta tattiva l-programm OMT.

199. Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' limiti kwantitattivi oġġettivi għall-volumi tax-xiri tikkonferma d-daqs limitat tar-riskju. Kif irrikonoxxa l-BĊE nnifsu, dawn il-limiti li jeżistu, ma humiex pubbliċi għal raġunijiet strateġiċi, iżda jservu biex jillimitaw l-esponiment tal-istituzzjoni. Bl-istess mod, il-BĊE ddikjara li jekk tinstab żieda eċċessiva fil-volum tad-dejn maħruġ minn Stat Membru kkonċernat mill-programm OMT, dan jinterrompi t-twettiq tiegħu. Dan ifisser li jekk Stat jiddeċiedi jieħu l-opportunità li jipprovdi x-xiri ta' dejn tal-BĊE fis-suq sekondarju sabiex jissellef eċċessivament, għalkemm f'kundizzjonijiet iktar favorevoli milli dawk eżistenti qabel l-intervent tal-BĊE, l-istituzzjoni mhux se tieħu dan ir-riskju. Dan jikkonferma li f'sitwazzjoni ta' falliment tal-BĊE stess, l-applikazzjoni tal-programm OMT tiġi sospiża. Fi kliem ieħor, il-BĊE ma jiħux riskji li jistgħu jwassluh għal sitwazzjoni ta' falliment.

200. Ovvjament din hija evalwazzjoni pproġettata fuq l-eventwalità ta' twettiq tal-programm OMT, iżda nqis li huwa essenzjali, jekk għandha tiġi kkonfermata l-proporzjonalità stretta tal-programm OMT, li l-limitazzjoni tar-riskji stipulata mill-BĊE tiġi mwettqa b'mod effettiv fil-mument tal-applikazzjoni ta' dak il-programm.

201. B'kunsiderazzjoni ta' dan, u bi tweġiba għall-argumenti ta' hawn fuq, nemmen li l-BĊE, meta ħabbar il-programm OMT, kien eżamina sew il-benefiċċji u l-ispejjeż.

84 — F'dan ir-rigward, ara Sunkel, O. and Griffith-Jones, S., *Debt and Development Crises in Latin America: The End of An Illusion*, Ed. Oxford University Press, Oxford, 1989

– Konklużjoni intermedja

202. Fil-qosor, u fid-dawl ta' dak li ġie stabbilit fil-punti preċedenti, il-programm OMT miftiehem mill-BĊE, kif jirriżulta mill-karatteristiċi tekniċi stipulati fl-istqarrija għall-istampa, ma jiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dawn it-termini, il-programm OMT jista' jiġi kkunsidrat leġittimu bil-kundizzjoni li, jekk jiġi implimentat, ikun hemm konformità stretta mar-rekwiżiti ta' għoti ta' motivazzjoni u l-proporzjonalità.

c) Risposta għall-ewwel domanda preliminari

203. Finalment, u bħala risposta għall-ewwel domanda preliminari tal-BVerfG, inqis li l-programm OMT huwa kompatibbli mal-Artikoli 119 u 127 TFUE, paragrafi 1 u 2, dejjem u sakemm, fil-każ li dan il-programm jiġi applikat, il-BĊE

— ma jagħmel ebda intervent dirett fuq il-programmi ta' assistenza finanzjarja li jkun marbut magħhom il-programm OMT,

— u jikkonforma b'mod strett mal-obbligu ta' għoti ta' motivazzjoni u r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

B – *It-tieni domanda preliminari: il-kompatibbiltà tal-programm OMT mal-Artikolu 123(1) TFUE (projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati taż-żona euro)*

204. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-BVerfG tistaqsi jekk il-programm OMT, meta jippermetti x-xiri mill-BĊE tad-dejn tal-Istati Membri taż-żona euro fis-suq sekondarju, iwettaqx ksur tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 123(1) TFUE, li skontu huwa pprojbit ix-xiri dirett mingħand l-Istati Membri ta' strumenti ta' dejn mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali.

205. Skont il-BVerfG, għalkemm il-programm OMT formalment jissodisfa l-kundizzjoni espressament stabbilita fl-imsemmi Artikolu 123(1) TFUE, li jirreferi biss għal xiri ta' dejn fis-suq primarju, jikkunsidra, madankollu, li permezz tal-programm imsemmi jista' jevita dik il-projbizzjoni, peress li l-interventi tal-BĊE fis-suq sekondarju jirriżultaw, bħax-xiri fis-suq primarju, f'miżura ta' għajnuna finanzjarja permezz tal-politika monetarja. Insostenn ta' dan l-approċċ, il-BVerfG tirreferi għall-karatteristiċi tekniċi differenti tal-programm OMT: ir-rinunzja tad-drittijiet, ir-riskju ta' inadempjenza, iż-żamma tat-titoli sal-maturità, il-ħin possibbli tax-xiri u l-istimolu għax-xiri fis-suq primarju. Dawn kollha għandhom ikunu indikazzjonijiet ċari tal-effett tal-evitar tal-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE.

1. Pożizzjoni tal-partijiet intervenjenti

206. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkunsidraw, u permezz ta' argumenti li jaqblu fuq ħafna aspetti, li l-programm OMT jikser l-Artikolu 123(1) TFUE. F'dan is-sens, dawn iżidu mad-dubji tal-qorti tar-rinviju rigward l-aspetti konkreti tal-programm li jikkonfermaw li l-programm imsemmi jevita l-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE.

207. R. Huber jenfasizza b'mod partikolari li permezz tax-xiri tad-dejn pubbliku fis-suq sekondarju jkun qiegħed jitwettaq evitar tal-projbizzjoni tal-Artikolu 123(1) TFUE speċifikament dik prevista fl-aħħar inċiż tal-paragrafu. Min-naħa tiegħu, B. Bandulet jenfasizza r-riskju eċċessiv meħud mill-BĊE meta jagħmel xiri bħal dak previst fil-programm OMT, filwaqt li fl-istess ħin jikkritika l-kollettivizzazzjoni tat-telf li dan jinvolvi, b'riżultat oppost għat-Trattati u għall-prinċipju ta' nuqqas ta' għoti ta' salvataġġ finanzjarju.

208. J.H. Stein jappoġġja wkoll l-effett imsemmi tal-evitar tal-projbizzjoni, filwaqt li jenfasizza wkoll l-impatt ta' miżura bħall-programm OMT fuq is-suq tal-Unjoni. Fl-opinjoni tiegħu, ix-xiri massiv ta' dejn pubbliku jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-suq intern u jirriżulta wkoll fi ksur tal-Artikolu 51 TFUE u tal-Protokoll 27 dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni.

209. L-Istati kollha li intervjenew f'din il-proċedura, kif ukoll il-Kummissjoni u l-BĊE, jiddefendu l-kompatibbiltà tal-programm OMT mal-Artikolu 123(1) TFUE, billi jikkunsidraw li x-xiri ta' dejn pubbliku fis-suq sekondarju huwa pprovdut espressament fit-Trattati. Huma jindikaw li l-Artikolu 123(1) TFUE jipprojbixxi biss ix-xiri dirett ta' dejn pubbliku ta' Stat Membru, filwaqt li l-Artikolu 18(1), tal-Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE espressament jagħti s-setgħa lill-BĊE u lill-Banek Ċentrali tal-Istati Membri biex iwettqu dawn it-tipi ta' operazzjonijiet.

210. Fl-istess ħin, madankollu, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika Portugiża, kif ukoll il-Kummissjoni u l-BĊE, jirrikonoxxu li l-aħħar inċiż tal-Artikolu 123(1) TFUE fih ukoll projbizzjoni ta' evitar, jiġifieri, projbizzjoni ta' twettiq ta' operazzjonijiet li jkollhom l-istess effett bħal xiri dirett ta' dejn pubbliku. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata permezz tar-Regolament Nru 3603/93, speċifikament is-seba' premessa tiegħu.

211. F'dan ir-rigward, diversi Stati, bħar-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Franċiża u l-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni, jikkunsidraw li l-BĊE ma jkunx wettaq dan l-evitar tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 123(1) TFUE, jekk ikun iggarantit li t-titolu maħruġ mill-Istat ikkonċernat kien laħaq prezz fil-kundizzjonijiet tas-suq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u dejjem sakemm il-miżura ssegwi għan ta' politika monetarja, ma jkun hemm ebda ksur tal-Artikolu 123(1) TFUE.

212. F'dan ir-rigward, l-Istati intervenjenti, il-Kummissjoni u l-BĊE jiċħdu li l-karatteristiċi msemmijin ifissru l-inkompatibbiltà tal-programm OMT mal-Artikolu 123(1) TFUE. It-termini li huma previsti fihom dawn il-karatteristiċi tekniċi fl-istqarrija għall-istampa, kif ukoll l-abbozzi ta' Deċiżjoni relatati mal-programm OMT miktuba mill-BĊE iżda li għadhom jistennew approvazzjoni, jikkonfermaw it-tħassib speċjali tal-BĊE fl-evitar ta' tfixkil fis-suq li jmur kontra l-Artikolu 123(1) TFUE. B'mod partikolari, jiġi enfasizzat, bħala prova tal-prekawzjonijiet ipprovduti mill-BĊE, il-fatt li x-xiri ta' dejn ikun kundizzjonali fuq ir-rekwiżiti tal-politika monetarja, in-nuqqas ta' avviż minn qabel li jindika l-ħin jew il-volum tax-xiri, il-possibbiltà ta' sospensjoni jew limitu tax-xiri skont il-volum ta' ħruġ tal-Istat ikkonċernat, l-oppożizzjoni tal-BĊE għall-aċċettazzjoni ta' ristrutturar tad-dejn, kif ukoll l-eżistenza ta' "perijodu ta' embargo" bejn id-data tal-ħruġ u d-data tax-xiri mill-BĊE fis-suq sekondarju.

213. Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tal-Artikolu 123(1) TFUE, li taqbel mal-identità kostituzzjonali tal-Istati Membri. Wara li tenfasizza l-kuntest li fih tqum din id-domanda preliminari, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja temmen li l-interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu għandha tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri.

2. Analiżi

214. B'mod simili għar-risposta tiegħi għad-domanda preċedenti, nibda billi niddefinixxi l-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE, fil-kuntest iktar wiesa' tal-pożizzjoni tagħha fil-formazzjoni tal-Unjoni ekonomika u monetarja. Imbagħad, se nindirizza l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-programm OMT mal-imsemmi artikolu, filwaqt li nindirizza b'mod individwali kull waħda mill-karatteristiċi tekniċi indikati mill-qorti tar-rinviju.

a) Il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati Membri (l-Artikolu 123(1) TFUE) u x-xiri ta' dejn pubbliku mill-BĊE

215. L-Unjoni ekonomika u monetarja li llum il-ġurnata tikkostitwixxi l-Unjoni hija rregolata minn sett ta' prinċipji li jikkonċernaw kemm l-għanijiet tagħha kif ukoll il-limiti tagħha, li jirriżultaw kollettivament bħala l-"qafas kostituzzjonali" tagħha. F'dak li jirrigwarda r-rilevanza tagħha, it-Trattati jistabbilixxu dawn il-prinċipji b'mod espliċitu, filwaqt li jagħmluhom elementi riġidi u mhux disponibbli għall-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, li jistgħu jiġu mibdulin biss permezz ta' proċedura normali ta' riforma tat-Trattati. Jekk fost l-għanijiet għandu jiġi enfasizzat il-mandat taż-żamma tal-istabbiltà fil-prezzijiet u l-kisba tal-istabbiltà finanzjarja (l-Artikoli 127(1) TFUE u 282 TFUE), il-limiti l-iktar simboliċi huma l-projbizzjoni ta' salvataġġ tal-Istati Membri (l-Artikolu 125 TFUE) u l-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju lill-Istati Membri (l-Artikolu 123 TFUE).

216. It-tieni projbizzjoni hija dik li tapplika għalina f'dan il-każ, iżda huwa ċar li jista' jinkiseb ftehim ċar tagħha jekk nikkunsidraw l-oriġini tagħha, is-sistema li hija parti minnha u l-għanijiet sottostanti tagħha. Se niffoka ftit fuq dan iktar 'il quddiem, filwaqt li nuża l-appoġġ tal-evalwazzjonijiet li diġà kellhom l-okkażjoni li jagħmlu fuq l-Artikolu 123 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll l-Avukat Ġenerali (EU:C:2012:675) tagħha fil-kawża Pringle (EU:C:2012:756).

217. Ix-xogħlijiet preparatorji li wasslu għat-Trattat ta' Maastricht, test fejn għall-ewwel darba deher dak li llum huwa l-Artikolu 123 TFUE (dak li kien l-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), juru li waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin tan-negozjaturi responsabbli għall-ħolqien ta' disinn istituzzjonali tal-Unjoni ekonomika u monetarja kienet iż-żamma ta' dixxiplina baġitarja soda li ma tikkompromettix il-funzjonament effiċjenti tal-munita unika[85]. Il-possibbiltà ta' Stati Membri b'kontijiet pubbliċi riskjużi tkun xenarju li diffiċli jkun kompatibbli kemm ma' tkabbir stabbli fiż-żona euro kif ukoll mal-għodod limitati tal-politika monetarja tal-BĊE. Meta l-Istati taż-żona euro jittrasferixxu l-kompetenzi tagħhom tal-politika monetarja lil istituzzjoni komuni, iżda fl-istess ħin iżommu l-kompetenzi tagħhom fil-qasam ekonomiku, kien jirriżulta essenzjali li jiġu żgurati l-mezzi neċessarji biex jiggarantixxu r-rigorożità fiż-żamma tal-kontijiet tal-Istati taż-żona euro[86]. Ir-riżultat ta' dan it-tħassib huma r-regoli dwar id-dixxiplina baġitarja stipulati fl-Artikolu 126 TFUE, li skontu l-Istati Membri jkunu suġġetti għal ċerti miri ta' defiċit baġitarju, kif ukoll il-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 125 u 123 TFUE, li jipprojbixxu, rispettivament, il-finanzjament tal-Istati Membri permezz ta' Stati oħra, jew tal-BĊE jew tal-banek ċentrali tal-Istati Membri.

218. Għalhekk, l-Artikolu 123 TFUE jirrifletti tħassib preżenti f'dawk li fasslu l-arkitettura istituzzjonali tal-Unjoni ekonomika u monetarja, għal liema raġuni ġie deċiż li fid-dritt primarju tiġi introdotta projbizzjoni assoluta fuq kwalunkwe formuli ta' finanzjament tal-Istati Membri li jwasslu biex jikkompromettu l-għanijiet tad-dixxiplina fiskali stabbiliti fit-Trattati. Waħda minn dawk il-formuli pprojbiti hija dik li tissejjaħ "finanzjament monetarju", li permezz tiegħu bank ċentrali, istituzzjoni bil-kapaċità li toħroġ il-flus, takkwista titoli ta' dejn ta' Stat. Huwa ċar li dan it-tip ta' finanzjament jista' jikkompromettti l-kapaċità ta' dan l-Istat biex jiffaċċja l-impenji finanzjarji tiegħu fiż-żmien medju u fit-tul, filwaqt li jista' jkun sors sinjifikanti ta' inflazzjoni fil-prezzijiet. Sa fejn politika ekonomika u monetarja komuni tippresupponi l-eżistenza ta' Stati b'kontijiet pubbliċi sodi u politika li l-prijorità tagħha hija ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet, huwa ċar li, f'ċirkustanzi bħal dawn, il-mekkaniżmu ta' finanzjament monetarju jikkompromettti dawk l-għanijiet b'mod serju.

85 — Ara r-Rapport Delors, iċċitat fil-punt 51, b'mod partikolari, il-punt 30 tiegħu.

86 — Ara Siekmann, H., "Law and Economics of Monetary Union", f'Eger, T. u Schäfer, H.-B., *Research Handbook, on the Economics of European Union Law*, Ed. E. Elgar, Cheltenham-Northampton, 2012, p. 370 *et seq.*

219. Dan iġiegħlni naħseb li l-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tikkontribwixxi, fil-livell tal-Unjoni, u kif diġà indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Pringle b'riferiment għall-Artikolu 125 TFUE, "għat-twettiq ta' għan superjuri, jiġifieri ż-żamma ta' stabbiltà finanzjarja tal-Unjoni monetarja"[87]. Finalment, il-projbizzjoni inkwistjoni tikseb l-istatus ta' regola fundamentali tal-"qafas kostituzzjonali" li tirregola l-Unjoni ekonomika u monetarja, li l-eċċezzjonijiet għaliha għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv.

220. Barra minn hekk, jekk l-Artikolu 123 TFUE jinqara b'mod sistematiku dan mhux biss jikkonferma l-importanza tal-prinċipju tal-projbizzjoni, iżda wkoll in-natura limitattiva tiegħu. B'kuntrast mal-Artikolu 125 TFUE, li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli "jassumu" jew "ikunu responsabbli" għall-impenji ta' Stat Membru ieħor, l-Artikolu 123 TFUE jidher li huwa miktub f'termini iktar stretti. Dan il-kuntrast bejn iż-żewġ artikoli ġie enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Pringle[88], fejn ġiet ikkonfermata l-kompatibbiltà mal-Artikolu 125 TFUE tal-miżuri li jwasslu biex jagħtu krediti bejn l-Istati Membri, li, għall-kuntrarju, huwa espressament ipprojbit mill-Artikolu 123 TFUE, bl-esklużjoni ta' kull awtorizzazzjoni biex "jagħtu self kurrenti jew kwalunkwe tip ieħor ta' kreditu".

221. Madankollu, l-interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 123 TFUE tipprovdi wkoll kwalifika importanti fl-ambitu tal-projbizzjoni. Din tinvolvi, kif ser jiġi diskuss iktar 'il quddiem, it-trattament speċifiku ppjanat għall-operazzjonijiet tax-xiri mill-BĊE u l-banek ċentrali tal-Istati Membri ta' dejn pubbliku tal-Istati Membri.

222. Il-ħruġ tad-dejn pubbliku huwa wieħed mis-sorsi ewlenin tal-finanzjament disponibbli għal Stat. Min jixtri mingħand Stat emittenti t-titoli tad-dejn pubbliku tiegħu, skont id-definizzjoni, ikun qiegħed jiffinanzjah, direttament jew indirettament, u jagħmel dan skont kumpens li jibdel in-negozju legali f'tip ta' self. Is-sid tat-titolu ta' dejn pubbliku jkollu dritt ta' kreditu kontra l-Istat Membru emittenti, u għalhekk isir kreditur tiegħu. L-Istat joħroġ it-titolu skont rata ta' interessi inizjalment iffurmata fil-mument tal-ħruġ u jiġi ddeterminat skont il-provvista u d-domanda. Għalhekk, it-tranżazzjoni mwettqa miż-żewġ partijiet, l-Istat emittenti u l-akkwirent tat-titolu tad-dejn pubbliku, tirrifletti l-istess struttura bħal dik tal-għoti ta' kreditu. Dan kollu jispjega b'mod suffiċjenti li l-Artikolu 123(1) TFUE jinkludi klawżola finali, li permezz tagħha jiġi pprojbit ukoll "ix-xiri dirett mingħand dawn [l-Istati Membri] ta' strumenti ta' debitu mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali".

223. Oriġinarjament, din il-klawżola hija żieda introdotta fil-fażi finali tat-tħejjija tat-Trattat ta' Maastricht[89], u l-inklużjoni tagħha tinftiehem biss jekk jiġi kkunsidrat l-Artikolu 18(1), tal-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE. Kif diġà ġie spjegat hawn fuq, din id-dispożizzjoni tal-Istatut tippermetti lill-BĊE u lill-Banek Ċentrali joperaw fis-swieq finanzjarji, billi jixtru u jbigħu fil-mument, jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' self, ta' kreditu, u li jkunu trasferibbli. Dawn it-tipi ta' operazzjonijiet huma fundamentali u essenzjalment iservu l-għan li s-SEBĊ jikkontrolla l-bażi monetarja taż-żona euro, inklużi fosthom dawk relatati max-xiri ta' dejn pubbliku fis-suq sekondarju[90].

87 — Sentenza Pringle (EU:C:2012:756) iċċitata iktar 'il fuq, punt 135.

88 — *Ibidem*, punt 132.

89 — Qabbel l-abbozz propost f'dak li kien 104A(1)(a), tal-abbozz tat-trattat li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea sabiex tiġi stabbilita unjoni ekonomika u monetarja, il-Bullettin tal-Komunitajiet Ewropej, suppliment 2/91, mal-abbozzar finali tiegħu, li huwa dak fis-seħħ illum fl-Artikolu 123 TFUE. Rigward in-negozjati li wasslu għall-formulazzjoni tal-Artikolu 123 attwali tat-TFUE, ara Conthe, M., "El Tratado de la Unión Europea: la Unión Económica y Monetaria", f'VVAA, *España y el Tratado de la Unión Europea. Una aproximación al Tratado elaborada por el equipo negociador en las Conferencias Intergubernamentales sobre la Unión Política y la Unión Económica y Monetaria*, Ed. Colex, 1994, p. 295-297.

90 — Rigward l-operazzjonijiet tas-suq miftuħ awtorizzati mill-Artikolu 18(1), tal-Istatut, ara l-Linji Gwida tal-BĊE tal-20 ta' Settembru 2011, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema, fir-riformulazzjoni tiegħu (BĊE/2011/14).

224. Għalhekk, u kif ġie kkonfermat mill-BĊE b'risposta għad-domandi magħmula waqt is-seduta orali, l-aħħar klawżola tal-Artikolu 123(1) TFUE, għandha tiġi interpretata flimkien mal-Artikolu 18(1) tal-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE, u huwa biss b'dan il-mod li tingħata kopertura legali lil miżura ta' politika monetarja tradizzjonali, li tikkonsisti fix-xiri ta' titoli ta' dejn pubbliku fis-suq sekondarju. Kieku l-aħħar klawżola tal-Artikolu 123(1) TFUE ma kinitx teżisti, l-Artikolu 18(1), tal-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE kellu jiġi interpretat fis-sens li jeskludi l-operazzjonijiet fuq titoli tad-dejn pubbliku fis-suq sekondarju, li jċaħħad lill-Eurosistema minn għodda kruċjali għaż-żamma normali tal-politika monetarja.

225. Iżda wara li ntqal dan, u minħabba l-importanza tal-Artikolu 123 TFUE, jidher ċar li ma huwiex biżżejjed li l-BĊE jillimita ruħu biex jixtri titoli ta' dejn pubbliku fis-suq sekondarju biex jiġi evitat li jmur kontra l-projbizzjoni ta' dan l-artikolu. Għall-kuntrarju ta' dan, nemmen li fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 123 TFUE hija meħtieġa l-applikazzjoni ta' approċċ li jagħti attenzjoni partikolari lill-kontenut materjali tal-miżura. Dan l-approċċ, li jintuża spiss mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, għandu japplika wkoll għall-Artikolu 123 TFUE, kif, barra minn hekk, irrikonoxxew l-Istati Membri intervenjenti kollha, il-Kummissjoni u l-BĊE nnifsu.

226. Dan it-tħassib jidher rifless ukoll fid-dritt derivat, b'mod partikolari fir-Regolament Nru 3603/93, adottat qabel it-twaqqif tal-BĊE, li jinkludi riferiment espliċitu għall-projbizzjoni ta' evitar tal-mandat ta' dak l-artikolu. Fis-seba' premessa tiegħu, ir-Regolament 3603/93 jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex, b'mod partikolari, "l-akkwisti fis-suq sekondarju [jintużaw] biex jinħarab l-iskop ta' dan l-Artikolu" [91].

227. Finalment, nemmen li l-Artikolu 123(1) TFUE, mhux biss jipprojbixxi x-xiri dirett fis-suq primarju, iżda wkoll jimpedixxi lill-BĊE u lill-banek ċentrali nazzjonali milli jwettqu operazzjonijiet fis-suq sekondarju li l-effett tagħhom ikun li jevitaw il-projbizzjoni msemmija hawn fuq. Fi kliem ieħor, it-Trattat ma jipprojbixxix l-operazzjonijiet fis-suq sekondarju, iżda jeħtieġ li, meta l-BĊE jintervjeni fih, jagħmel dan b'garanziji suffiċjenti li jippermettu li jirrikonċilja l-intervent tiegħu mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju.

228. B'kunsiderazzjoni ta' dan, issa għandu jiġi evalwat jekk il-programm OMT, li skontu l-BĊE jintervjeni fis-suq sekondarju tad-dejn pubbliku, lil hinn mir-rispett tiegħu għall-kliem tal-klawżola finali tal-Artikolu 123(1) TFUE, jistax jipprovdi miżura li tindirizza l-evitar tal-projbizzjoni stabbilita f'dan l-artikolu.

b) Il-programm OMT u l-kompatibbiltà tiegħu mal-projbizzjoni fl-Artikolu 123(1) TFUE.

229. Preċedentement, u qabel l-eżaminazzjoni tal-programm OMT mill-perspettiva speċifika tal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tal-Istati li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE, nixtieq inwissi li din ir-risposta hija bbażata fuq il-premessa li l-implementazzjoni eventwali tal-programm OMT sseħħ b'konformità stretta mal-prinċipju ta' proporzjonalità, li diġà semmejt fir-risposta li nipproponi għall-ewwel domanda. Huwa fuq din il-bażi li diversi approċċi li se niddiskuti hawn taħt għandhom jiġu interpretati.

91 — L-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament Nru 3603/93, iżid, permezz tas-subparagrafu ii), li jikkostitwixxu "kull tip ieħor ta' faċilità ta' kreditu" "kull finanzjament ta' l-obbligi tas-settur pubbliku vis-a-vis partijiet terzi".

230. Kif diġà ppremettejt, il-BVerfG, kif ukoll ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jemmnu li l-programm OMT iwettaq ksur tal-Artikolu 123(1) TFUE sa fejn jevita l-projbizzjoni msemmija f'dak l-artikolu. Għal dak il-għan, il-qorti tar-rinviju tenfasizza sett ta' karatteristiċi tekniċi li, fl-opinjoni tagħha, jikkonfermaw din il-konklużjoni. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri intervenjenti, il-Kummissjoni u l-BĊE kkontestaw din l-evalwazzjoni tal-BVerfG, preċiżament fuq il-bażi tal-istess karatteristiċi tekniċi.

231. Kif se jintwera iktar 'il quddiem, id-dubji tal-BVerfG huma bbażati fuq interpretazzjoni partikolari tal-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012. Il-BĊE kkontesta din l-interpretazzjoni u pprovda elementi ta' evidenza bħala sostenn għall-argument tiegħu. Fl-opinjoni tiegħu, il-karatteristiċi tekniċi jfissru wkoll li joperaw bħala sett ta' garanziji maħsuba biex jevitaw l-evitar tal-Artikolu 123 TFUE.

232. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ser nanalizza b'mod individwali l-karatteristiċi indikati mill-qorti tar-rinviju.

i) Rinunzja tad-drittijiet u status *pari passu*

233. Ir-rinunzja totali jew parzjali fil-ħtieġa tat-twettiq tad-drittijiet ta' kreditu inkorporati fit-titoli tad-dejn pubbliku tal-Istat ikkonċernat mill-programm OMT hija l-ewwel karatteristika li, skont il-BVerfG, tista' tagħmlu miżura li jmur kontra l-Artikolu 123(1) TFUE. Fl-opinjoni tal-qorti tar-rinviju, kif ukoll ta' diversi rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-fatt li l-BĊE u l-banek ċentrali ma jkollhomx status ta' kreditur privileġġjat (*pari passu*) u jistgħu jiġu mġiegħla jaċċettaw rinunzja totali jew parzjali tal-ftehim tar-ristrutturar[92], jibdel il-miżura f'mezz indirett ta' finanzjament tal-Istat debitur.

234. Dan l-argument ma jikkonvinċinix. L-ewwel, ma rridux ninsew li r-riskju ta' rinunzja totali jew parzjali huwa pproġettat biss f'xenarju futur u ipotetiku tar-ristrutturar tad-dejn tal-Istat debitur, li ma jkunx, biex ngħidu hekk, element inerenti għall-programm OMT. Kif diġà kelli l-okkażjoni nargumenta fil-punti 193 u 194 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-teħid ta' riskji huwa inerenti għall-attività ta' bank ċentrali, b'tali mod li l-okkorrenza ta' avveniment bħal dak li tindika l-qorti tar-rinviju ma tistax tinbidel, minn sempliċi possibbiltà waħda, f'konsegwenza neċessarja tal-implementazzjoni tal-programm.

235. Barra minn hekk, il-BĊE ddikjara fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li l-istituzzjoni dejjem tivvota kontra rinunzja totali jew parzjali fil-qafas ta' ristrutturar suġġetta għal "CAC". Dan ifisser li l-BĊE mhux ser jikkontribwixxi b'mod attiv biex iseħħ ir-ristrutturar, iżda jaġixxi billi jsegwi l-ħlas sħiħ tad-dritt tal-kreditu inkorporat fit-titolu. Il-fatt li l-BĊE jaġixxi biex jiżgura l-integrità tad-dritt jikkonferma li l-aġir tiegħu mhux immirat biex jipprovdi benefiċċju finanzjarju lill-Istat debitur, iżda li jiżgura konformità mal-obbligu ta' dak l-Istat.

236. Fl-aħħar nett, naħseb li għandu jiġi nnotat ukoll il-fatt li akkwist mill-BĊE ta' dejn ta' Stat Membru bħala kreditur mhux privileġġjat inevitabbilment jinvolvi ċertu tfixkil fis-suq li, madankollu, naħseb li huwa tollerabbli mill-perspettiva tal-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE. B'kuntrast ma' dan, u kif diskuss fil-punt 183 ta' dawn il-konklużjonijiet, ix-xiri bħala kreditur privileġġjat għandu effett ta' diżinċentiv fuq investituri oħrajn, peress li jagħtu messaġġ li kreditur sinjifikanti, f'dan il-każ bank ċentrali, jieħu preċedenza fil-pagament meta mqabbel mal-oħrajn, bl-impatt sussegwenti fuq id-domanda għat-titoli. Finalment, nemmen li l-klawżoli *pari passu* jistgħu jitqiesu bħala mezz immirat biex il-BĊE jwettaq tfixkil minimu fuq il-funzjonament normali tas-suq, li, finalment jipprovdi garanzija addizzjonali għall-konformità mal-Artikolu 123(1) TFUE.

92 — Fir-rigward tal-klawżoli konvenzjonali previsti għal każijiet ta' ristrutturar (*Collective Action Clauses*, "CAC"), ir-ristrutturar jibqa' suġġett għal regola ta' maġġoranzi fost il-kredituri. Rigward il-klawżoli CAC u r-rwol tal-BĊE, ara Hofmann, C., "Enfranchisement and Disenfranchisement in Collective Action Clauses", f'Bauer, K-A., Cahn, A. u Kenadjian, S (eds.), *Collective Action Clauses and the Restructuring of Sovereign Debt*, Institute for Law and Finance Series, Ed., De Gruyter, 2013, p. 56 *et seq.*

237. Għalhekk, jien nikkunsidra li l-fatt li l-BĊE jista' jkun, fil-każ ipotetiku ta' ristrutturar tad-dejn ta' Stat Membru, obbligat li jirrinunzja totalment jew parzjalment għad-drittijiet ta' kreditu inklużi fit-titoli tad-dejn pubbliku, bħala riżultat ta' attivazzjoni eventwali tal-programm OMT, ma huwiex ekwivalenti għal miżura ta' finanzjament monetarju li tmur kontra l-Artikolu 123(1) TFUE.

ii) Riskju ta' inadempjenza

238. Il-BVerfG tenfasizza wkoll li x-xiri ta' titoli ta' dejn pubbliku, sa ċertu punt prevedibbli, taħt klassifikazzjoni tal-kreditu tesponi lill-BĊE għal riskju ta' inadempjenza eċċessiv u għalhekk huwa inkompatibbli mal-Artikolu 123(1) TFUE. Għalkemm il-qorti tar-rinviju stess tirrikonoxxi li t-teħid ta' riskji huwa inerenti fl-attività ta' bank ċentrali, hija temmen li t-Trattati ma jawtorizzawx l-esponiment għal telf ta' ammont sinjifikanti.

239. Għal darb'oħra, nirreferi għall-argumenti diġà msemmija fil-punti 193 sa 198 ta' dawn il-konklużjonijiet, fejn irreferejt fid-dettall għat-teħid tar-riskji mill-BĊE. Nemmen li dan ir-raġunament huwa perfettament applikabbli għall-aspett attwali, peress li, kif intqal qabel, it-tbassir, li huwa sinjifikanti bħala prinċipju, ta' sitwazzjoni ta' falliment tal-BĊE, jew ta' inadempjenza fuq id-dejn ta' Stat Membru, ma jibdilx ir-riskju f'ċertezza, minħabba dan l-uniku fatt. Il-fatt li programm tax-xiri ta' dejn pubbliku jesponi lill-BĊE għal riskju huwa, wieħed jittama, xi ħaġa inerenti f'operazzjonijiet bħal dawn, b'tali mod li għandhom jitqajmu dubji dwar il-legalità biss meta l-kundizzjonijiet tekniċi tal-programm, jew l-applikazzjoni ulterjuri speċifika tiegħu, jikkonfermaw li l-BĊE jiffaċċja b'mod konklużiv xenarju ta' inadempjenza.

240. Fil-fatt, il-karatteristiċi tekniċi tal-programm OMT ma jindikawx li l-BĊE huwa espost, b'ċertu livell ta' prevedibbiltà, għal xenarju bħal dak indikat mill-BVerfG. Għandu jitfakkar li l-għan ċentrali tal-programm OMT huwa li jistabbilizza r-rati tal-interessi applikabbli għal ċerti titoli tad-dejn pubbliku bl-għan aħħari ta' rkupru tal-istrumenti tal-politika monetarja. Madankollu, l-għan immedjat, it-tnaqqis tal-prezz tal-finanzjament tal-Istat ikkonċernat, jikkontribwixxi preċiżament biex dan jirkupra l-kapaċità tiegħu li jiffaċċja l-obbligi tiegħu fit-terminu medju u fit-tul. Il-kuntest li fih isir il-programm OMT huwa mmirat lejn l-eliminazzjoni jew għall-inqas it-tnaqqis kunsiderevoli tar-riskju. Għal darb'oħra, kif diġà enfasizzat fil-punt 198 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fatt li l-operazzjonijiet imħabbra fil-programm OMT, meqjusa kollha kemm huma, jistgħu jikkonfermaw l-intenzjoni tal-BĊE biex jipprevjeni jew jimpedixxi proċeduri ftit jew wisq irrazzjonali li jiġġeneraw jew iżidu r-riskji b'mod sinjifikanti, jikkonferma li miżura bħal dik inkwistjoni ma tinvolvix evitar tal-projbizzjoni tal-Artikolu 123 TFUE.

241. Nemmen, fil-qosor, li l-intenzjoni msemmija tal-BĊE ġiet akkreditata b'bażi suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li x-xiri ta' titoli tad-dejn publiku għalkemm taħt klassifikazzjoni ta' kreditu baxx, suxxettibbli li jesponi lill-BĊE għal riskju relattiv ta' inadempjenza, ma jipprekludix bħala tali, fiċ-ċirkustanzi deskritti, il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju taħt l-Artikolu 123(1) TFUE.

iii) Żamma sal-maturità

242. Il-BVerfG tafferma wkoll li ż-żamma tad-dejn pubbliku sal-maturità tiegħu tista' ma tkunx konformi mal-Artikolu 123(1) TFUE peress li tikkontribwixxi biex titnaqqas l-offerta ta' obbligi li jiċċirkulaw fis-suq sekondarju, u b'hekk jinbidel l-iżvilupp normali tal-kontribuzzjonijiet.

243. Huwa minnu, kif targumenta l-BVerfG, li jekk il-BĊE jixtri dejn pubbliku taħt l-obbligu li jżommu sakemm jimmatura dan iwassal għal tibdil serju fis-suq sekondarju tad-dejn. Is-suq sekondarju tad-dejn pubbliku jiddependi fuq inverstitur, il-BĊE, b'portafoll ta' dejn pubbliku sinjifikanti li ma jiċċirkulax f'dak is-suq, tkun xi tkun l-evoluzzjoni tal-kontribuzzjoni tiegħu.

244. Min-naħa tiegħu, il-BĊE rrisponda billi enfasizza li fl-ebda ħin ma jintqal fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012 li t-titoli tad-dejn pubbliku akkwistati taħt il-programm OMT se jinżammu sal-maturità tagħhom[93].

245. L-argumenti mressqa mill-BĊE jidhru konklużivi. Mhux biss minħabba li l-istituzzjoni ddikjarat li l-intenzjoni tagħha ma tikkonsistix fiż-żamma tat-titoli tad-dejn li tixtri sal-maturità tagħhom, iżda minħabba li hekk jidher li sar fi programmi preċedenti fejn il-BĊE wettaq f'suq sekondarju tad-dejn pubbliku[94]. Dan huwa raġonevoli, peress li l-BĊE spjega li l-interventi fis-suq sekondarju għandhom ikunu kkaratterizzati minn livell ta' flessibbiltà kunsiderevoli li jippermetti lill-istituzzjoni twettaq il-programm OMT u, fl-istess ħin, twettaq tranżazzjonijiet li ma jiġġenerawx telf u li, ma jbiddlux is-suq b'mod eċċessiv. Nemmen li flessibbiltà li l-BĊE għandu l-intenzjoni li jeżerċita, kif iddikjarat fl-abbozz tad-Deċiżjoni, hija konsistenti mal-ħtiġijiet stipulati preċedentement. Bl-istess mod, il-fatt li l-programm OMT jiffoka esklużivament fuq operazzjonijiet fuq titoli b'maturita ta' bejn sena u tliet snin, jikkonferma li l-BĊE ħa prekawzjonijiet biex jevita kemm ir-riskju ta' telf kif ukoll dak ta' tibdil tas-suq.

246. Fl-aħħar nett, jidher ċar li l-programm OMT ma fih, kif huwa magħruf, l-ebda element li jwassal biex wieħed jaħseb f'impenn espress, kemm fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, jew fil-possibbiltà tal-implementazzjoni tal-programm, li jżomm it-titoli tad-dejn pubbliku sal-maturità tagħhom. Għalhekk għandhom jiġu miċħuda d-dubji mqajma mill-BVerfG f'dan ir-rigward.

iv) Mument temporali tax-xiri

247. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li l-fatt li l-BĊE jikseb dejn pubbliku fis-suq sekondarju għal ammont sinjifikanti u mingħajr tbassir tad-distanza temporali rigward il-mument tal-ħruġ għandu effett simili bħal dak ta' xiri dirett fis-suq primarju, bi ksur tal-Artikolu 123(1) TFUE.

248. Jidher li għandu jiġi ddikjarat li xiri fis-suq sekondarju mwettaq ftit sekondi wara l-ħin tal-ħruġ tat-titoli fis-suq primarju jista' jivvolatilizza d-distinzjoni bejn iż-żewġ swieq, għalkemm dan diġà seħħ fis-suq sekondarju. Fil-fatt, din ma hijiex ipoteżi li tiġi kompletament eskluża peress li, kif ġie stabbilit f'diversi osservazzjonijiet bil-miktub u orali ppreżentati f'din il-proċedura, operazzjoni fis-suq sekondarju tista' sseħħ ftit mumenti wara li jkun sar xiri dirett mill-Istat emittenti.

249. Il-BĊE insista li dan it-tħassib tal-BVerfG huwa infondat, mill-mument li fih l-operazzjonijiet imwettqa taħt il-programm OMT ikunu suġġett għal dak li jissejjaħ "perijodu ta' embargo", li skontu l-Eurosistema ma twettaq ebda operazzjoni mill-mument tal-ħruġ sakemm ikunu għaddew numru ta' ġranet, għalkemm ma ġiex imħabbar *ex ante*. Dan il-perijodu ta' żmien jippermetti l-formazzjoni ta' prezz fis-suq għat-titoli korrispondenti. Il-BĊE għalhekk ma jintervjenix fil-mument tal-ħruġ, iżda jiem wara, ladarba jkun ġie ffurmat prezz fis-suq.

250. Nemmen li l-oġġezzjoni mqajma mill-BVerfG ma hijiex bla bażi quddiem l-ipoteżi ta' dak li B. Bandulet isejjaħlu kważi-simultanjetà. Prattika bħal din f'termini prattiċi tevita l-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 123(1) TFUE, li jidher ukoll il-każ tal-BĊE nnifsu, li ripetutament jiddikjara li ma wettaqx xiri ta' dan it-tip fil-passat, u lanqas ma hu se jwettaqhom taħt il-programm OMT[95].

251. Madankollu, l-istqarrija għall-istampa ma għandhiex twassal għall-konklużjoni li se jiġi rrispettat "perijodu ta' embargo" partikolari.

93 — Mhux biss ma huwiex stabbilit obbligu għaż-żamma tat-titoli sal-maturità tagħhom, iżda skont il-BĊE, l-abbozz tad-Deċiżjoni dwar l-OMT jistabbilixxi b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-BĊE jbigħ it-titoli minn qabel.

94 — Dan ikun il-każ, kif ġie nnotat mill-BĊE, tas-*Securities Market Programme* (minn hawn 'il quddiem "SMP"), fejn it-titoli mhux neċessarjament jinżammu sal-maturità.

95 — Skont kif jiddikjara l-BĊE fl-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub, il-programm SMP, qabel il-programm OMT, kien fih ukoll perijodu ta' embargo.

252. Fil-fehma tiegħi, nemmen li programm OMT eventwali, bil-għan li jirrispetta b'mod sostanzjali d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 123(1) TFUE għandu jippermetti li t-titoli tad-dejn pubbliku kkonċernati jkollhom opportunità reali, għalkemm fiċ-ċirkustanzi partikolari inkwistjoni, li jiġi ffurmat prezz tas-suq għalihom, b'tali mod sa ċertu punt tinżamm effettiva d-differenza bejn ix-xiri ta' titoli fis-suq primarju u dak fis-suq sekondarju.

253. Għandu, madankollu, u finalment, jiġi nnotat li ma huwiex indispensabbli li l-"perijodu ta' embargo" inkwistjoni jkun speċifiku u pubblikament stabbilit bil-quddiem. Barra minn hekk, kif spjega b'mod korrett il-BĊE, huwa neċessarju li jiġi evitat perijodu qasir wisq li jikser l-Artikolu 123(1) TFUE, iżda wkoll perijodu twil wisq li jikkawża sovrappożizzjoni ma' operazzjonijiet oħra li jkunu għaddejjin li jwassal biex ikun hemm distorsjoni tal-effettività tal-programm OMT. Jidher plawsibbli li l-BĊE għandu marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni preċiża tat-termini, sakemm tkun possibbli opportunità reali li l-prezz tat-titoli jkun sostanzjalment konformi mal-valuri tas-suq.

254. Għalhekk, nemmen li sabiex il-programm OMT ikun konformi mal-Artikolu 123(1) TFUE għandu, fejn xieraq, jitwettaq skont termini li jippermettu l-formazzjoni ta' prezz fis-suq għat-titoli tad-dejn pubbliku kkonċernati.

v) Stimolu tax-xiri fis-suq primarju

255. Fl-aħħar nett, il-BVerfG tenfasizza li t-tħabbir tat-twettiq tal-programm OMT f'każ partikolari se jkollu l-effett ta' stimolu għax-xiri fis-suq primarju, biex b'hekk jinħoloq effett ta' sejħa fejn il-BĊE jsir "sellief tal-aħħar istanza", bit-teħid tar-riskji konsegwenti li dan jimplika.

256. Il-BĊE, min-naħa tiegħu, kif ukoll il-Kummissjoni, jenfasizzaw li din l-evalwazzjoni hija bbażata fuq premessa żbaljata, peress li tippresupponi l-eżistenza ta' tħabbira pubblika u qabel it-tqegħid fis-seħħ tal-operazzjonijiet tax-xiri min-naħa tal-BĊE. Mill-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012 ma jidhirx li l-BĊE se jġib ruħu b'tali mod, iżda pjuttost l-oppost, peress li tħabbira minn qabel u fid-dettall li tispjega l-mument eżatt meta se jsir dan ix-xiri tmur kontra l-għanijiet tal-programm OMT.

257. Naqbel mal-fehma tal-BĊE u l-Kummissjoni. Ma hemm xejn fl-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012 li jindika li l-BĊE se jinforma minn qabel u fid-dettall dwar il-karatteristiċi tal-programm partikolari li ser jiġi applikat, u lanqas dwar il-ħin preċiż meta jibdew l-operazzjonijiet. B'kuntrast ma' dan, il-prattika preċedenti tal-BĊE fil-qasam ta' programmi simili, kif ukoll l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-programm OMT fil-punt li jikkonċerna l-perijodi ta' embargo, juru li l-istituzzjoni tuża kawtela speċjali meta tintervjeni fis-suq sekondarju, bil-għan li tevita mġiba spekulattiva li tnaqqas l-effettività tal-programm OMT.

258. L-oġġezzjoni tal-qorti tar-rinviju tagħmel sens jekk, fil-fatt, il-BĊE jwettaq politika ta' komunikazzjoni pubblika ddettaljata li tikkawża bidla immedjata tas-suq fi kwalunkwe ħin partikolari u bħala konsegwenza tat-tħabbir minn qabel tal-BĊE. Nemmen li ma huwiex mistenni li sseħħ din l-imġiba, u dan huwa kkonfermat permezz tal-prattika preċedenti tal-BĊE.

259. Madankollu, u b'kunsiderazzjoni ta' dak li ntqal qabel, għal darb'oħra huwa meħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-fatt li l-applikazzjoni tal-programm OMT tinkorpora ċertu livell ta' inċitament biex l-investituri jixtru dejn fis-suq primarju, hija konsegwenza inevitabbli skont il-karatteristiċi partikolari ta' dak il-programm. Jekk l-għan immedjat tal-programm OMT huwa li jitnaqqsu sakemm jiġu standardizzati r-rati tal-interessi mitluba minn ċerti Stati Membri, bil-għan, naturalment, li jiġu żblukkati l-mezzi ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, huwa ovvju li din l-istandardizzazzjoni tkun ibbażata fuq domanda ikbar fis-suq primarju. Għalhekk l-inkoraġġiment għax-xiri huwa prattikament inerenti għall-programm OMT.

260. Dak li huwa essenzjalment importanti huwa li dawn l-effetti fuq l-operaturi ekonomiċi jkunu konformi mal-għan li l-programm OMT, jekk applikabbli, ikun mistenni li jissodisfa, li jerġa' jfakkarna fl-importanza li, mill-perspettiva tal-projbizzjoni inkwistjoni, jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

261. Fuq kollox, nemmen li, kif jirriżulta mill-istqarrija għall-istampa tas-6 ta' Settembru 2012, ma hemmx biżżejjed elementi li juru li l-attivazzjoni tal-programm OMT toħloq, bħala konsegwenza tal-attivazzjoni u t-tħabbira tiegħu, stimolu sproporzjonat għax-xiri tad-dejn pubbliku fis-suq primarju.

3. Risposta għat-tieni domanda preliminari

262. Fl-aħħar nett, u bħala risposta għat-tieni domanda preliminari tal-BVerfG, nemmen li l-programm OMT huwa kompatibbli mal-Artikolu 123(1) TFUE, dejjem u sakemm, fil-każ li jiġi applikat tali programm, jitwettaq f'ċirkustanzi temporali li effettivament jippermettu l-formazzjoni ta' prezz fis-suq tat-titoli tad-dejn pubbliku.

## VII – **Konklużjoni**

263. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Bundesverfassungsgericht kif ġej:

"1) Il-programm *Outright Monetary Transactions* (OMT) tal-Bank Ċentrali Ewropew, imħabbar fis-6 ta' Settembru 2012, huwa kompatibbli mal-Artikoli 119 u 127(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dejjem u sakemm, fil-każ li jitwettaq tali programm, il-Bank Ċentrali Ewropew

— ma jintervjenix b'mod dirett fil-programmi ta' assistenza finanzjarja li jkun marbut magħhom il-programm OMT,

— u jikkonforma b'mod strett mal-obbligu tal-għoti ta' motivazzjoni u r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

2) Il-programm OMT huwa kompatibbli mal-Artikolu 123(1) TFUE, dejjem u sakemm, fil-każ li jitwettaq tali programm, jitwettaq f'ċirkustanzi temporali li effettivament jippermettu l-formazzjoni ta' prezz fis-suq tat-titoli tad-dejn pubbliku".